Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għas-Sajd

2024/2126(INI)

10.2.2026

EMENDI
1 - 274

Abbozz ta' rapport
Stéphanie Yon-Courtin
(PE781.431v01-00)

L-impatt tal-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/89/UE dwar l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu fuq is-sajd f'żoni tas-sajd u f'baċiri tal-baħar magħżula
(2024/2126(INI))

Emenda 1
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kummissjoni tat-3 ta' Mejju 2022 lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill li jiddeskrivi l-progress li sar fl-implimentazzjoni tad-Direttiva 2014/89/UE li tistabbilixxi qafas għall-ippjanar tal-ispazju marittimu,

Or. en

Emenda 2
Eric Sargiacomo, Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-direttivi dwar il-kwalità tal-ilma u l-kontroll tat-tniġġis (id-Direttiva 2000/60/KE, id-Direttiva 2008/105/KE, id-Direttiva (UE) 2024/3019, id-Direttiva 91/676/KEE, id-Direttiva 2005/35/KE, ir-Regolament (KE) Nru 1907/2006),

Or. fr

Emenda 3
Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2024/1991 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2024 dwar ir-restawr tan-natura u li jemenda r-Regolament (UE) 2022/869,

Or. en

Emenda 4
Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030 – Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna" (COM(2020)0380), u r-riżoluzzjoni tiegħu tad-9 ta' Ġunju 2021 dwarha,

Or. en

Emenda 5
Eric Sargiacomo, Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 6b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Kodiċi ta' Kondotta għal Sajd Responsabbli tal-2011 tal-FAO, b'mod partikolari l-Artikolu 10 tiegħu,

Or. fr

Emenda 6
Isabella Lövin

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 8a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tas-6 ta' Ottubru 2022 bit-titolu "Momentum favur l-Oċeani: tisħiħ tal-Governanza u l-Bijodiversità tal-Oċeani",

Or. en

Emenda 7
Eric Sargiacomo, Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra d-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni bit-titolu "Rapport tal-Kummissjoni lill-Kunsill u lill-Parlament Ewropew dwar il-valutazzjoni tal-Kummissjoni tal-programmi ta' miżuri tal-Istati Membri, kif aġġornati fl-ambitu tal-Artikolu 17 tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (2008/56/KE),

Or. fr

Emenda 8
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-Rapport Speċjali 2023 tal-Qorti Ewropea tal-

Awdituri bit-titolu "Il-politika tal-akkwakultura tal-UE – Produzzjoni staġnata u riżultati mhux ċari minkejja finanzjament akbar mill-UE",

Or. en

Emenda 9
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-20 ta' Mejju 2020 bit-titolu "Strateġija tal-UE għall-Bijodiversità għall-2030: Inreġġgħu n-natura lura f'ħajjitna",

Or. en

Emenda 10
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 11c (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Ġunju 2025 bit-titolu "Il-Patt Ewropew għall-Oċeani" (COM(2025)0281),

Or. en

Emenda 11
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Qafas Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal (GBF) tal-2022,

Or. en

Emenda 12
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 13b (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra r-rapport ta' Settembru 2019 tal-Grupp Intergovernattiv ta' Esperti dwar it-Tibdil fil-Klima bit-titolu "Special Report on the Ocean and Cryosphere in a Changing Climate" (Rapport Speċjali dwar l-Oċean u l-Krijosfera fi Klima li qed Tinbidel),

Or. en

Emenda 13
Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Kunsiderazzjoni 15a (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	– wara li kkunsidra l-Linji Gwida Volontarji tal-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO) biex jiġi Żgurat is-Sajd Sostenibbli fuq Skala Żgħira fil-Kuntest tas-Sigurtà tal-Ikel u l-Qerda tal-Faqar (il-Linji Gwida dwar is-Sajd fuq

Skala Żgħira),

Or. en

Emenda 14
Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi ż-żieda fil-kompetizzjoni għall-aċċess għall-ispazju marittimu minn diversi attivitajiet u setturi, bħas-sajd, l-akkwakultura, it-trasport marittimu, it-trasport fuq l-ilma, l-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, il-konservazzjoni tan-natura, it-turiżmu kostali, il-kejbils u l-pipelines ta' taħt l-ilma, jew id-difiża, qed tirriżulta f'żieda fil-kunflitt dwar l-użu tal-ispazju marittimu;	A. billi ż-żieda fil-kompetizzjoni għall-aċċess għall-ispazju marittimu minn diversi attivitajiet u setturi, bħas-sajd, l-akkwakultura, it-trasport marittimu, it-trasport fuq l-ilma, l-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, il-konservazzjoni tan-natura, it-turiżmu kostali, ***it-tbaħħir rikreattiv, operazzjonijiet ta' estrazzjoni u rimi ta' sedimenti f'qiegħ il-baħar permezz tat-tħammil,*** il-kejbils u l-pipelines ta' taħt l-ilma, jew id-difiża, qed tirriżulta f'żieda fil-kunflitt dwar l-użu tal-ispazju marittimu;

Or. en

Emenda 15
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi ż-żieda fil-kompetizzjoni għall-aċċess għall-ispazju marittimu minn diversi attivitajiet u setturi, bħas-sajd, l-akkwakultura, it-trasport marittimu, it-trasport fuq l-ilma, l-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, il-konservazzjoni tan-natura, it-turiżmu kostali, il-kejbils u l-pipelines ta' taħt l-ilma, jew id-difiża, qed tirriżulta f'żieda fil-kunflitt dwar l-użu tal-	A. billi ż-żieda fil-kompetizzjoni għall-aċċess għall-ispazju marittimu minn diversi attivitajiet u setturi, bħas-sajd, l-akkwakultura, it-trasport marittimu, it-trasport fuq l-ilma, ***it-tħammil,*** l-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, il-konservazzjoni tan-natura, ***il-konservazzjoni tal-wirt kulturali taħt l-ilma,*** it-turiżmu kostali, il-kejbils u l-

ispazju marittimu;	pipelines ta' taħt l-ilma, jew id-difiża***, fost affarijiet oħra***, qed tirriżulta f'żieda fil-kunflitt dwar l-użu tal-ispazju marittimu;

Or. pt

Emenda 16
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi ż-żieda fil-kompetizzjoni għall-aċċess għall-ispazju marittimu minn diversi attivitajiet u setturi, bħas-sajd, l-akkwakultura, it-trasport marittimu, it-trasport fuq l-ilma, l-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, il-konservazzjoni tan-natura, it-turiżmu kostali, il-kejbils u l-pipelines ta' taħt l-ilma, jew id-difiża, qed tirriżulta f'żieda fil-kunflitt dwar l-użu tal-ispazju marittimu;	A. billi ż-żieda fil-kompetizzjoni għall-aċċess għall-ispazju marittimu minn diversi attivitajiet u setturi, bħas-sajd, l-akkwakultura, it-trasport marittimu, it-trasport fuq l-ilma, l-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, il-konservazzjoni tan-natura, it-turiżmu kostali, il-kejbils u l-pipelines ta' taħt l-ilma, jew id-difiża, qed tirriżulta f'żieda ***fil-pressjoni kumulattiva fuq l-ekosistemi tal-baħar kif ukoll f'żieda*** fil-kunflitt dwar l-użu tal-ispazju marittimu;

Or. en

Emenda 17
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi ż-żieda fil-kompetizzjoni għall-aċċess għall-ispazju marittimu minn diversi attivitajiet u setturi, bħas-sajd, l-akkwakultura, it-trasport marittimu, it-trasport fuq l-ilma, l-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, il-konservazzjoni tan-natura, it-turiżmu kostali, il-kejbils u l-	A. billi ż-żieda fil-kompetizzjoni għall-aċċess għall-ispazju marittimu minn diversi attivitajiet u setturi, bħas-sajd, l-akkwakultura, it-trasport marittimu, it-trasport fuq l-ilma, l-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, il-konservazzjoni tan-natura, it-turiżmu kostali, il-kejbils u l-

pipelines ta' taħt l-ilma, jew id-difiża, qed tirriżulta f'żieda fil-kunflitt dwar l-użu tal-ispazju marittimu;

pipelines ta' taħt l-ilma, jew id-difiża, qed tirriżulta f'żieda fil-kunflitt dwar l-użu tal-ispazju marittimu***, speċjalment għall-flotot fuq skala żgħira u artiġjanali***; ***;***

Or. en

Emenda 18
Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi ż-żieda fil-kompetizzjoni għall-aċċess għall-ispazju marittimu minn diversi attivitajiet u setturi, bħas-sajd, l-akkwakultura, it-trasport marittimu, it-trasport fuq l-ilma, l-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, il-konservazzjoni tan-natura, it-turiżmu kostali, il-kejbils u l-pipelines ta' taħt l-ilma, jew id-difiża, qed tirriżulta f'żieda fil-kunflitt dwar l-użu tal-ispazju marittimu;	A. billi ż-żieda fil-kompetizzjoni għall-aċċess għall-ispazju marittimu minn diversi attivitajiet u setturi, bħas-sajd, l-akkwakultura, it-trasport marittimu, it-trasport fuq l-ilma, l-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, il-konservazzjoni tan-natura, it-turiżmu kostali, il-kejbils u l-pipelines ta' taħt l-ilma, jew id-difiża, qed tirriżulta f'żieda ***fil-pressjoni fuq l-ekosistemi tal-baħar u*** fil-kunflitt dwar l-użu tal-ispazju marittimu;

Or. en

Emenda 19
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa A

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
A. billi ż-żieda fil-kompetizzjoni għall-aċċess għall-ispazju marittimu minn diversi attivitajiet u setturi, bħas-sajd, l-akkwakultura, it-trasport marittimu, it-trasport fuq l-ilma, l-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, il-konservazzjoni tan-natura, it-turiżmu kostali, il-kejbils u l-pipelines ta' taħt l-ilma, jew id-difiża, qed	A. billi ż-żieda fil-kompetizzjoni għall-aċċess għall-ispazju marittimu minn diversi attivitajiet u setturi, bħas-sajd, l-akkwakultura, it-trasport marittimu, it-trasport fuq l-ilma, l-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, il-konservazzjoni tan-natura, it-turiżmu kostali, ***it-tbaħħir rikreattiv,*** il-kejbils u l-pipelines ta' taħt l-

tirriżulta f'żieda fil-kunflitt dwar l-użu tal-ispazju marittimu;	ilma, jew id-difiża, qed tirriżulta f'żieda fil-kunflitt dwar l-użu tal-ispazju marittimu;

Or. fr

Emenda 20
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi s-sajd u l-akkwakultura huma setturi strateġiċi għas-sigurtà u għas-sovranità tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari f'termini ta' sigurtà tal-ikel, kompetittività, reżiljenza tal-komunitajiet kostali u sovranità marittima; billi l-prodotti tas-sajd Ewropej huma kemm tajbin għas-saħħa kif ukoll jiġu minn sorsi lokali, filwaqt li joffru wieħed mill-aħjar profili f'termini ta' emissjonijiet ta' gassijiet serra għal kull unità ta' proteina li tittiekel;

Or. fr

Emenda 21
Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-ippjanar tal-ispazju marittimu jrid iqis l-attivitajiet u l-operazzjonijiet relatati mad-difiża u mas-sigurtà, bħas-sorveljanza ta' żoni ekonomiċi esklużivi, il-protezzjoni tal-kummerċ marittimu, l-eżerċizzji militari konġunti, il-ġlieda kontra t-traffikar illeċitu, it-tneħħija tal-mini, il-ġlieda

kontra l-piraterija, kif ukoll is-sorveljanza mill-ajru u bis-satellita, u l-interazzjonijiet tagħhom ma' attivitajiet ekonomiċi relatati mal-baħar u mal-ambjent tal-baħar;

Or. en

Emenda 22
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi minħabba l-insularità tagħhom, ir-reġjuni insulari tal-UE bħal Sqallija u Sardenja jiffaċċjaw żvantaġġi strutturali permanenti, li għandhom impatt fuq il-kontinwità territorjali, il-kostijiet tal-produzzjoni, l-aċċess għas-swieq, u l-vijabbiltà ekonomika tal-akkwakultura u tas-sajd;

Or. it

Emenda 23
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-Unjoni Ewropea impenjat ruħha li sal-2030 tpoġġi tal-anqas 30 % taż-żoni tal-ekosistemi tal-baħar u kostali degradati taħt restawr effettiv, sabiex jissaħħu l-bijodiversità u l-funzjonijiet u s-servizzi tal-ekosistemi, l-integrità ekoloġika u l-konnettività;

Or. en

Emenda 24
France Jamet, António Tânger Corrêa, Ton Diepeveen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Aa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Aa. billi l-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta għandha impatt definittiv fuq l-għajbien ta' żoni tas-sajd storiċi għas-sajjieda, b'mod partikolari għas-sajjieda fuq skala żgħira;

Or. fr

Emenda 25
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ab (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ab. billi l-Unjoni Ewropea impenjat ruħha li tiżgura u tippermetti li sal-2030 tal-anqas 30 % taż-żoni tal-baħar u kostali, speċjalment żoni ta' importanza partikolari għall-bijodiversità u għall-funzjonijiet u s-servizzi tal-ekosistemi, jiġu kkonservati u ġestiti b'mod effettiv permezz ta' sistemi ta' żoni protetti ekoloġikament rappreżentattivi, konnessi tajjeb u rregolati b'mod ekwu u miżuri oħra effettivi ta' konservazzjoni bbażati fuq iż-żona;

Or. en

Emenda 26
Eric Sargiacomo, Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi d-Direttiva tal-UE dwar l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu tistabbilixxi qafas komuni għall-Istati Membri biex jorganizzaw l-użu tal-ilmijiet tal-baħar tagħhom u għandha l-għan li tippromwovi l-iżvilupp sostenibbli tal-ekonomija blu u ***li tnaqqas il-kunflitt bejn is-setturi***;	B. billi d-Direttiva tal-UE dwar l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu tistabbilixxi qafas komuni għall-Istati Membri biex jorganizzaw l-użu tal-ilmijiet tal-baħar tagħhom u għandha l-għan li tippromwovi l-iżvilupp sostenibbli tal-ekonomija blu***, iżda xxaqleb favur l-espansjoni ta' attivitajiet b'intensità għolja ta' kapital*** u ***esklużivi għal ċerti spazji, u dan jista' jemarġina l-użi tal-baħar tradizzjonali, mobbli u kollettivi, b'mod partikolari s-sajd***;

Or. fr

Emenda 27
Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi d-Direttiva tal-UE dwar l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu tistabbilixxi qafas komuni għall-Istati Membri biex jorganizzaw l-użu tal-ilmijiet tal-baħar tagħhom u għandha l-għan li tippromwovi l-iżvilupp sostenibbli tal-ekonomija blu u li tnaqqas il-kunflitt bejn is-setturi;	B. billi d-Direttiva tal-UE dwar l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu tistabbilixxi qafas komuni għall-Istati Membri biex jorganizzaw l-użu tal-ilmijiet tal-baħar tagħhom u għandha l-għan li tippromwovi l-iżvilupp ***u t-tkabbir*** sostenibbli tal-ekonomija blu u li tnaqqas il-kunflitt bejn is-setturi; ***ma għandha timponi l-ebda obbligu ġdid ieħor lil hinn mill-acquis eżistenti tal-Unjoni fl-oqsma tal-enerġija, tat-trasport, tas-sajd u tal-ambjent;***

Or. en

Emenda 28
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa B

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
B. billi d-Direttiva tal-UE dwar l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu tistabbilixxi qafas komuni għall-Istati Membri biex jorganizzaw l-użu tal-ilmijiet tal-baħar tagħhom u għandha l-għan li tippromwovi l-iżvilupp sostenibbli tal-ekonomija blu u li tnaqqas il-kunflitt bejn is-setturi;	B. billi d-Direttiva tal-UE dwar l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu tistabbilixxi qafas komuni għall-Istati Membri ***u għat-territorji b'kompetenzi koleġiżlattivi*** biex jorganizzaw l-użu tal-ilmijiet tal-baħar tagħhom u għandha l-għan li tippromwovi l-iżvilupp sostenibbli tal-ekonomija blu u li tnaqqas il-kunflitt bejn is-setturi;

Or. en

Emenda 29
Carmen Crespo Díaz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. Billi, fil-preżent, madwar 70 % tal-ikel blu – il-ħut u l-frott tal-baħar – ikkunsmat fl-Unjoni Ewropea jiġi importat, u dan joħloq dipendenza strutturali fuq sorsi esterni u jdgħajjef is-sovranità tal-ikel tal-Unjoni; billi, fl-istess ħin, il-flotta tas-sajd Ewropea esperjenzat tnaqqis sinifikanti tul l-aħħar deċennju, fejn l-għadd ta' bastimenti niżel għal 69 045 sa tmiem l-2024, li jirrappreżenta tnaqqis ta' aktar minn 13 %[1 a] meta mqabbel mal-2014; billi dan it-tnaqqis, flimkien ma' kompetizzjoni dejjem akbar għall-użu tal-ispazju marittimu, jhedded il-vijabbiltà ekonomika tas-settur, it-tiġdid ġenerazzjonali u l-ħila tal-flotta Ewropea li tikkompeti fuq skala globali; billi l-iżgurar ta' aċċess suffiċjenti, ibbilanċjat u prevedibbli għall-ispazju marittimu huwa għalhekk essenzjali għall-iżvilupp ta' sajd Ewropew kompetittiv, kif rikonoxxut mill-Patt Ewropew għall-Oċeani;

1 a Fatti u ċifri dwar il-politika komuni tas-sajd 2012. Data statistika bażika: 2025.

Or. es

Emenda 30
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi, filwaqt li huwa xieraq li l-Unjoni tipprovdi qafas għall-ippjanar tal-ispazju marittimu, l-Istati Membri jibqgħu responsabbli u kompetenti biex ifasslu u jiddeterminaw, fi ħdan l-ilmijiet tal-ibħra tagħhom, il-formati u l-kontenut ta' tali pjanijiet inklużi arranġamenti istituzzjonali u, meta applikabbli, kwalunkwe apporzjonament tal-ispazju marittimu għall-attivitajiet u għall-użi differenti rispettivament;

Or. en

Emenda 31
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi fl-ambitu tal-qafas għal ippjanar tal-ispazju marittimu stabbilit mid-Direttiva 2014/89/UE, l-Istati Membri kostali kollha fasslu simultanjament l-ippjanar inawgurali tal-ispazji marittimi tagħhom stess, filwaqt li ħadmu flimkien b'effett tajjeb;

Or. pt

Emenda 32
France Jamet, António Tânger Corrêa, Ton Diepeveen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ba (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ba. billi l-intenzjoni tad-direttiva kienet li tippreserva s-sovranità tal-Istati fuq l-ibħra territorjali tagħhom;

Or. fr

Emenda 33
Eric Sargiacomo, Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi d-Direttiva dwar l-MSP tikkontribwixxi għall-protezzjoni ambjentali billi tippromwovi l-użu sostenibbli tal-ispazju marittimu u ***tipprevedi li l-Istati Membri jeħtiġilhom japplikaw approċċ ibbażat fuq l-ekosistema***;	C. billi d-Direttiva dwar l-MSP tikkontribwixxi għall-protezzjoni ambjentali billi tippromwovi l-użu sostenibbli tal-ispazju marittimu ***sabiex jiġi żgurat bilanċ effettiv bejn l-objettivi ambjentali, soċjali*** u ***ekonomiċi, mingħajr ma sistematikament jiġu ssubordinati l-użi tradizzjonali favur l-imperattivi tat-tkabbir ekonomiku***;

Or. fr

Emenda 34
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa C

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
C. billi d-Direttiva dwar l-MSP tikkontribwixxi għall-protezzjoni ambjentali billi tippromwovi l-użu sostenibbli ***tal-ispazju marittimu*** u tipprevedi li l-Istati Membri jeħtiġilhom japplikaw approċċ ibbażat fuq l-ekosistema;	C. billi d-Direttiva dwar l-MSP tikkontribwixxi għall-protezzjoni ambjentali billi tippromwovi l-użu sostenibbli ***tar-riżorsi tal-baħar*** u tipprevedi li l-Istati Membri jeħtiġilhom japplikaw approċċ ibbażat fuq l-ekosistema;

Or. en

Emenda 35
Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa D

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
D. billi d-Direttiva dwar l-MSP hija marbuta mill-qrib mal-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni oħra tal-UE ***u strumenti legali internazzjonali***, bħad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, ir-Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, ***id-Direttivi*** dwar il-Ħabitats u l-Għasafar, id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma u ***l-Qafas*** Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal;	D. billi d-Direttiva dwar l-MSP hija marbuta mill-qrib mal-implimentazzjoni ta' leġiżlazzjoni oħra tal-UE, bħad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, ir-Regolament dwar il-Politika Komuni tas-Sajd, ***id-Direttiva*** dwar il-Ħabitats u ***dik dwar*** l-Għasafar, id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma***[10],*** u ***l-istrumenti legali internazzjonali, bħall-Qafas*** Globali tal-Bijodiversità ta' Kunming-Montreal ***mhux vinkolanti***;
[10] Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2000/60/oj).	[10] Id-Direttiva 2000/60/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2000 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja fil-qasam tal-politika tal-ilma (ĠU L 327, 22.12.2000, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2000/60/oj).

Or. en

Emenda 36
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa E

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
E. billi wara l-adozzjoni tad-Direttiva dwar l-MSP, it-22 Stat Membru b'kosta kienu meħtieġa jaħtru awtoritajiet kompetenti sal-2016 u jadottaw pjanijiet tal-ispazju marittimu nazzjonali għall-ilmijiet ***tal-baħar*** tagħhom sal-31 ta' Marzu 2021;	E. billi wara l-adozzjoni tad-Direttiva dwar l-MSP, it-22 Stat Membru b'kosta kienu meħtieġa jaħtru awtoritajiet kompetenti sal-2016 u jadottaw pjanijiet tal-ispazju marittimu nazzjonali għall-ilmijiet ***tal-ibħra*** tagħhom sal-31 ta' Marzu 2021; ***billi mill-anqas tmien Stati Membri ma kkonformawx ma' dik l-iskadenza li jistabbilixxu u/jew jinnotifikaw il-pjanijiet tal-ispazju marittimu kif meħtieġ mid-Direttiva;***

Or. en

Emenda 37
Eric Sargiacomo, Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi meta jiżviluppaw pjanijiet tal-ispazju marittimu, l-Istati Membri jeħtiġilhom jikkunsidraw aspetti ambjentali, ekonomiċi, soċjali u ta' sikurezza, interazzjonijiet bejn l-art u l-baħar, kooperazzjoni transfruntiera u jiżguraw l-involviment ***tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha***;	G. billi meta jiżviluppaw pjanijiet tal-ispazju marittimu, l-Istati Membri jeħtiġilhom jikkunsidraw aspetti ambjentali, ekonomiċi, soċjali u ta' sikurezza, interazzjonijiet bejn l-art u l-baħar, kooperazzjoni transfruntiera***,*** u jiżguraw l-involviment ***bikri, kontinwu u effettiv tas-sajjieda u tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom matul il-proċess kollu tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u mhux biss f'kapaċità konsultattiva***;

Or. fr

Emenda 38
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi meta jiżviluppaw pjanijiet tal-ispazju marittimu, l-Istati Membri jeħtiġilhom jikkunsidraw aspetti ambjentali, ekonomiċi, soċjali u ta' sikurezza, interazzjonijiet bejn l-art u l-baħar, kooperazzjoni transfruntiera u jiżguraw l-involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha;	G. billi meta jiżviluppaw pjanijiet tal-ispazju marittimu, l-Istati Membri jeħtiġilhom jikkunsidraw aspetti ambjentali, ekonomiċi, soċjali u ta' sikurezza, interazzjonijiet bejn l-art u l-baħar, kooperazzjoni transfruntiera u jiżguraw l-involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha***, inklużi r-reġjuni ultraperiferiċi***;

Or. pt

Emenda 39
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa G

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
G. billi meta jiżviluppaw pjanijiet tal-ispazju marittimu, l-Istati Membri jeħtiġilhom jikkunsidraw aspetti ambjentali, ekonomiċi, soċjali u ta' sikurezza, interazzjonijiet bejn l-art u l-baħar, kooperazzjoni transfruntiera u jiżguraw l-involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha;	G. billi meta jiżviluppaw pjanijiet tal-ispazju marittimu, l-Istati Membri jeħtiġilhom jikkunsidraw aspetti ambjentali, ekonomiċi, soċjali u ta' sikurezza, interazzjonijiet bejn l-art u l-baħar, kooperazzjoni transfruntiera u jiżguraw l-involviment tal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha ***permezz ta' approċċ minn isfel għal fuq***;

Or. it

Emenda 40
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi l-Istati Membri għandhom jikkonsultaw u jikkoordinaw il-pjanijiet tagħhom mal-Istati Membri rilevanti u għandhom jikkooperaw mal-awtoritajiet tal-pajjiżi terzi fir-reġjun tal-baħar ikkonċernat; billi, fid-dawl tad-differenzi bejn reġjuni jew subreġjuni tal-baħar u żoni kostali varji, mhuwiex xieraq li fil-livell tal-Unjoni tiġi preskritta fid-dettall il-forma li tali kooperazzjoni għandha tieħu;

Or. en

Emenda 41
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ga (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ga. billi meta jiżviluppaw il-pjanijiet tal-ispazju marittimu, l-Istati Membri jeħtiġilhom jagħmlu sforz akbar biex jinkludu lis-sajjieda u lil dawk li jiġbru l-frott tal-baħar bil-qoxra biex jiżguraw distribuzzjoni ġusta tal-ispazju tal-baħar u biex jevitaw kunflitti bejn is-setturi;

Or. en

Emenda 42
Eric Sargiacomo, Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi l-effetti tal-ippjanar tal-ispazju marittimu jvarjaw ħafna skont il-bażiri tal-baħar u t-territorji kkonċernati,

	fejn xi reġjuni kostali jiffaċċjaw konċentrazzjoni ogħla ta' restrizzjonijiet tal-ispazji u tal-użi li jikkompetu ma' xulxin, u b'hekk jiġu ggravati l-iżbilanċi territorjali fl-Unjoni;

Or. fr

Emenda 43
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ha (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ha. billi approċċ "kulħadd f'keffa waħda" huwa ta' detriment għall-applikazzjoni ta' din id-Direttiva u għandhom jitqiesu d-differenzi reġjonali;

Or. en

Emenda 44
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi ***l-pjanijiet*** tal-ispazju marittimu jvarjaw ħafna fin-natura u ***l-kontenut***, peress li d-Direttiva dwar l-MSP ***mhijiex vinkolanti u tħalli*** lill-Istati Membri flessibbiltà konsiderevoli fuq l-implimentazzjoni tagħha;	I. billi ***l-kriterji għall-pjanijiet*** tal-ispazju marittimu ***mhumiex preskritti u*** jvarjaw ħafna fin-natura u ***fil-kontenut***, peress li d-Direttiva dwar l-MSP lill-Istati Membri ***tħallilhom*** flessibbiltà konsiderevoli fuq l-implimentazzjoni tagħha;

Or. en

Emenda 45

Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa I

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
I. billi l-pjanijiet tal-ispazju marittimu jvarjaw ħafna fin-natura u ***l-kontenut***, peress li d-Direttiva dwar l-MSP ***mhijiex vinkolanti u tħalli*** lill-Istati Membri flessibbiltà konsiderevoli fuq l-implimentazzjoni tagħha;	I. billi l-pjanijiet tal-ispazju marittimu jvarjaw ħafna fin-natura u ***fil-kontenut***, peress li d-Direttiva dwar l-MSP lill-Istati Membri ***tħallilhom*** flessibbiltà konsiderevoli fuq l-implimentazzjoni tagħha;

Or. en

Emenda 46
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa J

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
J. billi hemm ħtieġa qawwija ta' ppjanar tal-ispazju marittimu (MSP) f'żoni b'konċentrazzjoni għolja ta' attività u spazju marittimu limitat, bħall-Kanal Ingliż ***jew*** il-Baħar ***Baltiku***;	J. billi hemm ħtieġa qawwija ta' ppjanar tal-ispazju marittimu (MSP) f'żoni b'konċentrazzjoni għolja ta' attività u ***bi*** spazju marittimu limitat, bħall-Kanal Ingliż***, il-Baħar Baltiku,*** il-Baħar ***Mediterran u l-gżejjer differenti tiegħu, li jinsabu taħt pressjoni mill-attività tal-bniedem, użi multipli li jikkompetu ma' xulxin u nuqqas ta' alternattivi ta' spazji għas-sajd***;

Or. it

Emenda 47
Sakis Arnaoutoglou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ia (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

Ja. billi fil-Lvant tal-Mediterran, iż-żieda fil-konġestjoni tal-ispazju minħabba użi multipli tal-ispazju marittimu u li spiss jikkompetu ma' xulxin, flimkien ma' frammentazzjoni istituzzjonali u amministrattiva, qed iżżid ir-riskju tal-ispostament tas-sajd fuq skala żgħira; billi s-sajd fuq skala żgħira huwa pilastru kruċjali tal-ekonomiji lokali, tas-sigurtà tal-ikel, tal-koeżjoni soċjali tal-komunitajiet kostali u tal-ġestjoni sostenibbli tal-ekosistemi tal-baħar; u billi l-istituzzjonalizzazzjoni immedjata u bbażata fuq l-evidenza taż-żoni ta' prijorità għas-sajd fuq skala żgħira bbażata fuq data ġeospazjali u soċjoekonomika affidabbli hija essenzjali;

Or. el

Emenda 48
Eric Sargiacomo, Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ja (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ja. billi l-ippjanar tal-ispazju marittimu għandu jikkontribwixxi għall-koeżjoni territorjali tal-Unjoni, f'konformità mal-Artikolu 174 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u billi s-sajd u l-akkwakultura mhumiex biss attivitajiet ekonomiċi, iżda għandhom rwol soċjali fundamentali biex jipprovdu l-għajxien, iżommu l-impjiegi u jippreservaw in-nisġa soċjali u kulturali tal-komunitajiet kostali u tal-gżejjer, b'mod partikolari fir-reġjuni periferiċi u ultraperiferiċi;

Or. fr

Emenda 49

Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi s-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura jinsabu taħt pressjoni ***minn setturi emerġenti tal-ekonomija blu, bħall-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta,*** u ***huma affettwati minn miżuri ta' konservazzjoni tal-baħar***;	K. billi s-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura jinsabu taħt pressjoni ***minħabba l-istat tal-ekosistemi tal-baħar li dejjem sejjer lura u ż-żieda fil-kompetizzjoni għall-ispazju tal-baħar meħtieġ biex jintlaħqu l-miri tal-UE*** u ***dawk internazzjonali b'rabta mal-enerġija rinnovabbli u l-bijodiversità***;

Or. en

Emenda 50
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa K

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
K. billi s-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura jinsabu taħt pressjoni minn setturi emerġenti ***tal-ekonomija blu,*** bħall-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta***, u huma affettwati minn miżuri ta' konservazzjoni tal-baħar***;	K. billi s-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura ***tal-ekonomija blu huma affettwati mill-miżuri ta' konservazzjoni tal-baħar u*** jinsabu taħt pressjoni minn setturi emerġenti bħall-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta;

Or. it

Emenda 51
Siegbert Frank Droese, Volker Schnurrbusch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ka (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ka. billi l-Unjoni Ewropea diġà

timporta aktar minn 60 % tal-frott tal-baħar li tikkonsma, u billi t-telf kontinwu taż-żoni tas-sajd u tal-ispazju marittimu produttiv jikkontribwixxi għal dipendenza dejjem akbar fuq l-importazzjonijiet tal-frott tal-baħar minn barra l-UE, spiss prodotti skont standards ambjentali u soċjali aktar baxxi minn dawk applikabbli għall-produtturi tal-Unjoni, u b'hekk jimminaw is-sovranità tal-ikel, il-koerenza ambjentali u l-vijabbiltà fit-tul tal-komunitajiet kostali;

Or. en

Emenda 52
Eric Sargiacomo, Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ka (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ka. billi ż-żoni protetti tal-baħar huma għodda essenzjali għall-konservazzjoni tal-bijodiversità tal-baħar, iżda l-effettività u l-aċċettabbiltà soċjali tagħhom jiddependu fuq it-tfassil, il-ġestjoni u l-koordinazzjoni tagħhom ma' attivitajiet tas-sajd sostenibbli, b'mod partikolari permezz ta' approċċi differenzjati bbażati fuq data xjentifika u l-parteċipazzjoni tas-sajjieda u tal-komunitajiet kostali;

Or. fr

Emenda 53
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ka (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ka. billi l-enerġija rinnovabbli lil hinn

mill-kosta tkun sostenibbli biss jekk ma jkollha l-ebda impatt negattiv fuq l-ambjent u fuq il-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali, speċjalment fir-reġjuni dipendenti fuq is-sajd;

Or. en

Emenda 54
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Kb (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Kb. billi l-kompetenza li jiddeċiedu dwar it-taħlita enerġetika u t-teknoloġiji nazzjonali tagħhom tibqa' tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 55
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa L

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L. billi t-telf dejjem akbar taż-żoni tas-sajd qed iwassal għall-ispostament tal-attivitajiet tas-sajd, żieda fil-pressjoni tas-sajd u kompetizzjoni bejn il-flotot, u l-għajbien ta' ċerti segmenti, b'mod partikolari fis-sajd fuq skala żgħira;	L. billi t-telf dejjem akbar taż-żoni tas-sajd qed iwassal għall-ispostament tal-attivitajiet tas-sajd, żieda fil-pressjoni tas-sajd u kompetizzjoni bejn il-flotot, u l-għajbien ta' ċerti segmenti, b'mod partikolari fis-sajd fuq skala żgħira; ***billi fir-reġjuni insulari, din is-sitwazzjoni mhux biss qed tipperikola l-attività ekonomika, iżda wkoll il-koeżjoni soċjali, l-impjiegi u li t-tradizzjonijiet marittimi jiġu mgħoddija lil oħrajn;***

Or. it

Emenda 56
Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa L

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L. billi t-telf dejjem akbar taż-żoni tas-sajd qed iwassal għall-ispostament tal-attivitajiet tas-sajd, żieda fil-pressjoni tas-sajd u kompetizzjoni bejn il-flotot, u l-għajbien ta' ċerti segmenti, b'mod partikolari fis-sajd fuq skala żgħira;	L. billi t-telf dejjem akbar taż-żoni tas-sajd qed iwassal għall-ispostament tal-attivitajiet tas-sajd, żieda fil-pressjoni tas-sajd u kompetizzjoni bejn il-flotot, u l-għajbien ta' ċerti segmenti, b'mod partikolari fis-sajd fuq skala żgħira***, inklużi sajjieda tal-miexi, bħal dawk li jiġbru l-frott tal-baħar bil-qoxra***;

Or. en

Emenda 57
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa L

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
L. billi t-telf dejjem akbar taż-żoni tas-sajd qed iwassal għall-ispostament tal-attivitajiet tas-sajd, żieda fil-pressjoni tas-sajd u kompetizzjoni bejn il-flotot, u l-għajbien ta' ċerti segmenti, b'mod partikolari fis-sajd fuq skala żgħira;	L. billi t-telf dejjem akbar taż-żoni tas-sajd qed iwassal għall-ispostament tal-attivitajiet tas-sajd, żieda fil-pressjoni tas-sajd u kompetizzjoni bejn il-flotot, u l-għajbien ta' ċerti segmenti ***li ma jistgħux jirrilokaw l-attivitajiet tagħhom***, b'mod partikolari fis-sajd fuq skala żgħira;

Or. fr

Emenda 58
Eric Sargiacomo, Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa La (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	La. billi t-telf dejjem akbar taż-żoni tas-sajd li jirriżulta mill-kompetizzjoni bejn l-użi marittimi għandu konsegwenzi soċjali diretti, b'mod partikolari f'termini ta' telf ta' impjiegi, nuqqas ta' sigurtà tal-impjiegi tal-ħaddiema marittimi u komunitajiet kostali li jonqsu, speċjalment għas-sajd fuq skala żgħira;

Or. fr

Emenda 59
Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa La (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	La. billi s-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura għandhom valur strateġiku fl-iżgurar tal-provvista ta' ikel b'livell baxx ta' emissjonijiet ta' karbonju, tajjeb għas-saħħa u sostenibbli u fil-kontribut għas-sovranità tal-ikel tal-Unjoni, u dan il-valur strateġiku għandu għalhekk jiġi rikonoxxut kif xieraq u jingħata prijorità fl-ippjanar tal-ispazji tal-baħar;

Or. en

Emenda 60
Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa La (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	La. billi f'konformità mal-Politika Komuni tas-Sajd, l-Istati Membri għandhom jagħmlu ħilithom biex jagħtu aċċess preferenzjali lis-sajjieda fuq skala

żgħira, artiġjanali jew kostali għaż-żoni li jinsabu fi ħdan 12-il mil nawtiku;

Or. en

Emenda 61
Eric Sargiacomo, Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa M

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
M. billi ż-żoni marittimi u kostali qed ibatu l-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima, ***it-tniġġis*** u ***l-iskart*** fil-baħar, li jaffettwaw ukoll l-attivitajiet relatati mal-baħar, ***il-bijodiversità*** tal-baħar u ***r-riżorsi*** tas-sajd;	M. billi ż-żoni marittimi u kostali qed ibatu l-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima, ***tat-tniġġis, b'mod partikolari mis-sustanzi kimiċi niġġiesa*** u ***tal-iskart*** fil-baħar ***jew ibbażat fuq l-art***, li jaffettwaw ukoll l-attivitajiet relatati mal-baħar, ***mal-bijodiversità*** tal-baħar u ***mar-riżorsi*** tas-sajd ***u tal-akkwakultura***;

Or. fr

Emenda 62
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa M

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
M. billi ż-żoni marittimi u kostali qed ibatu l-konsegwenzi tat-tibdil fil-klima, ***it-tniġġis*** u ***l-iskart*** fil-baħar, li jaffettwaw ukoll l-attivitajiet relatati mal-baħar, ***il-bijodiversità*** tal-baħar u ***r-riżorsi*** tas-sajd;	M. billi ż-żoni marittimi u kostali qed ibatu l-konsegwenzi ***tas-sajd eċċessiv,*** tat-tibdil fil-klima, ***tat-tniġġis*** u ***tal-iskart*** fil-baħar, li jaffettwaw ukoll l-attivitajiet relatati mal-baħar, ***mal-bijodiversità*** tal-baħar u ***mar-riżorsi*** tas-sajd;

Or. en

Emenda 63

Eric Sargiacomo, Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Ma (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Ma. billi l-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea biddel b'mod profond il-bilanċ tal-ispazju kif ukoll dak ekonomiku, u tas-sajd f'diversi baċiri tal-baħar, b'mod partikolari l-Kanal Ingliż, il-Baħar tat-Tramuntana u l-ilmijiet tal-Punent, u dan wassal għal konċentrazzjoni akbar tal-attivitajiet tas-sajd tal-Unjoni f'żoni tal-baħar aktar ristretti;

Or. fr

Emenda 64
Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa N

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
N. billi l-professjonisti marittimi, bħas-sajjieda, jistgħu jiffaċċjaw ċerti riskji jew perikli relatati mas-sikurezza tal-bastimenti jew l-esponiment għal ċerti tipi ta' traffikar permezz ta' rotot marittimi;	N. billi l-professjonisti marittimi, bħas-sajjieda, jistgħu jiffaċċjaw ċerti riskji jew perikli relatati mas-sikurezza tal-bastimenti jew l-esponiment għal ċerti tipi ta' traffikar permezz ta' rotot marittimi***, bħat-traffikar tad-droga***;

Or. en

Emenda 65
Eric Sargiacomo, Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Na (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

Na. billi l-ħaddiema fis-setturi tas-sajd u tal-akkwakultura għandhom igawdu kundizzjonijiet tax-xogħol sikuri, ġusti u deċenti u protezzjoni soċjali adegwata, u billi d-deċiżjonijiet dwar l-ippjanar tal-ispazju marittimu jista' jkollhom impatt dirett fuq is-sikurezza, l-introjtu u l-kundizzjonijiet tax-xogħol tas-sajjieda;

Or. fr

Emenda 66
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Na (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Na. billi l-kuntest ġeopolitiku u t-tensjonijiet li qed jikbru jistgħu jwasslu għal żieda fil-preżenza militari u fl-eżerċizzji ta' difiża fl-ilmijiet territorjali tal-Istati Membri, u billi l-kwistjonijiet ta' sigurtà u difiża jistgħu għalhekk ibiddlu l-ippjanar tal-ispazju marittimu f'ċerti żoni;

Or. fr

Emenda 67
Carmen Crespo Díaz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Na (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Na. billi s-sajd huwa attività strateġika għas-sovranità tal-ikel, għall-impjiegi kostali u għall-koeżjoni territorjali tal-Unjoni, u billi s-sostenibbiltà tiegħu tiddependi fuq il-prijoritizzazzjoni tal-aċċess ġust tiegħu għall-ispazju marittimu, mingħajr ma narawh jitħalla jibqa' lura minn setturi emerġenti oħra;

Or. es

Emenda 68
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa O

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
O. billi ħafna mill-pjanijiet tal-ispazju marittimu jkopru biss l-ispazji tal-baħar u ma jinkludux interazzjonijiet bejn l-art u l-baħar;	O. billi ħafna mill-pjanijiet tal-ispazju marittimu jkopru biss l-ispazji tal-baħar u ma jinkludux interazzjonijiet bejn l-art u l-baħar ***u b'mod partikolari l-effetti ta' tniġġis ibbażat fuq l-art fuq l-ekosistemi marittimi***;

Or. fr

Emenda 69
Magdalena Adamowicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Oa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Oa. billi l-Baħar Baltiku huwa kkaratterizzat minn għadd ta' karatteristiċi uniċi, inkluż l-istatus tiegħu bħala baċir tal-baħar nofsu magħluq, il-konċentrazzjoni għolja tiegħu ta' tipi differenti ta' attività ekonomika, inklużi s-sajd, it-trasport marittimu u l-espansjoni tal-enerġija rinnovabbli tal-baħar, u l-vulnerabbiltà tal-ekosistema tiegħu, u billi dawn il-karatteristiċi jitolbu approċċ għall-ippjanar tal-ispazju marittimu li jkun sostenibbli u aġġustat għall-kundizzjonijiet reġjonali;

Or. pl

Emenda 70
Isabella Lövin

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Pa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Pa. billi żoni tal-baħar protetti ġestiti tajjeb u protetti b'mod effettiv jikkontribwixxu għal kisbiet fit-tul permezz tal-irkupru tal-istokkijiet, l-effetti konsegwenzjali fuq żoni kontigwi, u r-reżiljenza għall-ekonomiji kostali;

Or. en

Emenda 71
Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Pa (ġdida)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	Pa. billi l-Istati Membri għadhom ma laħqux il-mira tal-2020 ta' Status Ambjentali Tajjeb (GES) għall-ibħra tal-Ewropa kif meħtieġ mid-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina (MSFD);

Or. en

Emenda 72
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Q

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Q. billi l-ġbir u l-armonizzazzjoni tad-data huma kruċjali biex jiġi ddeterminat kif is-sajd u l-akkwakultura huma inklużi fl-ippjanar tal-ispazju marittimu;	Q. billi l-ġbir u l-armonizzazzjoni tad-data huma kruċjali biex jiġi ddeterminat kif is-sajd u l-akkwakultura huma inklużi fl-ippjanar tal-ispazju marittimu; ***billi hemm kwistjonijiet dwar kif tinġabar u tiġi***

kkompilata d-data, inkluż nuqqas ta' data komprensiva dwar żoni ekonomiċi esklużivi u diffikultajiet fl-integrazzjoni tad-data f'setturi differenti u fil-kisba ta' data mill-awtoritajiet nazzjonali; billi l-Kummissjoni għandha tiġi inkoraġġita talloka aktar finanzjament għal dawn it-tipi ta' attivitajiet ta' ġbir ta' data abbażi tad-daqs u l-profondità taż-żona ekonomika esklużiva ta' kull Stat Membru;

Or. pt

Emenda 73
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Premessa Q

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
Q. billi l-ġbir u ***l-armonizzazzjoni*** tad-data huma kruċjali biex jiġi ddeterminat kif is-sajd u l-akkwakultura huma inklużi fl-ippjanar tal-ispazju marittimu;	Q. billi l-ġbir***, it-trasparenza, l-aċċessibbiltà, l-armonizzazzjoni*** u ***l-ipproċessar raġonevolment rapidu*** tad-data huma kruċjali biex jiġi ddeterminat kif is-sajd u l-akkwakultura huma inklużi fl-ippjanar tal-ispazju marittimu;

Or. it

Emenda 74
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Jiddispjaċih li l-UE naqset milli tilħaq objettivi legali bħal sabiex tikseb Status Ambjentali Tajjeb skont l-MSFD u li ttemm is-sajd eċċessiv skont il-PKS sal-2020, rispettivament;

Or. en

Emenda 75
Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 1a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	1a. Ifakkar li l-Istati Membri għadhom ma laħqux l-objettiv tal-MSFD ta' Status Ambjentali Tajjeb għall-ibħra tal-Ewropa sal-2020 jew l-objettiv tal-PKS li jintemm is-sajd eċċessiv għall-istokkijiet kollha sal-2020;

Or. en

Emenda 76
Eric Sargiacomo, Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jinnota li l-pjanijiet tal-ispazju marittimu huma legalment vinkolanti f'xi Stati Membri u konsultattivi f'oħrajn; jenfasizza li l-implimentazzjoni fl-Istati Membri spiss tiġi mxekkla minn segmentazzjoni istituzzjonali, governanza frammentata u mekkaniżmi legali inadegwati;	3. Jinnota li l-pjanijiet tal-ispazju marittimu huma legalment vinkolanti f'xi Stati Membri u konsultattivi f'oħrajn; jenfasizza li l-implimentazzjoni fl-Istati Membri spiss tiġi mxekkla minn segmentazzjoni istituzzjonali, governanza frammentata u mekkaniżmi legali inadegwati ***jew riżorsi finanzjarji u umani ddedikati insuffiċjenti, b'mod partikolari permezz tal-FEMSA għall-Gruppi ta' Azzjoni Lokali tas-Sajd u l-Akkwakultura***;

Or. fr

Emenda 77
Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
3. Jinnota li l-pjanijiet tal-ispazju marittimu huma legalment vinkolanti f'xi Stati Membri u ***konsultattivi*** f'oħrajn; jenfasizza li l-implimentazzjoni fl-Istati Membri spiss tiġi mxekkla minn segmentazzjoni istituzzjonali, governanza frammentata u mekkaniżmi legali inadegwati;	3. Jinnota li l-pjanijiet tal-ispazju marittimu huma legalment vinkolanti f'xi Stati Membri u ***mhux vinkolanti*** f'oħrajn; jenfasizza li l-implimentazzjoni fl-Istati Membri spiss tiġi mxekkla minn segmentazzjoni istituzzjonali, governanza frammentata u mekkaniżmi legali inadegwati;

Or. en

Emenda 78
Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 3a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	3a. Jenfasizza l-fatt li l-ippjanar tal-ispazju taż-żoni tal-baħar għandu jinkludi l-identifikazzjoni ta' problemi u opportunitajiet, il-ġbir ta' data dwar l-ippjanar, it-teħid ta' deċiżjonijiet, l-implimentazzjoni, u li, bħala parti minn tali ppjanar, għandha tingħata attenzjoni speċjali lis-sajd u lill-akkwakultura.

Or. hr

Emenda 79
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
4. Jenfasizza li l-implimentazzjoni u l-	4. Jenfasizza li l-implimentazzjoni u l-

effettività tal-MSP ivarjaw ħafna bejn ir-reġjuni marittimi tal-UE, b'xi reġjuni, bħall-Baħar Baltiku jew il-Baħar tat-Tramuntana, li huma fil-biċċa l-kbira koperti minn pjanijiet tal-ispazju marittimu, filwaqt li oħrajn, bħall-Baħar Mediterran, għandhom kopertura tal-ippjanar ferm anqas;	effettività tal-MSP ivarjaw ħafna bejn ir-reġjuni marittimi tal-UE, b'xi reġjuni, bħall-Baħar Baltiku jew il-Baħar tat-Tramuntana, li huma fil-biċċa l-kbira koperti minn pjanijiet tal-ispazju marittimu, filwaqt li oħrajn, bħall-Baħar Mediterran, għandhom kopertura tal-ippjanar ferm anqas; ***jistieden lill-Kummissjoni tieħu azzjoni urġenti biex tirrettifika din id-disparità fil-Mediterran, filwaqt li tagħti attenzjoni partikolari lir-reġjuni insulari, li jiddependu aktar mill-ispazju marittimu għall-iżvilupp ekonomiku tagħhom;***
	Or. it

Emenda 80
Eric Sargiacomo, Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jisħaq li l-ippjanar tal-ispazju marittimu jrid iqis bis-sħiħ il-konsegwenzi tal-ħruġ tar-Renju Unit mill-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari l-aċċess imnaqqas għall-ilmijiet, ir-ridistribuzzjoni tal-isforz tas-sajd u ż-żieda fil-kunflitti tal-użu f'ċerti żoni marittimi, u jappella sabiex dawn l-elementi jiġu inkorporati b'mod sistematiku fl-ippjanar tal-ispazju marittimu; ifakkar, f'dan ir-rigward, fl-obbligu skont il-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Dritt tal-Baħar (UNCLOS) li jkun hemm kooperazzjoni transfruntiera, b'mod partikolari skont l-Artikoli 7 u 8.
	Or. fr

Emenda 81
Željana Zovko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jenfasizza l-karatteristiċi speċifiċi tal-Baħar Adrijatiku bħala baċir tal-baħar nofsu magħluq u sensittiv ħafna, soġġett għal pressjonijiet kumulattivi mis-sajd, l-akkwakultura, it-trasport marittimu, it-turiżmu u l-iżvilupp kostali; jisħaq li dawn il-pressjonijiet jirrikjedu approċċ imsaħħaħ għall-baċiri tal-baħar u transfruntier għall-ippjanar tal-ispazju marittimu; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri kkonċernati biex, b'kooperazzjoni mal-pajjiżi kostali ġirien mhux tal-UE, isaħħu l-koordinazzjoni, il-kondiviżjoni tad-data u l-mekkaniżmi ta' governanza konġunta fil-Baħar Adrijatiku.

Or. en

Emenda 82
France Jamet, António Tânger Corrêa

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jisħaq li d-direttiva għandha tqis aktar il-karatteristiċi speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-Unjoni, li l-ħtiġijiet partikolari tagħhom xi drabi ma jiġux indirizzati tajjeb kemm mil-leġiżlazzjoni Ewropea kif ukoll mill-pjanijiet nazzjonali tal-Istati Membri; ifakkar fil-karatteristiċi speċifiċi tar-reġjuni ultraperiferiċi f'konformità mal-Artikolu 349 tat-TFUE;

Or. fr

Emenda 83
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 4a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	4a. Jisħaq li l-baċiri marittimi tar-reġjuni ultraperiferiċi jridu jiġu inklużi wkoll fl-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu, filwaqt li jitqiesu bis-sħiħ il-karatteristiċi speċifiċi tagħhom, inkluż fl-interazzjonijiet ma' pajjiżi terzi;

Or. fr

Emenda 84
Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 5

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
5. Jilqa' l-Inizjattiva tal-Baċir tal-Baħar tat-Tramuntana l-Kbir (GNSBI), li tlaqqa' flimkien l-Istati Membri u l-pajjiżi mhux tal-UE bl-għan li jinkisbu allinjament u koordinazzjoni akbar dwar il-pjanijiet tal-ispazju marittimu;	5. Jilqa' l-Inizjattiva tal-Baċir tal-Baħar tat-Tramuntana l-Kbir (GNSBI), li tlaqqa' flimkien l-Istati Membri u l-pajjiżi mhux tal-UE bl-għan li jinkisbu allinjament u koordinazzjoni akbar dwar il-pjanijiet tal-ispazju marittimu; ***ifaħħar il-ħidma li għaddejja tal-Grupp ta' Ħidma konġunt HELCOM-VASAB dwar l-MSP li jipprovdi pedament sod għall-koordinazzjoni fil-livell tal-baċir tal-baħar fil-Baħar Baltiku;***

Or. en

Emenda 85
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 6

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
6. Jenfasizza li l-inizjattivi transfruntiera għadhom limitati u hemm nuqqas ta' koordinazzjoni effettiva, li jxekkel l-isforzi biex jiġu indirizzati l-isfidi kondiviżi fir-reġjuni tal-baħar interkonnessi; jiddeplora d-diffikultajiet fil-kooperazzjoni tal-MSP bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi mhux tal-UE, b'mod partikolari l-istati kostali ġirien;	6. Jenfasizza li l-inizjattivi transfruntiera għadhom limitati u hemm nuqqas ta' koordinazzjoni effettiva, li jxekkel l-isforzi biex jiġu indirizzati l-isfidi kondiviżi fir-reġjuni tal-baħar interkonnessi ***u biex jitnaqqsu l-impatti kumulattivi fuq l-ekosistemi tal-baħar mill-attivitajiet tal-bniedem***; jiddeplora d-diffikultajiet fil-kooperazzjoni tal-MSP bejn l-Istati Membri u l-pajjiżi mhux tal-UE, b'mod partikolari l-istati kostali ġirien;

Or. en

Emenda 86
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jenfasizza li l-Kanal Ingliż huwa żona partikolarment affettwata, bi pressjoni sinifikanti fuq l-ispazju marittimu, u dan iwassal għal kompetizzjoni bejn diversi attivitajiet (enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta, trasport marittimu dens, żoni tal-baħar protetti, turiżmu kostali, eċċ.) u s-sajd u l-akkwakultura; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' koordinazzjoni bejn l-Istati Membri u mar-Renju Unit sabiex tinkiseb ġestjoni effettiva u ekwa tal-baċir marittimu u b'hekk jitnaqqsu l-bosta kunflitti ta' użu, filwaqt li jitqiesu d-dimensjonijiet ekonomiċi, soċjali u ambjentali ta' kull attività; jappella b'mod partikolari għal konsultazzjoni ġenwina mar-Renju Unit u maċ-Channel Islands dwar miżuri ta' ġestjoni f'żoni tal-baħar protetti li jqisu l-konsegwenzi soċjoekonomiċi mġarrba mis-sajjieda Ewropej;

Or. fr

Emenda 87
Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 6a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	6a. Jenfasizza l-effetti tal-Brexit fuq l-ippjanar marittimu, b'mod partikolari l-iżvilupp ta' żoni protetti tal-baħar u l-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta, li wasslu għall-esklużjoni tal-flotta tas-sajd Ewropea minn ħafna żoni tas-sajd fl-ilmijiet Brittaniċi, u għal bidla fl-isforz tas-sajd u pressjoni għolja tas-sajd fiż-żona tal-Kanal Inġliż, għad-detriment tas-sajd Ewropew;

Or. en

Emenda 88
Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-qafas legali attwali tal-MSP ma tax il-benefiċċji mistennija għas-sajd b'mod adegwat; jinnota li l-MSP ma kkontribwiex b'mod sostanzjali għat-titjib tal-prevedibbiltà u l-istabbiltà għall-attivitajiet tas-sajd; jenfasizza n-nuqqas ta' indikaturi li jistgħu jitkejlu għas-sajd fl-MSP;	7. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-qafas legali attwali tal-MSP ma tax il-benefiċċji mistennija għas-sajd b'mod adegwat; jinnota li l-MSP ma kkontribwiex b'mod sostanzjali għat-titjib tal-prevedibbiltà u l-istabbiltà għall-attivitajiet tas-sajd; jenfasizza n-nuqqas ta' indikaturi ***ambjentali, soċjali u ekonomiċi*** li jistgħu jitkejlu għas-sajd fl-MSP***, speċjalment għall-operaturi fuq skala żgħira; jinnota wkoll in-nuqqasijiet fl-implimentazzjoni tal-MSFD u l-PKS; jisħaq fuq il-ħtieġa ta' implimentazzjoni koerenti u effettiva tal-politika marittima tal-UE;***

Or. en

Emenda 89
Eric Sargiacomo, Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-qafas legali attwali tal-MSP ma tax il-benefiċċji mistennija għas-sajd b'mod adegwat; jinnota li l-MSP ma kkontribwiex b'mod sostanzjali għat-titjib tal-prevedibbiltà u l-istabbiltà għall-attivitajiet tas-sajd; jenfasizza n-nuqqas ta' indikaturi li jistgħu jitkejlu għas-sajd fl-MSP;	7. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-qafas legali attwali tal-MSP ma tax il-benefiċċji mistennija għas-sajd b'mod adegwat; jinnota li l-MSP ma kkontribwiex b'mod sostanzjali għat-titjib tal-prevedibbiltà u l-istabbiltà għall-attivitajiet tas-sajd; jenfasizza n-nuqqas ta' indikaturi li jistgħu jitkejlu għas-sajd fl-MSP; ***ifakkar fl-importanza tas-sajd u tal-akkwakultura fis-sovranità tal-ikel u fil-preservazzjoni tal-għarfien espert relatat għall-Unjoni, filwaqt li jiġġustifika r-rikonoxximent ta' dan bħala ta' interess pubbliku kbir;***

Or. fr

Emenda 90
Sakis Arnaoutoglou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-qafas legali attwali tal-MSP ma tax il-benefiċċji mistennija għas-sajd b'mod adegwat; jinnota li l-MSP ma kkontribwiex b'mod sostanzjali għat-titjib tal-prevedibbiltà u l-istabbiltà għall-attivitajiet tas-sajd; jenfasizza n-nuqqas ta' indikaturi li jistgħu jitkejlu għas-sajd fl-MSP;	7. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li l-qafas legali attwali tal-MSP ma tax il-benefiċċji mistennija għas-sajd b'mod adegwat; jinnota li l-MSP ma kkontribwiex b'mod sostanzjali għat-titjib tal-prevedibbiltà u l-istabbiltà għall-attivitajiet tas-sajd; jenfasizza n-nuqqas ta' indikaturi li jistgħu jitkejlu ***u jipproponi sett minimu ta' indikaturi vinkolanti*** għas-sajd fl-MSP;

Or. el

Emenda 91
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
7. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li ***l-qafas legali*** attwali ***tal-MSP*** ma tax il-benefiċċji mistennija għas-sajd b'mod adegwat; jinnota li l-MSP ma kkontribwiex b'mod sostanzjali għat-titjib tal-prevedibbiltà u l-istabbiltà għall-attivitajiet tas-sajd; jenfasizza n-nuqqas ta' indikaturi li jistgħu jitkejlu ***għas-sajd*** fl-MSP;	7. Jesprimi dispjaċir għall-fatt li ***l-implimentazzjoni tal-MSP, tal-MSFD u tal-PKS*** attwali ma tax il-benefiċċji mistennija għas-sajd b'mod adegwat; jinnota li l-MSP ma kkontribwiex b'mod sostanzjali għat-titjib tal-prevedibbiltà u l-istabbiltà għall-attivitajiet tas-sajd; jenfasizza n-nuqqas ta' indikaturi li jistgħu jitkejlu ***għas-sostenibbiltà tas-sajd*** fl-MSP;

Or. en

Emenda 92
Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Ifakkar li fir-Rapport Speċjali 22/2023 tagħha "Enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta fl-UE", il-Qorti Ewropea tal-Awdituri indikat ir-riskju li jistgħu jintilfu l-impjiegi fis-settur tas-sajd u saħqet li l-Qorti ma setgħet issib l-ebda kwantifikazzjoni tal-effetti ekonomiċi ewlenin fuq is-sajd li jirriżultaw mill-iżvilupp tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta li kien tħejja mill-Kummissjoni;

Or. en

Emenda 93
Sander Smit, Isabelle Le Callennec, Marco Falcone, Carmen Crespo Díaz, Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jisħaq li l-ippjanar tal-ispazju marittimu jrid jindirizza b'mod attiv il-pressjoni spazjali li taffettwa s-sajd, inkluż l-effetti kumulattivi tal-enerġija lil hinn mill-kosta, iż-żoni tal-baħar protetti, iż-żoni tat-tbaħħir u tad-difiża, u jevita l-marġinalizzazzjoni progressiva tal-attivitajiet tas-sajd;

Or. en

Emenda 94
Magdalena Adamowicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 7a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	7a. Jinnota li l-valutazzjonijiet tal-impatt tal-MSP fuq is-sajd għandhom jinkludu analiżi soċjoekonomika komprensiva, li tinkorpora l-fehmiet tan-negozji ż-żgħar u tal-komunitajiet kostali;

Or. pl

Emenda 95
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jenfasizza li filwaqt li l-qafas legali	8. Jenfasizza li filwaqt li l-qafas legali

tal-MSP iġib miegħu benefiċċji marġinali għall-akkwakultura, huwa meħtieġ titjib fid-dežinjazzjoni tal-ispazju marittimu, ir-rikonoxximent tas-settur, il-koerenza transfruntiera, iċ-ċertezza legali u ***l-liċenzjar***;	tal-MSP iġib miegħu benefiċċji marġinali għall-akkwakultura, huwa meħtieġ titjib fid-dežinjazzjoni tal-ispazju marittimu, ir-rikonoxximent tas-settur, il-koerenza transfruntiera, iċ-ċertezza legali u ***l-proċeduri ta' liċenzjar, li jeħtieġ li jitħaffu u jiġu sostnuti minn rekwiżiti ambjentali ċari bil-ħsieb li jiġu massimizzati l-benefiċċji soċjoekonomiċi, mingħajr ma tiġi pperikolata l-protezzjoni tal-ekosistemi***;
	Or. pt

Emenda 96
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jenfasizza li filwaqt li l-qafas legali tal-MSP iġib miegħu benefiċċji marġinali għall-akkwakultura, huwa meħtieġ titjib fid-dežinjazzjoni tal-ispazju marittimu, ir-rikonoxximent tas-settur, il-koerenza transfruntiera, iċ-ċertezza legali u l-liċenzjar;	8. Jenfasizza li filwaqt li l-qafas legali tal-MSP iġib miegħu benefiċċji marġinali għall-akkwakultura, huwa meħtieġ titjib fid-dežinjazzjoni tal-ispazju marittimu, ir-rikonoxximent tas-settur, il-koerenza transfruntiera, iċ-ċertezza legali u l-liċenzjar; ***jenfasizza b'mod partikolari l-ħtieġa ta' politika komuni ġenwina tal-akkwakultura, sabiex jitqies aħjar dan is-settur ewlieni għas-sigurtà tal-ikel Ewropea;***
	Or. fr

Emenda 97
Carmen Crespo Díaz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jenfasizza li filwaqt li l-qafas legali	8. Jenfasizza li filwaqt li l-qafas legali

tal-MSP iġib miegħu benefiċċji marġinali għall-akkwakultura, huwa meħtieġ titjib fid-deżinjazzjoni tal-ispazju marittimu, ir-rikonoxximent tas-settur, il-koerenza transfruntiera, iċ-ċertezza legali u l-liċenzjar;	tal-MSP iġib miegħu benefiċċji marġinali għall-akkwakultura, huwa meħtieġ titjib fid-deżinjazzjoni tal-ispazju marittimu, ir-rikonoxximent tas-settur, il-koerenza transfruntiera, iċ-ċertezza legali u l-liċenzjar ***aktar rapidu***;

Or. es

Emenda 98
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
8. Jenfasizza li filwaqt li l-qafas legali tal-MSP iġib miegħu benefiċċji marġinali għall-akkwakultura, huwa meħtieġ titjib fid-deżinjazzjoni tal-ispazju marittimu, ***ir-rikonoxximent tas-settur,*** il-koerenza transfruntiera, iċ-ċertezza legali u l-liċenzjar;	8. Jenfasizza li filwaqt li l-qafas legali tal-MSP iġib miegħu benefiċċji marġinali għall-akkwakultura, huwa meħtieġ titjib fid-deżinjazzjoni tal-ispazju marittimu, il-koerenza transfruntiera, iċ-ċertezza legali u l-liċenzjar;

Or. en

Emenda 99
Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 8a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	8a. L-integrazzjoni tas-sajd u l-akkwakultura fl-ippjanar spazjali tal-baħar hija meqjusa bħala pass importanti minħabba pressjonijiet dejjem akbar fuq l-ekosistemi kostali u tal-baħar, u l-potenzjal sinifikanti ta' dawn l-industriji għall-ekonomija u s-sigurtà tal-ikel.

Or. hr

Emenda 100
Carmen Crespo Díaz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jenfasizza li l-objettiv li jiġi minimizzat il-kunflitt bejn id-diversi setturi u utenti tal-baħar ma ntlaħaqx b'mod sostanzjali, b'mod partikolari fir-rigward tas-sajd u l-akkwakultura;	9. Jenfasizza li l-objettiv li jiġi minimizzat il-kunflitt bejn id-diversi setturi u utenti tal-baħar ma ntlaħaqx b'mod sostanzjali, b'mod partikolari fir-rigward tas-sajd u l-akkwakultura***, li raw tnaqqis fl-ispazji disponibbli għalihom għall-iżvilupp kompetittiv tal-attivitajiet tagħhom***;

Or. es

Emenda 101
Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 9

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
9. Jenfasizza li l-objettiv li jiġi minimizzat il-kunflitt bejn id-diversi setturi u utenti tal-baħar ma ntlaħaqx b'mod sostanzjali, b'mod partikolari fir-rigward tas-sajd u l-akkwakultura;	9. Jenfasizza li l-objettiv li jiġi minimizzat il-kunflitt bejn id-diversi setturi u utenti tal-baħar ma ntlaħaqx b'mod sostanzjali, b'mod partikolari fir-rigward tas-sajd u l-akkwakultura***, inklużi t-trobbija tal-frott tal-baħar bil-qoxra u s-setturi emerġenti bħat-tkabbir tal-algi***;

Or. en

Emenda 102
Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jenfasizza li n-natura tal-kunflitt dwar l-użu tal-ispazju marittimu tvarja skont it-tip ta' attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura kkonċernati, u tali attivitajiet jistgħu jikkompetu wkoll ma' xulxin għall-ispazju marittimu; jenfasizza li l-kunflitti ewlenin li jaffettwaw is-sajd huma t-telf taż-żoni tas-sajd minħabba ***l-esklużjoni taż-żoni marittimi, ir-restrizzjonijiet*** tal-aċċess, il-kompetizzjoni għall-aċċess u l-frammentazzjoni spazjali, filwaqt li l-kunflitti ewlenin li jaffettwaw l-akkwakultura huma d-duplikazzjoni taż-żoni, it-tħassib ambjentali u l-kompetizzjoni tal-qbid;	10. Jenfasizza li n-natura tal-kunflitt dwar l-użu tal-ispazju marittimu tvarja skont it-tip ta' attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura kkonċernati, u tali attivitajiet jistgħu jikkompetu wkoll ma' xulxin għall-ispazju marittimu; jenfasizza li l-kunflitti ewlenin li jaffettwaw is-sajd huma t-telf taż-żoni tas-sajd minħabba ***r-restrizzjonijiet*** tal-aċċess, il-kompetizzjoni għall-aċċess u l-frammentazzjoni spazjali***, l-eżawriment tal-popolazzjonijiet tal-ħut u d-degradazzjoni tal-ekosistemi tal-baħar, l-impatti tat-tibdil fil-klima u n-nuqqas ta' aċċess ekwu għall-opportunitajiet tas-sajd***, filwaqt li l-kunflitti ewlenin li jaffettwaw l-akkwakultura huma d-duplikazzjoni taż-żoni, it-tħassib ambjentali u l-kompetizzjoni tal-qbid;

Or. en

Emenda 103
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jenfasizza li n-natura tal-kunflitt dwar l-użu tal-ispazju marittimu tvarja skont it-tip ta' attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura kkonċernati, u tali attivitajiet jistgħu jikkompetu wkoll ma' xulxin għall-ispazju marittimu; jenfasizza li l-kunflitti ewlenin li jaffettwaw is-sajd huma t-telf taż-żoni tas-sajd minħabba l-esklużjoni taż-żoni marittimi, ir-restrizzjonijiet tal-aċċess, il-kompetizzjoni għall-aċċess u l-frammentazzjoni spazjali, filwaqt li l-kunflitti ewlenin li jaffettwaw l-akkwakultura huma d-duplikazzjoni taż-żoni, it-tħassib ambjentali u l-kompetizzjoni tal-qbid;	10. Jenfasizza li n-natura tal-kunflitt dwar l-użu tal-ispazju marittimu tvarja skont it-tip ta' attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura kkonċernati, u tali attivitajiet jistgħu jikkompetu wkoll ma' xulxin għall-ispazju marittimu; jenfasizza li l-kunflitti ewlenin li jaffettwaw is-sajd huma t-telf taż-żoni tas-sajd minħabba ***l-fatt li l-istat tal-ekosistemi tal-baħar sejjer lura, minħabba li d-distribuzzjoni inġusta tal-kwoti,*** l-esklużjoni taż-żoni marittimi, ir-restrizzjonijiet tal-aċċess, il-kompetizzjoni għall-aċċess u l-frammentazzjoni spazjali, filwaqt li l-kunflitti ewlenin li jaffettwaw l-akkwakultura huma d-duplikazzjoni taż-

żoni, it-tħassib ambjentali ***bħat-tniġġis u l-ewtrofikazzjoni,*** u l-kompetizzjoni tal-qbid;

Or. en

Emenda 104
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
10. Jenfasizza li n-natura tal-kunflitt dwar l-użu tal-ispazju marittimu tvarja skont it-tip ta' attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura kkonċernati, u tali attivitajiet jistgħu jikkompetu wkoll ma' xulxin għall-ispazju marittimu; jenfasizza li l-kunflitti ewlenin li jaffettwaw is-sajd huma t-telf taż-żoni tas-sajd minħabba l-esklużjoni taż-żoni marittimi, ir-restrizzjonijiet tal-aċċess, il-kompetizzjoni għall-aċċess u l-frammentazzjoni spazjali, filwaqt li l-kunflitti ewlenin li jaffettwaw l-akkwakultura huma d-duplikazzjoni taż-żoni, it-tħassib ambjentali ***u l-kompetizzjoni tal-qbid***;	10. Jenfasizza li n-natura tal-kunflitt dwar l-użu tal-ispazju marittimu tvarja skont it-tip ta' attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura kkonċernati, u tali attivitajiet jistgħu jikkompetu wkoll ma' xulxin għall-ispazju marittimu; jenfasizza li l-kunflitti ewlenin li jaffettwaw is-sajd huma t-telf taż-żoni tas-sajd minħabba l-esklużjoni taż-żoni marittimi, ir-restrizzjonijiet tal-aċċess, il-kompetizzjoni għall-aċċess u l-frammentazzjoni spazjali, filwaqt li l-kunflitti ewlenin li jaffettwaw l-akkwakultura huma d-duplikazzjoni taż-żoni, it-tħassib ambjentali;

Or. it

Emenda 105
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jisħaq li l-baċir tal-Mediterran huwa partikolarment affettwat mill-proliferazzjoni ta' pjattaformi tal-enerġija lil hinn mill-kosta u infrastruttura oħra bħal din, li qed tnaqqas b'mod sinifikanti

l-ammont ta' spazju disponibbli għas-sajd, tillimita l-aċċess għal żoni tas-sajd tradizzjonali u tikkontribwixxi għall-frammentazzjoni tal-ispazju marittimu; jinnota li filwaqt li l-Istati Membri huma responsabbli għad-deżinjazzjoni tal-użu tal-infrastruttura f'dawn iż-żoni, id-deċiżjonijiet tagħhom għandhom impatt dirett fuq l-użu taż-żoni tas-sajd tradizzjonali u għalhekk jeħtieġ li jiġu integrati fil-proċessi tal-MSP b'mod koerenti; jisħaq fuq il-ħtieġa, f'dan ir-rigward, li jitwettqu valutazzjonijiet preliminari dwar l-impatt soċjoekonomiku fuq is-settur tas-sajd u li s-sajjieda jkunu involuti kif xieraq f'tali konsultazzjonijiet, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet deskritti fil-paragrafu 29 hawn taħt;

Or. it

Emenda 106
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jissottolinja li l-parks eoliċi lil hinn mill-kosta jista' jkollhom impatt fuq is-sajd billi tinbidel id-distribuzzjoni spazjali u bl-abbundanza ta' speċijiet tal-baħar mistada kummerċjalment, kif ukoll permezz tal-għeluq tagħhom għal raġunijiet ta' sikurezza jew l-impożizzjoni ta' bidla fl-attività jew il-metodu tas-sajd, pereżempju minn attivi għal passivi;

Or. en

Emenda 107
Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Ifakkar li s-sajd u l-akkwakultura ma jistgħux jiġu rilokati, minħabba d-dipendenza tagħhom fuq il-post naturali tar-riżorsi tal-baħar u n-natura tal-ekosistemi tal-baħar, u li huma marbuta b'mod qawwi mal-katina tal-valur tal-frott tal-baħar u l-impjiegi fir-reġjuni kostali;

Or. en

Emenda 108
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 10a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	10a. Jiddispjaċih li normalment huma l-flotot fuq skala żgħira u artiġjanali l-aktar milquta b'mod negattiv mill-użi konkorrenti tal-ispazju tal-baħar;

Or. en

Emenda 109
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jenfasizza li s-sajd ma jibbenefikax minn żoni ta' prijorità jew iddedikati u spiss ikollu jopera fi spazji marittimi mhux allokati; jinnota li filwaqt li l-akkwakultura hija fil-prinċipju aktar adattata għaż-żoni riżervati, l-approċċi jvarjaw ħafna bejn l-Istati Membri u l-proċeduri ta' liċenzjar spiss ikunu ta' piż;	11. Jenfasizza li s-sajd ma jibbenefikax minn żoni ta' prijorità jew iddedikati u spiss ikollu jopera fi spazji marittimi mhux allokati ***li dejjem qed jiġu aktar dominati minn attivitajiet oħra***; jinnota li filwaqt li l-akkwakultura hija fil-prinċipju aktar adattata għaż-żoni riżervati, l-approċċi jvarjaw ħafna bejn ***u anke fi ħdan*** l-Istati

	Membri u l-proċeduri ta' liċenzjar spiss ikunu ta' piż;

Or. it

Emenda 110
Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jenfasizza li s-sajd ma jibbenefikax minn żoni ta' prijorità jew iddedikati u spiss ikollu jopera fi spazji marittimi mhux allokati; jinnota li filwaqt li l-akkwakultura hija fil-prinċipju aktar adattata għaż-żoni riżervati, l-approċċi jvarjaw ħafna bejn l-Istati Membri u l-proċeduri ta' liċenzjar spiss ikunu ta' piż;	11. Jenfasizza li s-sajd ma jibbenefikax minn żoni ta' prijorità jew iddedikati u spiss ikollu jopera fi spazji marittimi mhux allokati; jinnota li filwaqt li l-akkwakultura***, inkluża d-diversifikazzjoni favur speċijiet mhux ta' għalf bħall-kultivazzjoni tal-algi,*** hija fil-prinċipju aktar adattata għaż-żoni riżervati, l-approċċi jvarjaw ħafna bejn l-Istati Membri u l-proċeduri ta' liċenzjar spiss ikunu ta' piż;

Or. en

Emenda 111
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
11. Jenfasizza li ***s-sajd*** ma ***jibbenefikax minn żoni*** ta' ***prijorità jew iddedikati u spiss ikollu jopera fi spazji marittimi mhux allokati***; jinnota li ***filwaqt li l-akkwakultura hija fil-prinċipju aktar adattata għaż-żoni riżervati***, l-approċċi jvarjaw ħafna bejn l-Istati Membri u l-proċeduri ta' liċenzjar spiss ikunu ta' piż;	11. Jenfasizza ***l-importanza*** li ***ż-żoni tas-sajd*** ma ***jiġux ristretti, bl-eċċezzjoni*** ta' ***żoni tal-baħar protetti komprensivi***; jinnota li ***ż-żoni riżervati joperaw bl-aktar mod effettiv permezz tal-akkwakultura***, ***għalkemm*** l-approċċi jvarjaw ħafna bejn l-Istati Membri u l-proċeduri ta' liċenzjar spiss ikunu ta' piż;

Or. pt

Emenda 112
Eric Sargiacomo, Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jenfasizza li l-istabbiliment u l-ġestjoni ta' żoni protetti tal-baħar fil-qafas tal-ippjanar tal-ispazju marittimu għandhom ikunu bbażati fuq valutazzjonijiet xjentifiċi u soċjoekonomiċi sodi u proporzjonati u, fejn kompatibbli mal-objettivi ta' konservazzjoni, għandhom jippermettu l-koeżistenza ma' attivitajiet tas-sajd sostenibbli, inkluż permezz ta' miżuri ta' ġestjoni xierqa u differenzjati;

Or. fr

Emenda 113
Željana Zovko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jissottolinja l-importanza tas-sajd fuq skala żgħira u kostali fil-Baħar Adrijatiku; jisħaq li l-ippjanar tal-ispazju marittimu għandu jqis b'mod adegwat il-ħtiġijiet spazjali speċifiċi u l-attivitajiet tas-sajd tradizzjonali tagħhom, sabiex jiġu ssalvagwardjati l-vijabbiltà ekonomika u l-wirt kulturali tagħhom.

Or. en

Emenda 114
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 11a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	11a. Jenfasizza li l-proċess tal-ippjanar għandu jirrifletti n-natura dinamika tas-sajd, fejn il-flotot spiss jiċċaqilqu skont id-disponibbiltà staġjonali u l-movimenti tal-istokkijiet, u ċerti tipi ta' rkaptu tas-sajd li jeħtieġu spazju konsiderevoli fejn joperaw;

Or. it

Emenda 115
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jenfasizza li filwaqt li xi Stati Membri stabbilew żoni b'użu multiplu, l-approċċ huwa prinċipalment implimentat permezz ta' approċċ ibbażat fuq il-proġetti; jenfasizza li approċċ b'użu multiplu qed ikun diffiċli ħafna biex jiġi implimentat għal ċerti attivitajiet, b'mod partikolari bejn is-sajd, il-protezzjoni tal-bijodiversità u l-enerġija rinnovabbli tal-baħar; jinnota li approċċ b'użu multiplu jqajjem ukoll tħassib dwar l-assigurazzjoni u s-sigurtà għas-sajjieda u l-professjonisti tal-akkwakultura;	12. Jenfasizza li filwaqt li xi Stati Membri stabbilew żoni b'użu multiplu, l-approċċ huwa prinċipalment implimentat permezz ta' approċċ ibbażat fuq il-proġetti; jenfasizza li approċċ b'użu multiplu qed ikun diffiċli ħafna biex jiġi implimentat għal ċerti attivitajiet, b'mod partikolari bejn is-sajd, il-protezzjoni tal-bijodiversità u l-enerġija rinnovabbli tal-baħar; jinnota li approċċ b'użu multiplu jqajjem ukoll tħassib dwar l-assigurazzjoni u s-sigurtà għas-sajjieda u l-professjonisti tal-akkwakultura; ***jenfasizza li filwaqt li l-użu multiplu jista' jkollu potenzjal fit-tnaqqis tal-impatti kumulattivi tal-attivitajiet tal-bniedem fuq l-ekosistemi tal-baħar, għad hemm lakuni konsiderevoli fl-għarfien dwar il-fattibbiltà u l-impatt ambjentali tiegħu;***

Or. en

Emenda 116
Siegbert Frank Droese, Volker Schnurrbusch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
12. Jenfasizza li filwaqt li xi Stati Membri stabbilew żoni b'użu multiplu, l-approċċ huwa prinċipalment implimentat permezz ta' approċċ ibbażat fuq il-proġetti; jenfasizza li approċċ b'użu multiplu qed ikun diffiċli ħafna biex jiġi implimentat għal ċerti attivitajiet, b'mod partikolari bejn is-sajd, il-protezzjoni tal-bijodiversità u l-enerġija rinnovabbli tal-baħar; jinnota li approċċ b'użu multiplu jqajjem ukoll tħassib dwar l-assigurazzjoni u s-sigurtà għas-sajjieda u l-professjonisti tal-akkwakultura;	12. Jenfasizza li filwaqt li xi Stati Membri stabbilew żoni b'użu multiplu, l-approċċ huwa prinċipalment implimentat permezz ta' approċċ ibbażat fuq il-proġetti; jenfasizza li approċċ b'użu multiplu qed ikun diffiċli ħafna biex jiġi implimentat għal ċerti attivitajiet, b'mod partikolari bejn is-sajd, il-protezzjoni tal-bijodiversità u l-enerġija rinnovabbli tal-baħar***, u jisħaq li soluzzjonijiet b'użi multipli ma għandhomx jiġu imposti b'mod awtomatiku meta jikkompromettu s-sikurezza, il-vijabbiltà ekonomika jew l-eżerċizzju effettiv tal-attivitajiet tas-sajd***; jinnota li approċċ b'użu multiplu jqajjem ukoll tħassib dwar l-assigurazzjoni u s-sigurtà għas-sajjieda u l-professjonisti tal-akkwakultura;

Or. en

Emenda 117
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jisħaq li l-approċċ b'użi multipli għandu jiġi segwit b'mod prammatiku abbażi ta' kriterji tekniċi u xjentifiċi, għall-kuntrarju ta' soluzzjonijiet purament teoretiċi li jonqsu milli jirriflettu r-realtà ta' kif fil-fatt joperaw is-sajd u l-akkwakultura fuq skala żgħira; jisħaq li d-dežinjazzjoni ta' żoni b'użu

multiplu għandha tkun ibbażata fuq valutazzjoni tal-impatt kumulattiva tal-attivitajiet differenti mwettqa fihom u analiżi rigoruża tal-punt sa fejn tali żoni huma navigabbli u sikuri biex jintużaw; jappella sabiex l-operaturi mis-setturi rilevanti kollha jkunu involuti direttament u kif xieraq matul dan il-proċess kollu;

Or. pt

Emenda 118
Eric Sargiacomo, Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jenfasizza li s-sajd fuq skala żgħira għandu rwol essenzjali fl-impjiegi lokali, il-koeżjoni soċjali u t-trażmissjoni tal-ħiliet tradizzjonali, u jappella sabiex l-ippjanar tal-ispazju marittimu jqis bis-shih il-ħtiġijiet speċifiċi ta' dan is-segment, b'mod partikolari f'termini ta' aċċess għall-ispazju, il-prossimità għaż-żoni tas-sajd u s-sikurezza tal-attivitajiet;

Or. fr

Emenda 119
Sander Smit, Isabelle Le Callennec, Marco Falcone, Carmen Crespo Díaz, Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 12a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	12a. Jappella għal approċċ realistiku u bbażat fuq l-evidenza għall-użu multiplu, filwaqt li jirrikonoxxi li l-koeżistenza bejn is-sajd u l-enerġija lil hinn mill-kosta għadha limitata fil-prattika u ma

għandhiex tintuża biex tiġġustifika l-esklużjoni tas-sajd mill-ispazju marittimu.

Or. en

Emenda 120
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jilqa' eżempji ta' suċċess ta' ***kolokazzjoni*** ta' attivitajiet, bħal infrastruttura eolika lil hinn mill-kosta fissa jew galleġġanti li tista' tintuża wkoll għall-iżvilupp tal-akkwakultura u t-trobbija tal-frott tal-baħar bil-qoxra, ħabitats għall-fawna u l-flora tal-baħar jew attivitajiet riġenerattivi;	13. Jilqa' eżempji ta' suċċess ta' ***żoni b'użu multiplu*** ta' attivitajiet, bħal infrastruttura eolika lil hinn mill-kosta fissa jew galleġġanti li tista' tintuża wkoll għall-iżvilupp tal-akkwakultura u t-trobbija tal-frott tal-baħar bil-qoxra, ħabitats għall-fawna u l-flora tal-baħar jew attivitajiet riġenerattivi***, kif ukoll is-sajd b'impatt baxx; jenfasizza li l-parks eoliċi lil hinn mill-kosta għandhom jiġu installati barra miż-żoni protetti tal-baħar u żoni sensittivi oħra; jenfasizza li filwaqt li r-restawr f'parks eoliċi lil hinn mill-kosta għandu jiġi mħeġġeġ meta jkun imfassal għall-ħabitats lokali, dan ma għandux jgħodd għall-miri ta' restawr;***

Or. en

Emenda 121
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. Jilqa' eżempji ta' suċċess ta' kolokazzjoni ta' attivitajiet, bħal infrastruttura eolika lil hinn mill-kosta fissa jew galleġġanti li tista' tintuża wkoll għall-	13. Jilqa' eżempji ta' suċċess ta' kolokazzjoni ta' attivitajiet, bħal infrastruttura eolika lil hinn mill-kosta fissa jew galleġġanti li tista' tintuża wkoll għall-

iżvilupp tal-akkwakultura u t-trobbija tal-frott tal-baħar bil-qoxra, ħabitats għall-fawna u l-flora tal-baħar jew attivitajiet riġenerattivi;

iżvilupp tal-akkwakultura u t-trobbija tal-frott tal-baħar bil-qoxra, ħabitats għall-fawna u l-flora tal-baħar jew attivitajiet riġenerattivi; ***jirrikonoxxi l-potenzjal għall-akkwakultura u għall-algakultura, kif ukoll għas-sajd passiv, f'żoni bħal dawn; jisħaq, madanakollu, li hija meħtieġa aktar riċerka sabiex jiġu vvalutati l-impatt ekoloġiku u l-potenzjal ekonomiku tagħhom;***

Or. en

Emenda 122
Eric Sargiacomo, Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
13. ***Jilqa'*** eżempji ta' suċċess ta' kolokazzjoni ta' attivitajiet, bħal infrastruttura eolika lil hinn mill-kosta fissa jew galleġġanti li tista' tintuża wkoll għall-iżvilupp tal-akkwakultura u t-trobbija tal-frott tal-baħar bil-qoxra, ħabitats għall-fawna u l-flora tal-baħar jew attivitajiet riġenerattivi;	13. ***Jenfasizza l-ħtieġa ta' komunikazzjonijiet reċenti mill-Kummissjoni dwar*** eżempji ta' suċċess ta' kolokazzjoni ta' attivitajiet, bħal infrastruttura eolika lil hinn mill-kosta fissa jew galleġġanti li tista' tintuża wkoll għall-iżvilupp tal-akkwakultura u t-trobbija tal-frott tal-baħar bil-qoxra, ħabitats għall-fawna u l-flora tal-baħar jew attivitajiet riġenerattivi;

Or. fr

Emenda 123
Sander Smit, Isabelle Le Callennec, Marco Falcone, Carmen Crespo Díaz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Jappella għal valutazzjoni sistematika u bbażata fuq ix-xjenza tal-kompatibbiltà bejn is-sajd u kategoriji

differenti ta' żoni tal-baħar protetti, filwaqt li jiġu evitati esklużjonijiet awtomatiċi meta l-objettivi ta' konservazzjoni ma jiġġustifikawhomx;

Or. en

Emenda 124
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 13a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	13a. Iħeġġeġ lill-Istati Membri jqisu l-impatt tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta fuq l-ekosistema tal-baħar u s-sajd meta jiddeterminaw it-taħlita tal-enerġija tagħhom;

Or. en

Emenda 125
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jenfasizza li l-koordinazzjoni bejn l-art u l-baħar tibqa' dgħufija kritika fl-implimentazzjoni tal-MSP;	14. Jenfasizza li l-koordinazzjoni bejn l-art u l-baħar tibqa' dgħufija kritika fl-implimentazzjoni tal-MSP***, mhux l-inqas fir-rigward tas-sajd u l-infrastruttura u l-konnettività tal-portijiet, peress li l-vijabbiltà tal-attivitajiet marittimi kollha tiddependi fuq koordinazzjoni effettiva bejn l-art u l-baħar***;

Or. pt

Emenda 126

Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
14. Jenfasizza li l-koordinazzjoni bejn l-art u l-baħar tibqa' dgħufija kritika fl-implimentazzjoni tal-MSP;	14. Jenfasizza li l-koordinazzjoni bejn l-art u l-baħar tibqa' dgħufija kritika fl-implimentazzjoni tal-MSP***, b'mod partikolari n-nuqqas li jitqiesu l-effetti tat-tniġġis ibbażat fuq l-art fuq l-ekosistemi tal-baħar meta jiġu implimentati miżuri għall-protezzjoni tal-bijodiversità***;

Or. fr

Emenda 127
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 14 – punt 1 (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	(1) Jenfasizza l-ħtieġa ta' approċċ strateġiku għall-koordinazzjoni bejn iż-żoni tal-baħar protetti u s-sajd tal-MSP sabiex jiġu rikonċiljati l-interessi tal-konservazzjoni tal-bijodiversità u l-vijabbiltà soċjoekonomika; jisħaq li għalkemm il-ħtieġa li jiġu protetti l-ekosistemi tipprekludi ċerti attivitajiet milli jitwettqu hemmhekk, żoni protetti tal-baħar ġestiti kif xieraq jistgħu jkunu ta' benefiċċju għaż-żoni fil-qrib, jiġifieri permezz tal-forniment ta' riżorsi addizzjonali tas-sajd;

Or. pt

Emenda 128
Željana Zovko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 14a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	14a. 14a. Jisħaq fuq l-importanza tal-investiment fil-kostruzzjoni, fil-modernizzazzjoni u fl-adattament tal-portijiet tas-sajd, fis-siti ta' ħatt l-art, fis-swali tal-irkant tal-ħut u fil-faċilitajiet relatati sabiex jiġi żgurat aċċess sikur għall-baħar, jittejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol għas-sajjieda u tissaħħaħ il-vijabbiltà ekonomika tal-komunitajiet kostali; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-pjanijiet tal-ispazju marittimu jkunu koerenti mal-investimenti fl-infrastruttura tas-sajd u jipprovdu appoġġ immirat lis-sajjieda affettwati minn restrizzjonijiet spazjali.

Or. en

Emenda 129
France Jamet, António Tânger Corrêa

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jenfasizza li ***l-involviment*** tal-partijiet ikkonċernati u tal-komunità kostali fil-proċess tal-MSP żdied iżda għadu ristrett***; jesprimi dispjaċir għall-fatt li dan l-involviment spiss ikun nieqes minn involviment u konsultazzjoni bikrija u formali***, ***li joffru opportunità limitata għal influwenza ġenwina*** fuq ***id-deċiżjonijiet ta' ppjanar***;	15. Jenfasizza li ***l-konsultazzjoni*** tal-partijiet ikkonċernati u tal-komunità kostali fil-proċess tal-MSP żdied iżda għadu ristrett, ***b'mod partikolari għas-sajjieda*** fuq ***skala żgħira***;

Or. fr

Emenda 130
Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 15

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
15. Jenfasizza li l-involviment tal-partijiet ikkonċernati u tal-komunità kostali fil-proċess tal-MSP żdied iżda għadu ristrett; jesprimi dispjaċir għall-fatt li dan l-involviment spiss ikun nieqes minn involviment u konsultazzjoni bikrija u formali, li joffru opportunità limitata għal influwenza ġenwina fuq id-deċiżjonijiet ta' ppjanar;	15. Jenfasizza li l-involviment tal-partijiet ikkonċernati u tal-komunità kostali fil-proċess tal-MSP żdied iżda għadu ristrett; jesprimi dispjaċir għall-fatt li dan l-involviment spiss ikun nieqes minn involviment u konsultazzjoni bikrija u formali, li joffru opportunità limitata għal influwenza ġenwina fuq id-deċiżjonijiet ta' ppjanar; ***jilqa', f'dan ir-rigward, id-"djalogu ta' implimentazzjoni" dwar l-MSP ospitat mill-Kummissarju Costas Kadis;***

Or. en

Emenda 131
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jinnota eżempji tajbin ta' parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati f'xi Stati Membri, bħal konsultazzjonijiet nazzjonali u proċessi parteċipattivi; jesprimi dispjaċir, madankollu, għan-nuqqas ta' dispożizzjonijiet vinkolanti għall-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati; jinnota li dan ifixkel il-parteċipazzjoni tas-sajjieda u tal-professjonisti tal-akkwakultura fil-proċessi ta' konsultazzjoni u ta' teħid ta' deċiżjonijiet;	16. Jinnota eżempji tajbin ta' parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati f'xi Stati Membri, bħal konsultazzjonijiet nazzjonali u proċessi parteċipattivi; jesprimi dispjaċir, madankollu, għan-nuqqas ta' dispożizzjonijiet vinkolanti għall-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati; jinnota li dan ifixkel il-parteċipazzjoni tas-sajjieda u tal-professjonisti tal-akkwakultura fil-proċessi ta' konsultazzjoni u ta' teħid ta' deċiżjonijiet***, b'mod partikolari fir-rigward tal-post ta' proġetti tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta***;

Or. fr

Emenda 132
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 16

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
16. Jinnota eżempji tajbin ta' parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati f'xi Stati Membri, bħal konsultazzjonijiet nazzjonali u proċessi parteċipattivi; jesprimi dispjaċir, madankollu, għan-nuqqas ta' ***dispożizzjonijiet vinkolanti għall-parteċipazzjoni*** tal-partijiet ikkonċernati; jinnota li dan ifixkel il-parteċipazzjoni tas-sajjieda u tal-professjonisti tal-akkwakultura fil-proċessi ta' konsultazzjoni u ta' teħid ta' deċiżjonijiet;	16. Jinnota eżempji tajbin ta' parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati f'xi Stati Membri, bħal konsultazzjonijiet nazzjonali u proċessi parteċipattivi; Jesprimi dispjaċir, madankollu, għan-nuqqas ta' ***implimentazzjoni tal-parteċipazzjoni*** tal-partijiet ikkonċernati ***mill-Istati Membri***; jinnota li dan ifixkel il-parteċipazzjoni tas-sajjieda u tal-professjonisti tal-akkwakultura***, l-NĠOs ambjentali u l-pubbliku kkonċernat*** fil-proċessi ta' konsultazzjoni u ta' teħid ta' deċiżjonijiet;

Or. en

Emenda 133
Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jenfasizza li s-sajd u ***l-akkwakultura*** spiss jiġu ddominati minn setturi oħrajn, aktar b'saħħithom jew ekonomikament importanti, bħall-enerġija lil hinn mill-kosta; ***jiddeplora l-fatt*** li ċerti setturi u operaturi spiss jevitaw il-proċessi ta' konsultazzjoni, għad-detriment ta' atturi anqas ***organizzati***, bħas-sajjieda fuq skala żgħira;	17. Jenfasizza li s-sajd ***fuq skala żgħira*** u ***l-produtturi tal-akkwakultura fuq skala żgħira*** spiss jiġu ddominati minn setturi oħrajn, aktar b'saħħithom jew ekonomikament importanti, bħall-enerġija lil hinn mill-kosta; ***jiddispjaċih dwar il-fatt*** li ċerti setturi u operaturi spiss jevitaw il-proċessi ta' konsultazzjoni, għad-detriment ta' atturi anqas ***b'saħħithom, bħas-sajjieda fuq skala żgħira; jappella għal proċessi ta' konsultazzjoni komprensivi, aċċessibbli u inklużivi mal-partijiet ikkonċernati kollha, u b'mod partikolari ma' operaturi iżgħar bħas-sajjieda fuq***

skala żgħira;

Or. en

Emenda 134
Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
17. Jenfasizza li s-sajd u l-akkwakultura spiss jiġu ddominati minn setturi oħrajn, aktar b'saħħithom jew ekonomikament importanti, bħall-enerġija lil hinn mill-kosta; jiddeplora l-fatt li ċerti setturi u operaturi spiss jevitaw il-proċessi ta' konsultazzjoni, għad-detriment ta' atturi anqas organizzati, bħas-sajjieda fuq skala żgħira;	17. Jenfasizza li s-sajd u l-akkwakultura spiss jiġu ddominati minn setturi oħrajn, aktar b'saħħithom jew ekonomikament importanti, bħall-enerġija lil hinn mill-kosta; jiddeplora l-fatt li ċerti setturi u operaturi spiss jevitaw il-proċessi ta' konsultazzjoni, għad-detriment ta' atturi anqas organizzati, bħas-sajjieda fuq skala żgħira***, inklużi s-sajjieda tal-miexi, bħal dawk li jiġbru l-frott tal-baħar bil-qoxra***;

Or. en

Emenda 135
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jisħaq li l-konsultazzjoni u l-parteċipazzjoni bikrija, ekwitabbli, effettiva u kontinwa tal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari tas-sajjieda u tal-produtturi tal-akkwakultura, u l-ħolqien ta' linji gwida trasparenti jistgħu jtaffu l-potenzjal ta' kunflitt u joħolqu kundizzjonijiet ekwi bejn is-sajd u setturi oħra;

Or. en

Emenda 136
Sander Smit, Isabelle Le Callennec, Marco Falcone, Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 17a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	17a. Jinnota l-eżistenza ta' żbilanċi strutturali tas-setgħat bejn is-setturi marittimi, b'użi industrijali bħall-enerġija lil hinn mill-kosta li jeżerċitaw influwenza sproporzjonata, u jappella għal mekkaniżmi ta' governanza korrettiva biex jiġi żgurat teħid ta' deċiżjonijiet ibbilanċjat u trasparenti.

Or. en

Emenda 137
Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
18. ***Jiddeplora n-nuqqas*** ta' data armonizzata u komparabbli dwar l-istat tal-oċeani u l-ibħra, ir-riżorsi tas-sajd u l-impatt tat-tibdil fil-klima, kif ukoll in-nuqqas ta' data ***soċjoekonomika*** xierqa; jenfasizza n-nuqqas ta' armonizzazzjoni bejn is-sistemi ta' ġbir ta' data tal-Istati Membri;	18. ***Jiddispjaċih dwar in-nuqqas*** ta' data armonizzata u komparabbli dwar l-istat tal-oċeani u l-ibħra, ir-riżorsi tas-sajd u l-impatt tat-tibdil fil-klima, kif ukoll in-nuqqas ta' data ***soċjali u ekonomika*** xierqa; jenfasizza n-nuqqas ta' armonizzazzjoni bejn is-sistemi ta' ġbir ta' data tal-Istati Membri;

Or. en

Emenda 138
Željana Zovko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jiġbed l-attenzjoni għall-impatt dejjem akbar tal-ispeċijiet aljeni invażivi u l-espansjoni spazjali tal-ispeċijiet protetti fuq l-attivitajiet tas-sajd u tal-akkwakultura minħabba attivitajiet oħra; jisħaq li l-ippjanar tal-ispazju marittimu għandu jkun adattiv u bbażat fuq data xjentifika u aġġornata sabiex jirrispondi għad-dinamika tal-ekosistema li qed tinbidel; jappella għal monitoraġġ, għal ġbir ta' data u għal koordinazzjoni mtejba bejn l-awtoritajiet ambjentali u tas-sajd biex jiġi żgurat li l-miżuri ta' konservazzjoni ma jaffettwawx b'mod sproporzjonat lis-sajjieda u li jkun hemm fis-seħħ mekkaniżmi xierqa ta' mitigazzjoni u kumpens meta jiġu imposti restrizzjonijiet.

Or. en

Emenda 139
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' data affidabbli sabiex jiġi vvalutat l-impatt tal-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu (MSP) fuq il-komunitajiet kostali li jiddependu mis-sajd u l-akkwakultura;

Or. pt

Emenda 140
Sander Smit, Isabelle Le Callennec, Marco Falcone, Carmen Crespo Díaz, Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 18a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	18a. Jitlob titjib fil-ġbir armonizzat tad-data u l-immappjar sistematiku tal-attivitajiet tas-sajd bħala prekundizzjoni għal pjanar tal-ispazju marittimu ġust u bbażat fuq l-evidenza;

Or. en

Emenda 141
Eric Sargiacomo, Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
19. Jenfasizza li l-allinjament ħażin tad-data, bħal-linji bażi ġeospazjali inkompatibbli, u d-diskrepanza temporali, bħal ċikli ta' reviżjoni distinti għall-pjanijiet tal-ispazju marittimu, ifixklu l-implimentazzjoni ta' ppjanar tal-ispazju marittimu koerenti u approċċ ibbażat fuq l-ekosistema;	19. Jenfasizza li l-allinjament ħażin tad-data, bħal-linji bażi ġeospazjali inkompatibbli, u d-diskrepanza temporali, bħal ċikli ta' reviżjoni distinti għall-pjanijiet tal-ispazju marittimu, ifixklu l-implimentazzjoni ta' ppjanar tal-ispazju marittimu koerenti u approċċ ibbażat fuq l-ekosistema; ***ifakkar li l-għodod ta' mmudellar, immappjar u analiżi tal-ispazju huma għajnuniet għat-teħid ta' deċiżjonijiet u ma jistgħux jissostitwixxu d-dibattitu demokratiku jew il-kompromess politiku;***

Or. fr

Emenda 142
Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jenfasizza li nuqqas ta'

allinjament bejn l-isforzi nazzjonali fid-dežinjazzjoni taż-żoni protetti tal-baħar (MPA) u l-ippjanar u l-implimentazzjoni tal-ispazju marittimu jirriżulta f'governanza frammentata u jista' jfixkel l-implimentazzjoni ta' approċċ koerenti u bbażat fuq l-ekosistema għall-ippjanar tal-ispazju marittimu;

Or. en

Emenda 143
Stephen Nikola Bartulica

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 19a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	19a. Jenfasizza li l-pjanijiet tal-ispazju marittimu għandhom ikunu bbażati fuq data u informazzjoni affidabbli biex jiġi evitat piż amministrattiv addizzjonali; huwa kruċjali li l-Istati Membri jużaw l-aktar data u informazzjoni faċilment disponibbli.

Or. hr

Emenda 144
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' approċċ aktar olistiku u koordinazzjoni aħjar bejn il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE, b'mod partikolari bejn id-Direttiva dwar l-MSP u d-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni konsistenti u effettiva	20. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' approċċ aktar olistiku u koordinazzjoni aħjar bejn il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE, b'mod partikolari bejn id-Direttiva dwar l-MSP u d-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni konsistenti u effettiva ***ta'***

tal-ippjanar tal-ispazju marittimu;	***approċċ ibbażat fuq l-ekosistema fl-ippjanar*** tal-ispazju marittimu***, li jkollu l-għand li jikseb Status Ambjentali Tajjeb***;

Or. en

Emenda 145
Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
20. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' approċċ aktar olistiku u koordinazzjoni aħjar bejn il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE, b'mod partikolari bejn id-Direttiva dwar l-MSP u d-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni konsistenti u effettiva tal-ippjanar tal-ispazju marittimu;	20. Jisħaq fuq il-ħtieġa ta' approċċ aktar olistiku u koordinazzjoni aħjar bejn il-leġiżlazzjoni rilevanti tal-UE, b'mod partikolari bejn id-Direttiva dwar l-MSP***, il-Politika Komuni tas-Sajd (PKS)*** u d-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina, sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni konsistenti u effettiva tal-ippjanar tal-ispazju marittimu;

Or. en

Emenda 146
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jemmen li l-importanza strateġika tas-sigurtà tal-ikel għandha tkun ankrata aħjar fid-Direttiva dwar l-MSP u li l-kontribut tad-Direttiva għaliha għandu jissaħħaħ; jitlob, għal dan l-għan, li d-Direttiva jeħtieġ li tirrikonoxxi l-produzzjoni tal-ikel fl-Unjoni bħala wieħed mill-objettivi strateġiċi tagħha;

Or. en

Emenda 147
Sander Smit, Isabelle Le Callennec, Marco Falcone, Carmen Crespo Díaz, Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Jissottolinja li l-ippjanar tal-ispazju marittimu jrid jirrispetta bis-sħiħ il-Politika Komuni tas-Sajd bħala l-qafas esklużiv għall-ġestjoni tas-sajd u ma jridx jintroduċi miżuri de facto għall-ġestjoni tas-sajd permezz ta' restrizzjonijiet għal ċerti spazji;

Or. en

Emenda 148
France Jamet, António Tânger Corrêa, Ton Diepeveen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 20a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	20a. Iżid li mhux se jkun possibbli li jinkisbu l-benefiċċji kollha ta' ppjanar marittimu sod għas-sajd mingħajr riforma fundamentali tal-Politika Komuni tas-Sajd;

Or. fr

Emenda 149
Eric Sargiacomo, Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jemmen li l-pjanijiet tal-ispazju	21. Jemmen li l-pjanijiet tal-ispazju

marittimu għandhom jirriflettu aħjar il-ħtiġijiet spazjali, ambjentali u soċjoekonomiċi, kif ukoll il-karatteristiċi speċifiċi ta' kull baċir tal-baħar; jisħaq li l-Istati Membri għandhom isaħħu l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-użu tal-art u tal-baħar meta jfasslu u jimplimentaw il-pjanijiet tal-ispazju marittimu;	marittimu għandhom jirriflettu aħjar il-ħtiġijiet spazjali, ambjentali u soċjoekonomiċi, kif ukoll il-karatteristiċi speċifiċi ta' kull baċir tal-baħar; jisħaq li l-Istati Membri għandhom isaħħu l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-użu tal-art u tal-baħar meta jfasslu u jimplimentaw il-pjanijiet tal-ispazju marittimu ***u jinkorporaw il-valutazzjonijiet tal-impatt tal-attivitajiet ibbażati fuq l-art fl-ilmijiet kostali***;
	Or. fr

Emenda 150
Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jemmen li l-pjanijiet tal-ispazju marittimu għandhom jirriflettu aħjar il-ħtiġijiet spazjali, ambjentali u soċjoekonomiċi, kif ukoll il-karatteristiċi speċifiċi ta' kull baċir tal-baħar; ***jisħaq li l-Istati Membri għandhom isaħħu l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-użu tal-art*** u ***tal-baħar*** meta jfasslu u jimplimentaw il-pjanijiet tal-ispazju marittimu;	21. Jemmen li l-pjanijiet tal-ispazju marittimu għandhom jirriflettu aħjar il-ħtiġijiet spazjali, ambjentali u soċjoekonomiċi, kif ukoll il-karatteristiċi speċifiċi ta' kull baċir tal-baħar; ***jenfasizza*** li, meta jfasslu u jimplimentaw pjanijiet tal-ispazju marittimu, ***l-Istati Membri għandhom iqisu l-ispeċifiċitajiet reġjonali, permezz ta' approċċ reġjonalizzat, u għandu jiġi żgurat rwol aktar prominenti għar-reġjuni u l-awtoritajiet lokali***;
	Or. en

Emenda 151
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

21. Jemmen li l-pjanijiet tal-ispazju marittimu għandhom jirriflettu aħjar il-ħtiġijiet spazjali, ambjentali u soċjoekonomiċi, kif ukoll il-karatteristiċi speċifiċi ta' kull baċir tal-baħar; jisħaq li l-Istati Membri għandhom isaħħu l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-użu tal-art u tal-baħar meta jfasslu u jimplimentaw il-pjanijiet tal-ispazju marittimu;	21. Jemmen li l-pjanijiet tal-ispazju marittimu għandhom jirriflettu aħjar il-ħtiġijiet spazjali, ambjentali u soċjoekonomiċi, kif ukoll il-karatteristiċi speċifiċi ta' kull baċir tal-baħar***, u għandhom jikkunsidraw il-karatteristiċi uniċi tal-gżejjer u tar-reġjuni ultraperiferiċi***; jisħaq li l-Istati Membri għandhom isaħħu l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-użu tal-art u tal-baħar meta jfasslu u jimplimentaw il-pjanijiet tal-ispazju marittimu;
	Or. it

Emenda 152
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
21. Jemmen li l-pjanijiet tal-ispazju marittimu għandhom jirriflettu aħjar il-ħtiġijiet spazjali, ambjentali u soċjoekonomiċi, kif ukoll il-karatteristiċi speċifiċi ta' kull ***baċir tal-baħar***; jisħaq li l-Istati Membri għandhom isaħħu l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-użu tal-art u tal-baħar meta jfasslu u jimplimentaw il-pjanijiet tal-ispazju marittimu;	21. Jemmen li l-pjanijiet tal-ispazju marittimu għandhom jirriflettu aħjar il-ħtiġijiet spazjali, ambjentali u soċjoekonomiċi, kif ukoll il-karatteristiċi speċifiċi ***taż-żona ekonomika esklużiva*** ta' kull ***Stat Membru***; jisħaq li l-Istati Membri għandhom isaħħu l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-użu tal-art u tal-baħar meta jfasslu u jimplimentaw il-pjanijiet tal-ispazju marittimu***, inkluż ir-reġjuni ultraperiferiċi***;
	Or. pt

Emenda 153
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

21. Jemmen li l-pjanijiet tal-ispazju marittimu għandhom jirriflettu aħjar il-ħtiġijiet spazjali, ambjentali u soċjoekonomiċi, kif ukoll il-karatteristiċi speċifiċi ta' kull baċir tal-baħar; jisħaq li l-Istati Membri għandhom isaħħu l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-użu tal-art u tal-baħar meta jfasslu u jimplimentaw il-pjanijiet tal-ispazju marittimu;	21. Jemmen li l-pjanijiet tal-ispazju marittimu għandhom jirriflettu aħjar il-ħtiġijiet spazjali, ambjentali u soċjoekonomiċi, kif ukoll il-karatteristiċi speċifiċi ta' kull baċir tal-baħar***, inkluż dawk tar-reġjuni ultraperiferiċi***; jisħaq li l-Istati Membri għandhom isaħħu l-koordinazzjoni bejn l-awtoritajiet tal-użu tal-art u tal-baħar meta jfasslu u jimplimentaw il-pjanijiet tal-ispazju marittimu;
	Or. fr

Emenda 154
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jitlob li s-sajd u l-akkwakultura jiġu rikonoxxuti bħala setturi strateġiċi ta' interess pubbliku ewlieni għas-sigurtà u s-sovranità tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari s-sigurtà tal-ikel; jitlob għalhekk li dawn l-attivitajiet, li huma tradizzjonalment preżenti mal-kosti kollha, jingħataw kunsiderazzjoni prijoritarja fl-ippjanar tal-ispazju marittimu, b'mod partikolari fil-każ ta' segmenti fejn ma jistgħux jiġu rilokati;
	Or. fr

Emenda 155
Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-Istati

Membri jsaħħu l-koordinazzjoni kemm bejn l-Istati Membri kif ukoll fi ħdan l-Istati Membri, b'mod partikolari bejn l-awtoritajiet nazzjonali u reġjonali, kif ukoll il-koordinazzjoni orizzontali fost l-awtoritajiet responsabbli, fost l-oħrajn, għall-politiki ambjentali, tas-sajd, tal-enerġija u tat-trasport meta jfasslu u jimplimentaw pjanijiet tal-ispazju marittimu sabiex jiġi żgurat approċċ koerenti u integrat;

Or. en

Emenda 156
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 21a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	21a. Jemmen li l-ippjanar tal-ispazju marittimu għandu jidentifika rekwiżiti minimi għall-koeżistenza ta' attivitajiet ekonomiċi marittimi;

Or. it

Emenda 157
Siegbert Frank Droese, Volker Schnurrbusch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jappella għall-implimentazzjoni ta' approċċ ibbilanċjat u b'użu multiplu għall-ippjanar tal-ispazju marittimu, sabiex jiġu minimizzati l-effetti negattivi fuq is-sajd u l-akkwakultura u jiġi żgurat li dawn l-attivitajiet ma jiġux esklużi mill-ispazju marittimu; iqis li l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet relatati mal-ekonomija blu ma	22. Jappella għall-implimentazzjoni ta' approċċ ibbilanċjat u b'użu multiplu għall-ippjanar tal-ispazju marittimu, sabiex jiġu minimizzati l-effetti negattivi fuq is-sajd u l-akkwakultura u jiġi żgurat li dawn l-attivitajiet ma jiġux esklużi mill-ispazju marittimu; iqis li l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet relatati mal-ekonomija blu ma

jridx ikun għad-detriment tal-produzzjoni tal-frott tal-baħar, ***is-sovranità*** tal-ikel ***u l-preżervazzjoni tal-bijodiversità*** tal-baħar;	jridx ikun għad-detriment tal-produzzjoni tal-frott tal-baħar, ***il-kapaċità tas-sajd eżistenti u s-sovranità*** tal-ikel***, b'mod partikolari f'żoni marittimi fejn it-telf tal-postijiet għas-sajd ikompli jżid id-dipendenza tal-Unjoni fuq l-importazzjonijiet tal-frott*** tal-baħar ***minn barra l-UE***;
	Or. en

Emenda 158
Eric Sargiacomo, Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jappella għall-implimentazzjoni ta' approċċ ibbilanċjat u b'użu multiplu għall-ippjanar tal-ispazju marittimu, ***sabiex jiġu minimizzati l-effetti*** negattivi fuq ***is-sajd*** u l-akkwakultura u jiġi żgurat li dawn l-attivitajiet ma jiġux esklużi mill-ispazju marittimu; iqis li l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet relatati mal-ekonomija blu ma jridx ikun għad-detriment tal-produzzjoni tal-frott tal-baħar, is-sovranità tal-ikel u l-preżervazzjoni tal-bijodiversità tal-baħar;	22. Jappella għall-implimentazzjoni ta' approċċ ibbilanċjat u b'użu multiplu għall-ippjanar tal-ispazju marittimu, ***f'konformità mad-Direttiva 2014/52/UE, billi jiġi adottat approċċ immirat li jevita effetti*** negattivi fuq ***ir-riżorsi u l-bijodiversità li huma s-sajd*** u l-akkwakultura***,*** u ***għaldaqstant*** jiġi żgurat li dawn l-attivitajiet ma jiġux esklużi mill-ispazju marittimu; iqis li l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet relatati mal-ekonomija blu ma jridx ikun għad-detriment tal-produzzjoni tal-frott tal-baħar, is-sovranità tal-ikel u l-preżervazzjoni tal-bijodiversità tal-baħar;
	Or. fr

Emenda 159
Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jappella għall-implimentazzjoni ta'	22. Jappella għall-implimentazzjoni ta'

approċċ ibbilanċjat u b'użu multiplu għall-ippjanar tal-ispazju marittimu, sabiex jiġu minimizzati l-effetti negattivi fuq is-sajd u l-akkwakultura u jiġi żgurat li dawn l-attivitajiet ma jiġux eskluży mill-ispazju marittimu; iqis li l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet relatati mal-ekonomija blu ma jridx ikun għad-detriment ***tal-produzzjoni tal-frott tal-baħar, is-sovranità tal-ikel*** u ***l-preżervazzjoni tal-bijodiversità*** tal-baħar;

approċċ ibbilanċjat u b'użu multiplu għall-ippjanar tal-ispazju marittimu, sabiex jiġu minimizzati l-effetti negattivi fuq is-sajd u l-akkwakultura u jiġi żgurat li dawn l-attivitajiet ma jiġux eskluży mill-ispazju marittimu; iqis li l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet relatati mal-ekonomija blu ma jridx ikun għad-detriment ***ta' sistemi tal-ikel sostenibbli u reżiljenti u għall-ħtieġa urġenti li tiġi ppreżervata*** u ***rrestawrata l-bijodiversità*** tal-baħar ***fid-dawl tal-kriżi planetarja tripla***;

Or. en

Emenda 160
France Jamet, António Tânger Corrêa, Ton Diepeveen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jappella għall-implimentazzjoni ta' approċċ ibbilanċjat u b'użu multiplu għall-ippjanar tal-ispazju marittimu, sabiex ***jiġu minimizzati l-effetti negattivi fuq is-sajd*** u ***l-akkwakultura*** u jiġi żgurat li dawn l-attivitajiet ma ***jiġux*** eskluży mill-ispazju marittimu; iqis li l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet relatati mal-ekonomija blu ma jridx ikun għad-detriment tal-produzzjoni tal-frott tal-baħar, is-sovranità tal-ikel u l-preżervazzjoni tal-bijodiversità tal-baħar;	22. Jappella għall-implimentazzjoni ta' approċċ ibbilanċjat u b'użu multiplu għall-ippjanar tal-ispazju marittimu, sabiex ***l-attivitajiet tas-sajd u l-akkwakultura ma jiġux milquta b'mod negattiv ekonomikament*** u ***soċjalment,*** u ***b'hekk*** jiġi żgurat li dawn l-attivitajiet ma ***jkomplux jiġu*** eskluży mill-ispazju marittimu; iqis li l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet relatati mal-ekonomija blu ma jridx ikun għad-detriment tal-produzzjoni tal-frott tal-baħar, is-sovranità tal-ikel u l-preżervazzjoni tal-bijodiversità tal-baħar;

Or. fr

Emenda 161
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
22. Jappella għall-implimentazzjoni ta' approċċ ibbilanċjat u b'użu multiplu għall-ippjanar tal-ispazju marittimu, sabiex jiġu ***minimizzati*** l-effetti negattivi fuq is-sajd u l-akkwakultura u jiġi żgurat li dawn l-attivitajiet ma jiġux esklużi mill-ispazju marittimu; iqis li l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet relatati mal-ekonomija blu ma jridx ikun għad-detriment tal-produzzjoni tal-frott tal-baħar, is-sovranità tal-ikel u l-preżervazzjoni tal-bijodiversità tal-baħar;	22. Jappella għall-implimentazzjoni ta' approċċ ***minn isfel għal fuq,*** ibbilanċjat u b'użu multiplu għall-ippjanar tal-ispazju marittimu, sabiex jiġu ***pprojbiti*** l-effetti negattivi fuq is-sajd u l-akkwakultura u jiġi żgurat li dawn l-attivitajiet ma jiġux esklużi mill-ispazju marittimu; iqis li l-iżvilupp ta' ċerti attivitajiet relatati mal-ekonomija blu ma jridx ikun għad-detriment tal-produzzjoni tal-frott tal-baħar, is-sovranità tal-ikel u l-preżervazzjoni tal-bijodiversità tal-baħar;
	Or. fr

Emenda 162
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jipproponi li jiġu vvalutati l-kombinament u l-integrazzjoni tal-parks eoliċi lil hinn mill-kosta f'żoni marini protetti fir-rigward ta' ħabitats definiti b'mod ċar u objettivi ta' konservazzjoni tal-bijodiversità, inkluż dawk relatati mar-riżorsi tas-sajd; jissottolinja li għandhom jiġu stabbiliti kumitati ta' ġestjoni f'dawn iż-żoni marini protetti sabiex tinkiseb koeżistenza aħjar tal-attivitajiet, u li trid tingħata l-approvazzjoni mill-awtorità kompetenti rilevanti inkarigata miż-żoni marini protetti; jisħaq li l-parks eoliċi lil hinn mill-kosta għandhom, kull meta jkun possibbli, jitqiegħdu f'żoni li huma inqas adattati għas-sajd, sabiex jiġu minimizzati l-impatti negattivi fuq l-industrija tas-sajd;
	Or. en

Emenda 163
Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. iqis li l-ippjanar tal-ispazju marittimu jrid jadotta approċċ dinamiku u adattiv, li jqis il-bidliet fl-ambjent tal-baħar u fir-riżorsi tal-baħar, bl-użu ta' data u indikaturi xjentifiċi u soċjoekonomiċi aġġornati regolarment, b'mod partikolari meta jiġu stabbiliti żoni li jistgħu jeskludu attivitajiet tas-sajd bħal parks eoliċi lil hinn mill-kosta u d-dežinjazzjoni ta' ċerti żoni protetti tal-baħar;

Or. en

Emenda 164
Eric Sargiacomo, Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu mekkaniżmi ta' governanza inklużivi fil-kuntest tal-ippjanar tal-ispazju marittimu, filwaqt li jiżguraw l-involviment dirett u strutturat tas-sajjieda, inklużi s-sajjieda fuq skala żgħira jew l-organizzazzjonijiet reġjonali tal-ġestjoni tas-sajd (RFMOs) u l-partijiet ikkonċernati, fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, tal-monitoraġġ u tar-rieżami għall-pjanijiet;

Or. fr

Emenda 165

Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 22a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	22a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri tagħha, fl-implimentazzjoni tal-ippjanar tal-ispazju marittimu, jagħtu prijorità lill-iżvilupp ta' ekonomija blu b'impatt baxx, ġusta u riġenerattiva, f'konformità mal-limiti planetarji;

Or. en

Emenda 166
Eric Sargiacomo, Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ imsaħħaħ għas-sajd fl-MSP; jappoġġja ***l-istabbiliment ta' żoni spazjali ċari u żoni ta' prijorità għas-sajd***, ***imfassla*** għal segmenti differenti tal-flotta ***u r-riżorsi tas-sajd***, kif ukoll ***il-baċiri*** tal-baħar, u ***bbażati*** fuq valutazzjonijiet xjentifiċi u soċjoekonomiċi robusti;	23. Jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ imsaħħaħ għas-sajd fl-MSP; jappoġġja ***approċċ flessibbli għas-sajd li jqis il-moviment u l-iżvilupp tar-riżorsi tas-sajd***, ***imfassal*** għal segmenti differenti tal-flotta, kif ukoll ***għall-baċiri*** tal-baħar, u ***bbażat*** fuq valutazzjonijiet xjentifiċi u soċjoekonomiċi robusti; ***jitlob li l-iżvilupp, l-implimentazzjoni u r-rieżami tal-pjanijiet tal-ispazju marittimu jkunu akkumpanjati fil-każijiet kollha minn valutazzjonijiet tal-impatt soċjali u territorjali, li jiffukaw b'mod partikolari fuq l-impjiegi, il-kundizzjonijiet tax-xogħol, is-sikurezza tas-sajjieda u s-sostenibbiltà tal-komunitajiet kostali;***

Or. fr

Emenda 167
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ imsaħħaħ għas-sajd fl-MSP; jappoġġja l-istabbiliment ta' żoni spazjali ċari u żoni ta' prijorità għas-sajd, imfassla għal segmenti differenti tal-flotta u r-riżorsi tas-sajd, kif ukoll il-baċiri tal-baħar, u bbażati fuq valutazzjonijiet xjentifiċi u soċjoekonomiċi robusti;	23. Jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ imsaħħaħ għas-sajd fl-MSP; jappoġġja l-istabbiliment ta' żoni spazjali ċari u żoni ta' prijorità għas-sajd, imfassla għal segmenti differenti tal-flotta u r-riżorsi tas-sajd, kif ukoll il-baċiri tal-baħar, u bbażati fuq valutazzjonijiet xjentifiċi u soċjoekonomiċi robusti; ***jisħaq li r-restrizzjonijiet preskrittivi u estensivi jistgħu jaċċelleraw l-abbandun u t-telf ta' tradizzjonijiet onorati miż-żmien fil-komunitajiet kostali, mhux l-inqas fil-gżejjer u fir-reġjuni ultraperiferiċi, fejn it-telf tal-ispazju marittimu iħalli impatt soċjoekonomiku sproporzjonat;***

Or. it

Emenda 168
Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ imsaħħaħ għas-sajd fl-MSP; jappoġġja l-istabbiliment ta' żoni spazjali ċari u żoni ta' prijorità għas-sajd, imfassla għal segmenti differenti tal-flotta u r-riżorsi tas-sajd, kif ukoll il-baċiri tal-baħar, u bbażati fuq valutazzjonijiet xjentifiċi u soċjoekonomiċi robusti;	23. Jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ imsaħħaħ għas-sajd fl-MSP; jappoġġja l-istabbiliment ta' żoni spazjali ċari u żoni ta' prijorità għas-sajd, imfassla għal segmenti differenti tal-flotta u r-riżorsi tas-sajd, kif ukoll il-baċiri tal-baħar, u bbażati fuq valutazzjonijiet xjentifiċi u soċjoekonomiċi robusti; ***jenfasizza l-ħtieġa, b'mod partikolari, ta' żieda fiż-żoni riżervati ddedikati għas-sajd qrib il-kosta fuq skala żgħira b'impatt baxx fiż-żona ta' 12-il mil nawtiku u mirfuda minn reġimi ta' ġestjoni konġunta;***

Or. en

Emenda 169
Carmen Crespo Díaz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ imsaħħaħ għas-sajd fl-MSP; jappoġġja l-istabbiliment ta' żoni spazjali ċari u żoni ta' prijorità għas-sajd, imfassla għal segmenti differenti tal-flotta u r-riżorsi tas-sajd, kif ukoll il-baċiri tal-baħar, u bbażati fuq valutazzjonijiet xjentifiċi u soċjoekonomiċi robusti;	23. Jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ imsaħħaħ għas-sajd fl-MSP; jappoġġja l-istabbiliment ta' żoni spazjali ċari u żoni ta' prijorità għas-sajd, imfassla għal segmenti differenti tal-flotta u r-riżorsi tas-sajd, kif ukoll il-baċiri tal-baħar, u bbażati fuq valutazzjonijiet xjentifiċi u soċjoekonomiċi robusti***, flimkien mar-rikonoxximent legali ta' żoni tas-sajd tradizzjonali, li jistabbilixxi l-mekkaniżmi biex jipproteġuhom mill-esklużjoni minn attivitajiet tal-baħar oħra***;

Or. es

Emenda 170
Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ imsaħħaħ għas-sajd fl-MSP; jappoġġja l-istabbiliment ta' żoni spazjali ċari u żoni ta' prijorità għas-sajd, imfassla għal segmenti differenti tal-flotta u r-riżorsi tas-sajd, kif ukoll il-baċiri tal-baħar***, u bbażati*** fuq valutazzjonijiet xjentifiċi u soċjoekonomiċi robusti;	23. Jenfasizza l-ħtieġa ta' ***attenzjoni speċjali u*** appoġġ imsaħħaħ għas-sajd fl-MSP; jappoġġja l-istabbiliment ta' żoni spazjali ċari u żoni ta' prijorità għas-sajd, imfassla għal segmenti differenti tal-flotta u r-riżorsi tas-sajd, kif ukoll il-baċiri tal-baħar***; dan it-tqassim f'żoni tal-ispazji għandu jkun ibbażat*** fuq valutazzjonijiet xjentifiċi u soċjoekonomiċi robusti ***u għandu jirrispetta ż-żoni tas-sajd storiċi u tradizzjonali, kif ukoll iż-żoni tradizzjonali tal-akkwakultura***;

Or. en

Emenda 171
Sander Smit, Isabelle Le Callennec, Marco Falcone, Carmen Crespo Díaz, Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ imsaħħaħ għas-sajd fl-MSP; jappoġġja l-istabbiliment ta' żoni spazjali ċari u żoni ta' prijorità għas-sajd, imfassla għal segmenti differenti tal-flotta u r-riżorsi tas-sajd, kif ukoll il-baċiri tal-baħar, u bbażati fuq valutazzjonijiet xjentifiċi u soċjoekonomiċi robusti;	23. Jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ imsaħħaħ għas-sajd fl-MSP; jappoġġja l-istabbiliment ta' żoni spazjali ċari u żoni ta' prijorità għas-sajd, imfassla għal segmenti differenti tal-flotta u r-riżorsi tas-sajd, kif ukoll il-baċiri tal-baħar, u bbażati fuq valutazzjonijiet xjentifiċi u soċjoekonomiċi robusti***, kif ukoll l-użu storiku ta' data, sabiex jiġi evitat it-telf ulterjuri tal-postijiet għas-sajd u l-ispostament kumulattiv tal-flotot***;

Or. en

Emenda 172
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ imsaħħaħ għas-sajd ***fl-MSP***; jappoġġja l-istabbiliment ta' żoni spazjali ċari u żoni ta' prijorità għas-sajd, imfassla għal segmenti differenti tal-flotta u r-riżorsi tas-sajd, kif ukoll il-baċiri tal-baħar, u bbażati fuq valutazzjonijiet xjentifiċi u soċjoekonomiċi robusti;	23. Jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ imsaħħaħ għas-sajd ***fi ħdan l-MSP filwaqt li tingħata prijorità lir-restawr tal-ħabitats u l-ħolqien mill-ġdid tal-istokkijiet tal-ħut***; jappoġġja l-istabbiliment ta' żoni spazjali ċari u żoni ta' prijorità ***speċjalment*** għas-sajd ***fuq skala żgħira***, imfassla għal segmenti differenti tal-flotta u r-riżorsi tas-sajd, kif ukoll il-baċiri tal-baħar, u bbażati fuq valutazzjonijiet xjentifiċi u soċjoekonomiċi robusti;

Or. en

Emenda 173
Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ imsaħħaħ għas-sajd fl-MSP; jappoġġja l-istabbiliment ta' żoni spazjali ċari u żoni ta' prijorità għas-sajd, imfassla għal segmenti differenti tal-flotta u r-riżorsi tas-sajd, kif ukoll il-baċiri tal-baħar, u bbażati fuq valutazzjonijiet xjentifiċi u soċjoekonomiċi robusti;	23. Jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ imsaħħaħ għas-sajd fl-MSP; jappoġġja l-istabbiliment ta' żoni spazjali ċari u żoni ta' prijorità għas-sajd, imfassla għal segmenti differenti tal-flotta u r-riżorsi tas-sajd, kif ukoll il-baċiri tal-baħar, u bbażati fuq valutazzjonijiet ***u indikaturi*** xjentifiċi u soċjoekonomiċi robusti***, sabiex ikun hemm viżibbiltà u prevedibbiltà akbar tas-settur tas-sajd***;

Or. en

Emenda 174
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ imsaħħaħ għas-sajd fl-MSP; jappoġġja l-istabbiliment ta' żoni spazjali ċari u żoni ta' prijorità għas-sajd, imfassla għal segmenti differenti tal-flotta u r-riżorsi tas-sajd, kif ukoll il-baċiri tal-baħar, u bbażati fuq valutazzjonijiet xjentifiċi u soċjoekonomiċi robusti;	23. Jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ imsaħħaħ għas-sajd fl-MSP; jappoġġja l-istabbiliment ta' żoni spazjali ċari u żoni ta' prijorità għas-sajd, ***il-ġbir tal-frott tal-baħar bil-qoxra u l-mitilikultura,*** imfassla għal segmenti differenti tal-flotta u r-riżorsi tas-sajd ***u tal-ġbir tal-frott tal-baħar bil-qoxra***, kif ukoll il-baċiri tal-baħar, u bbażati fuq valutazzjonijiet xjentifiċi u soċjoekonomiċi robusti;

Or. en

Emenda 175

Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ imsaħħaħ għas-sajd fl-MSP; jappoġġja ***l-istabbiliment*** ta' żoni spazjali ċari u żoni ta' prijorità għas-sajd, imfassla għal segmenti differenti tal-flotta u r-riżorsi tas-sajd, kif ukoll ***il-baċiri tal-baħar***, u bbażati fuq valutazzjonijiet xjentifiċi u soċjoekonomiċi robusti;	23. Jenfasizza l-ħtieġa ta' appoġġ imsaħħaħ għas-sajd fl-MSP; jappoġġja ***r-riċerka dwar il-fattibbiltà tal-istabbiliment*** ta' żoni spazjali ċari u żoni ta' prijorità għas-sajd, imfassla għal segmenti differenti tal-flotta u r-riżorsi tas-sajd, kif ukoll ***iż-żoni ekonomiċi esklużivi ta' kull Stat Membru***, u bbażati fuq valutazzjonijiet xjentifiċi u soċjoekonomiċi robusti;

Or. pt

Emenda 176
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
23. Jenfasizza l-ħtieġa ***ta' appoġġ imsaħħaħ għas-sajd*** fl-MSP; jappoġġja l-istabbiliment ta' żoni spazjali ċari u żoni ta' prijorità għas-sajd, imfassla għal segmenti differenti tal-flotta u r-riżorsi tas-sajd, kif ukoll il-baċiri tal-baħar, u bbażati fuq valutazzjonijiet xjentifiċi u soċjoekonomiċi robusti;	23. Jenfasizza l-ħtieġa ***għall-kunsiderazzjoni sistematika tas-sajd u l-akkwakultura*** fl-MSP; jappoġġja l-istabbiliment ta' żoni spazjali ċari u żoni ta' prijorità ***funzjonali*** għas-sajd, imfassla għal segmenti differenti tal-flotta u r-riżorsi tas-sajd, kif ukoll il-baċiri tal-baħar, u bbażati fuq valutazzjonijiet xjentifiċi u soċjoekonomiċi robusti;

Or. fr

Emenda 177
Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li tissaħħaħ ir-riċerka fl-immappjar u l-immudellar tal-postijiet għas-sajd u r-riżorsi tas-sajd; iqis li d-delimitazzjoni taż-żoni ta' prijorità għas-sajd u l-ippjanar tal-attivitajiet tas-sajd iridu jadottaw approċċ dinamiku sabiex jadattaw għall-fenomeni tal-bidla u l-migrazzjoni tal-istokkijiet tal-ħut li jaffettwaw iż-żoni storiċi ta' distribuzzjoni;

Or. en

Emenda 178
Sander Smit, Isabelle Le Callennec, Marco Falcone, Carmen Crespo Díaz, Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jirrikonoxxu s-sajd bħala utent strateġiku u ta' prijorità tal-ispazju marittimu, essenzjali għas-sovranità tal-ikel u s-sigurtà tal-ikel tal-UE, l-impjiegi kostali u l-awtonomija strateġika, u jirriflettu dan l-istatus b'mod espliċitu fil-pjanijiet tal-ispazju marittimu u fir-reviżjoni li jmiss tad-Direttiva dwar l-MSP.

Or. en

Emenda 179
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

23a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżguraw li l-pjanijiet tal-ispazju marittimu jqisu b'mod espliċitu d-domandi spazjali, ir-rekwiżiti ambjentali u l-ħtiġijiet soċjoekonomiċi tas-sajd artiġjanali fuq skala żgħira u tal-akkwakultura;

Or. pt

Emenda 180
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 23a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	23a. Jitlob, f'dan ir-rigward, approċċ differenzjat għall-ġestjoni tas-sajd fuq skala żgħira li jinkludi aċċess preferenzjali fiż-żona ta' 12-il mil nawtiku għas-sajd fuq skala żgħira, l-attivitajiet b'impatt baxx u l-proġetti ta' konservazzjoni;

Or. en

Emenda 181
Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw aktar l-akkwakultura u t-trobbija tal-frott tal-baħar bil-qoxra fl-MSP u jirrikonoxxu s-servizzi tal-ekosistema pprovduti minn akkwakultura b'livell trofiku baxx; jappella għad-dežinjazzjoni ta' spazji marittimi ddedikati għaż-żoni ta' żvilupp tal-	24. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw aktar l-akkwakultura u t-trobbija tal-frott tal-baħar bil-qoxra fl-MSP u jirrikonoxxu s-servizzi tal-ekosistema pprovduti minn akkwakultura b'livell trofiku baxx; jappella għad-dežinjazzjoni ta' spazji marittimi ddedikati għaż-żoni ta' żvilupp tal-

akkwakultura fl-MSP; jitlob li jiġu ffaċilitati l-proċeduri ta' liċenzjar u li jitnaqqsu l-ostakli regolatorji għall-iżvilupp ta' dawn l-attivitajiet;	akkwakultura ***reġenerattivi b'livell trofiku baxx*** fl-MSP; jitlob li jiġu ffaċilitati l-proċeduri ta' liċenzjar u li jitnaqqsu l-ostakli regolatorji għall-iżvilupp ta' dawn l-attivitajiet; ***jitlob li jiġu pprovduti inċentivi biex tingħata spinta lill-iżvilupp sostenibbli ta' akkwakultura riġenerattiva b'livell trofiku baxx, inkluża d-diversifikazzjoni għal speċijiet mhux tal-għalf bħall-kultivazzjoni tal-alka, bħala kwistjoni ta' prijorità;***
	Or. en

Emenda 182
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jintegraw aktar*** l-akkwakultura u t-trobbija tal-frott tal-baħar bil-qoxra ***fl-MSP*** u ***jirrikonoxxu*** s-servizzi tal-ekosistema pprovduti minn akkwakultura b'livell trofiku baxx; jappella għad-dežinjazzjoni ta' spazji marittimi ddedikati għaż-żoni ta' żvilupp tal-akkwakultura fl-MSP; jitlob li jiġu ffaċilitati l-proċeduri ta' liċenzjar u li jitnaqqsu l-ostakli regolatorji għall-iżvilupp ta' dawn l-attivitajiet;	24. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri ***jikkunsidraw politika komuni ġenwina tal-UE dwar*** l-akkwakultura ***bbażata fuq l-istess prinċipju bħall-Politika Komuni tas-Sajd, inklużi t-trobbija tal-frott tal-baħar bil-qoxra*** u t-trobbija ***tal-alka, sabiex jitqiesu aħjar l-akkwakultura, it-trobbija*** tal-frott tal-baħar bil-qoxra ***u t-trobbija tal-alka f'kompromessi relatati mal-MSP*** u ***biex jiġu rikonoxxuti*** s-servizzi tal-ekosistema pprovduti minn akkwakultura b'livell trofiku baxx; jappella għad-dežinjazzjoni ta' spazji marittimi ddedikati għaż-żoni ta' żvilupp tal-akkwakultura fl-MSP; jitlob li jiġu ffaċilitati l-proċeduri ta' liċenzjar u li jitnaqqsu l-ostakli regolatorji għall-iżvilupp ta' dawn l-attivitajiet;
	Or. fr

Emenda 183
Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw aktar l-akkwakultura u t-trobbija tal-frott tal-baħar bil-qoxra fl-MSP u jirrikonoxxu s-servizzi tal-ekosistema pprovduti minn akkwakultura b'livell trofiku baxx; jappella għad-dežinjazzjoni ta' spazji marittimi ddedikati għaż-żoni ta' żvilupp tal-akkwakultura fl-MSP; jitlob li jiġu ffaċilitati l-proċeduri ta' liċenzjar u li jitnaqqsu l-ostakli regolatorji għall-iżvilupp ta' dawn l-attivitajiet;	24. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw aktar l-akkwakultura u t-trobbija tal-frott tal-baħar bil-qoxra***, kif ukoll is-sajd tal-miexi, inkluż il-ġbir tal-frott tal-baħar bil-qoxra,*** fl-MSP u jirrikonoxxu s-servizzi tal-ekosistema pprovduti minn akkwakultura b'livell trofiku baxx; jappella għad-dežinjazzjoni ta' spazji marittimi ddedikati għaż-żoni ta' żvilupp tal-akkwakultura fl-MSP; jitlob li jiġu ffaċilitati l-proċeduri ta' liċenzjar u li jitnaqqsu l-ostakli regolatorji għall-iżvilupp ta' dawn l-attivitajiet;

Or. en

Emenda 184
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw aktar l-akkwakultura u t-trobbija tal-frott tal-baħar bil-qoxra fl-MSP u jirrikonoxxu s-servizzi tal-ekosistema pprovduti minn akkwakultura b'livell trofiku baxx; jappella għad-dežinjazzjoni ta' spazji marittimi ddedikati għaż-żoni ta' żvilupp tal-akkwakultura fl-MSP; jitlob li jiġu ffaċilitati l-proċeduri ta' liċenzjar u li jitnaqqsu l-ostakli regolatorji għall-iżvilupp ta' dawn l-attivitajiet;	24. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw aktar l-akkwakultura u t-trobbija tal-frott tal-baħar bil-qoxra fl-MSP u jirrikonoxxu s-servizzi tal-ekosistema pprovduti minn akkwakultura b'livell trofiku baxx ***bil-protezzjoni ta'akkwakultura estensiva***; jappella għad-dežinjazzjoni ta' spazji marittimi ddedikati għaż-żoni ta' żvilupp tal-akkwakultura fl-MSP; jitlob li jiġu ffaċilitati l-proċeduri ta' liċenzjar u li jitnaqqsu l-ostakli regolatorji għall-iżvilupp ta' dawn l-attivitajiet;

Or. en

Emenda 185
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
24. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw aktar l-akkwakultura u t-trobbija tal-frott tal-baħar bil-qoxra fl-MSP u jirrikonoxxu s-servizzi tal-ekosistema pprovduti minn akkwakultura b'livell trofiku baxx; jappella għad-dežinjazzjoni ta' spazji marittimi ddedikati għaż-żoni ta' żvilupp tal-akkwakultura fl-MSP; jitlob li jiġu ffaċilitati l-proċeduri ta' liċenzjar ***u li jitnaqqsu l-ostakli regolatorji*** għall-iżvilupp ta' dawn l-attivitajiet;	24. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jintegraw aktar l-akkwakultura u t-trobbija tal-frott tal-baħar bil-qoxra fl-MSP u jirrikonoxxu s-servizzi tal-ekosistema pprovduti minn akkwakultura b'livell trofiku ***u tal-karbonju*** baxx; jappella għad-dežinjazzjoni ta' spazji marittimi ddedikati għaż-żoni ta' żvilupp tal-akkwakultura ***b'livell trofiku u tal-karbonju baxx*** fl-MSP; jitlob li jiġu ffaċilitati l-proċeduri ta' liċenzjar għall-iżvilupp ta' dawn l-attivitajiet;

Or. en

Emenda 186
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Iheġġeġ lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jrawmu l-innovazzjoni u t-trasferiment teknoloġiku fis-sajd u l-akkwakultura, inkluż billi jinċentivaw l-użu ta' teknoloġiji diġitali ta' monitoraġġ, awtomatizzazzjoni u ġestjoni intelliġenti u billi jappoġġjaw proġetti pilota u ta' dimostrazzjoni inklużi metodi innovattivi ta' akkwakultura sostenibbli bħall-akkwakultura multitrofika integrata (IMTA) u l-introduzzjoni ta' speċijiet li għandhom impatt ambjentali aktar limitat; jitlob li l-Politika Komuni tas-Sajd u l-istrumenti finanzjarji rilevanti tagħha

jagħtu prijorità lill-innovazzjoni teknoloġika u lill-metodi moderni ta' produzzjoni sabiex is-sajd tal-UE jsir aktar ekonomikament reżiljenti, kompetittiv u ambjentalment sostenibbli;

Or. it

Emenda 187
Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 24a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	24a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jagħtu prijorità lill-ħolqien ta' networks ta' MPAs konnessi ekoloġikament ġestiti b'mod effettiv;

Or. en

Emenda 188
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jenfasizza l-ħtieġa ta' governanza trasparenti u b'diversi partijiet ikkonċernati fl-MSP; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-parteċipazzjoni bikrija, sistematika, sinifikattiva u kontinwa tal-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-proċessi tal-MSP u l-eżiti finali, u għall-inklużjoni ta' feedback trasparenti dwar kif jintuża l-kontribut tal-partijiet ikkonċernati fit-teħid tad-deċiżjonijiet; jitlob li l-partijiet ikkonċernati u l-komunitajiet kostali kollha jiġu ttrattati b'mod ġust;	25. Jenfasizza l-ħtieġa ta' governanza trasparenti u b'diversi partijiet ikkonċernati fl-MSP; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-parteċipazzjoni bikrija, sistematika, sinifikattiva u kontinwa tal-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-proċessi tal-MSP u l-eżiti finali, u għall-inklużjoni ta' feedback trasparenti dwar kif jintuża l-kontribut tal-partijiet ikkonċernati fit-teħid tad-deċiżjonijiet; jitlob li l-partijiet ikkonċernati u l-komunitajiet kostali kollha jiġu ttrattati b'mod ġust ***permezz ta' formati ta' konsultazzjoni trasparenti***

aċċessibbli għall-partijiet ikkonċernati kollha ***irrispettivament mill-mezzi finanzjarji, amministrattivi u organizzattivi tagħhom***;

Or. en

Emenda 189
Nora Junco García, Bert-Jan Ruissen, Stephen Nikola Bartulica, Giuseppe Milazzo, Emmanouil Fragkos, Diego Solier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jenfasizza l-ħtieġa ta' governanza trasparenti u b'diversi partijiet ikkonċernati fl-MSP; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-parteċipazzjoni bikrija, sistematika, sinifikattiva u kontinwa tal-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-proċessi tal-MSP u l-eżiti finali, u għall-inklużjoni ta' feedback trasparenti dwar kif jintuża l-kontribut tal-partijiet ikkonċernati fit-teħid tad-deċiżjonijiet; jitlob li l-partijiet ikkonċernati u l-komunitajiet kostali kollha jiġu ttrattati b'mod ġust;	25. Jenfasizza l-ħtieġa ta' governanza trasparenti u b'diversi partijiet ikkonċernati fl-MSP; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-parteċipazzjoni bikrija, sistematika, sinifikattiva u kontinwa tal-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-proċessi tal-MSP u l-eżiti finali, u għall-inklużjoni ta' feedback trasparenti dwar kif jintuża l-kontribut tal-partijiet ikkonċernati fit-teħid tad-deċiżjonijiet; jitlob li l-partijiet ikkonċernati u l-komunitajiet kostali kollha jiġu ttrattati b'mod ġust; ***jirrikonoxxi r-rwol essenzjali tas-sajd bħala attività ekonomika strateġika u bħala pilastru tal-koeżjoni soċjali fiż-żoni kostali.***

Or. es

Emenda 190
Sander Smit, Isabelle Le Callennec, Marco Falcone, Carmen Crespo Díaz, Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jenfasizza l-ħtieġa ta' governanza trasparenti u b'diversi partijiet ikkonċernati	25. Jenfasizza l-ħtieġa ta' governanza trasparenti u b'diversi partijiet ikkonċernati

fl-MSP; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-parteċipazzjoni bikrija, sistematika, ***sinifikattiva*** u kontinwa tal-partijiet ikkonċernati rilevanti ***fil-proċessi tal-MSP*** u ***l-eżiti*** finali, u għall-inklużjoni ta' feedback trasparenti dwar kif jintuża l-kontribut tal-partijiet ikkonċernati fit-teħid tad-deċiżjonijiet; jitlob li l-partijiet ikkonċernati u l-komunitajiet kostali kollha jiġu ttrattati b'mod ġust;	fl-MSP; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-parteċipazzjoni ***obbligatorja,*** bikrija, sistematika, ***sinifikanti*** u kontinwa tal-partijiet ikkonċernati rilevanti***, inklużi l-Kunsilli Konsultattivi*** u ***s-sajjieda, fl-istadji kollha tat-tfassil, tal-proċessi, tal-implimentazzjoni, tal-eżiti*** finali ***u tar-reviżjoni tal-MSP***, u għall-inklużjoni ta' feedback trasparenti dwar kif jintuża l-kontribut tal-partijiet ikkonċernati fit-teħid tad-deċiżjonijiet; jitlob li l-partijiet ikkonċernati u l-komunitajiet kostali kollha jiġu ttrattati b'mod ġust;
	Or. en

Emenda 191
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jenfasizza l-ħtieġa ta' governanza trasparenti u b'diversi partijiet ikkonċernati fl-MSP; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-parteċipazzjoni bikrija, sistematika, sinifikattiva u kontinwa tal-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-proċessi tal-MSP u l-eżiti finali, u għall-inklużjoni ta' feedback trasparenti dwar kif jintuża l-kontribut tal-partijiet ikkonċernati fit-teħid tad-deċiżjonijiet; jitlob li l-partijiet ikkonċernati u l-komunitajiet kostali kollha jiġu ttrattati b'mod ġust;	25. Jenfasizza l-ħtieġa ta' governanza trasparenti u b'diversi partijiet ikkonċernati fl-MSP; jistieden lill-Istati Membri ***u lill-entitajiet territorjali b'kapaċitajiet leġiżlattivi,*** jiżguraw il-parteċipazzjoni bikrija, sistematika, sinifikattiva u kontinwa tal-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-proċessi tal-MSP u l-eżiti finali, ***speċjalment għas-sajjieda u s-sajjieda tal-frott tal-baħar bil-qoxra*** u għall-inklużjoni ta' feedback trasparenti dwar kif jintuża l-kontribut tal-partijiet ikkonċernati fit-teħid tad-deċiżjonijiet; jitlob li l-partijiet ikkonċernati u l-komunitajiet kostali kollha jiġu ttrattati b'mod ġust;
	Or. en

Emenda 192
Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jenfasizza l-ħtieġa ta' governanza trasparenti u b'diversi partijiet ikkonċernati fl-MSP; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-parteċipazzjoni bikrija, sistematika, sinifikattiva u kontinwa tal-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-proċessi tal-MSP u l-eżiti finali, u għall-inklużjoni ta' feedback trasparenti dwar kif jintuża l-kontribut tal-partijiet ikkonċernati fit-teħid tad-deċiżjonijiet; jitlob li l-partijiet ikkonċernati u l-komunitajiet kostali kollha jiġu ttrattati b'mod ġust;	25. Jenfasizza l-ħtieġa ta' governanza trasparenti u b'diversi partijiet ikkonċernati fl-MSP; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-parteċipazzjoni bikrija, sistematika, sinifikattiva u kontinwa tal-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-proċessi tal-MSP u l-eżiti finali, u għall-inklużjoni ta' feedback trasparenti dwar kif jintuża l-kontribut tal-partijiet ikkonċernati fit-teħid tad-deċiżjonijiet***, b'mod partikolari fir-rigward ta' kontribuzzjonijiet mill-kunsilli konsultattivi***; jitlob li l-partijiet ikkonċernati u l-komunitajiet kostali kollha jiġu ttrattati b'mod ġust;

Or. en

Emenda 193
Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
25. Jenfasizza l-ħtieġa ta' governanza trasparenti u b'diversi partijiet ikkonċernati fl-MSP; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-parteċipazzjoni bikrija, sistematika, sinifikattiva u kontinwa tal-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-proċessi tal-MSP u l-eżiti finali, u għall-inklużjoni ta' feedback trasparenti dwar kif jintuża l-kontribut tal-partijiet ikkonċernati fit-teħid tad-deċiżjonijiet; jitlob li l-partijiet ikkonċernati u l-komunitajiet kostali kollha jiġu ttrattati b'mod ġust;	25. Jenfasizza l-ħtieġa ta' governanza trasparenti u b'diversi partijiet ikkonċernati fl-MSP; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw il-parteċipazzjoni bikrija, sistematika, sinifikattiva u kontinwa tal-partijiet ikkonċernati rilevanti fil-proċessi tal-MSP u l-eżiti finali, u għall-inklużjoni ta' feedback trasparenti dwar kif jintuża l-kontribut tal-partijiet ikkonċernati fit-teħid tad-deċiżjonijiet; jitlob li l-partijiet ikkonċernati u l-komunitajiet kostali ***u tal-gżejjer*** kollha jiġu ttrattati b'mod ġust;

Or. en

Emenda 194
Magdalena Adamowicz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 25a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	25a. Jissottolinja li bħala parti mill-proċess tal-ippjanar tal-ispazju marittimu, l-Istati Membri għandhom jistabbilixxu mekkaniżmi ta' konsultazzjoni li jiżguraw il-parteċipazzjoni effettiva tas-sajjieda mis-segmenti kollha tal-flotta, b'mod partikolari fil-livell żgħir u ta' daqs medju, u tal-organizzazzjonijiet rappreżentattivi tagħhom;

Or. pl

Emenda 195
Nora Junco García, Bert-Jan Ruissen, Stephen Nikola Bartulica, Giuseppe Milazzo, Emmanouil Fragkos, Diego Solier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jemmen li l-ġestjoni konġunta għandha tkun il-mudell għall-governanza u t-teħid tad-deċiżjonijiet fl-MSP; jenfasizza l-benefiċċji ta' dan il-mudell, li jippermetti l-involviment dirett tal-partijiet ikkonċernati, ġestjoni aħjar tar-riżorsi tas-sajd, il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u approċċ imfassal għar-realtajiet lokali;	26. Jemmen li l-ġestjoni konġunta għandha tkun il-mudell għall-governanza u t-teħid tad-deċiżjonijiet fl-MSP; jenfasizza l-benefiċċji ta' dan il-mudell, li jippermetti l-involviment dirett tal-partijiet ikkonċernati, ġestjoni aħjar tar-riżorsi tas-sajd, il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u approċċ imfassal għar-realtajiet lokali; ***b'mod partikolari meta jibni fuq strutturi eżistenti u ppruvati bħall-RFMOs u fuq l-għarfien prattiku tal-komunitajiet tas-sajd lokali; jisħaq li l-ġestjoni konġunta tista' tgħin ukoll biex jiġi promoss it-tiġdid ġenerazzjonali fis-settur u tissaħħaħ ir-reżiljenza ekonomika tal-flotot fuq skala żgħira u dawk kostali.***

Or. es

Emenda 196
Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jemmen li l-ġestjoni konġunta għandha tkun il-mudell għall-governanza u t-teħid tad-deċiżjonijiet fl-MSP; jenfasizza l-benefiċċji ta' dan il-mudell, li jippermetti l-involviment dirett tal-partijiet ikkonċernati, ġestjoni aħjar tar-riżorsi tas-sajd, il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u approċċ imfassal għar-realtajiet lokali;	26. Jemmen li l-ġestjoni konġunta għandha tkun il-mudell għall-governanza u t-teħid tad-deċiżjonijiet fl-MSP; jenfasizza l-benefiċċji ta' dan il-mudell, li jippermetti l-involviment dirett tal-partijiet ikkonċernati, ġestjoni aħjar tar-riżorsi tas-sajd, il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u approċċ imfassal għar-realtajiet lokali; ***jilqa', f'dan ir-rigward, l-allokazzjoni ta' EUR31 miljun taħt il-Programm ta' Ħidma Orizzont Ewropa għall-2026-2027 għat-topik tar-riċerka "Mis-sajjieda, għas-sajjieda: ġestjoni konġunta tal-ekosistemi u r-riżorsi tal-baħar u tal-ilma ħelu", taħt il-Missjoni Nirrestawraw l-Oċean u l-Ilmijiet Tagħna sal-2030[1a];***

[1a] Programm ta' Ħidma Orizzont Ewropa għall-2026-2027, https://ec.europa.eu/info/funding-tenders/opportunities/docs/2021-2027/horizon/wp-call/2026-2027/wp-12-missions_horizon-2026-2027_en.pdf

Or. en

Emenda 197
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
26. Jemmen li l-ġestjoni konġunta għandha tkun il-mudell għall-governanza u	26. Jemmen li l-ġestjoni konġunta għandha tkun il-mudell għall-governanza u

t-teħid tad-deċiżjonijiet fl-MSP; jenfasizza l-benefiċċji ta' dan il-mudell, li jippermetti l-involviment dirett tal-partijiet ikkonċernati, ġestjoni aħjar tar-riżorsi tas-sajd, il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u approċċ imfassal għar-realtajiet lokali;	t-teħid tad-deċiżjonijiet fl-MSP***, u jsemmi b'mod speċjali l-involviment tal-governanza ta' reġjuni kostali***; jenfasizza l-benefiċċji ta' dan il-mudell, li jippermetti l-involviment dirett tal-partijiet ikkonċernati, ġestjoni aħjar tar-riżorsi tas-sajd, il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki u approċċ imfassal għar-realtajiet lokali;
	Or. en

Emenda 198
Carmen Crespo Díaz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Iqis li l-iżvilupp regolatorju skont id-Direttiva wassal għal frammentazzjoni u inċertezza eċċessivi għall-flotta tas-sajd, li hija soġġetta għal regoli ambjentali, tal-enerġija u spazjali li jikkoinċidu mingħajr mekkaniżmi ta' koordinazzjoni settorjali effettivi jew salvagwardji speċifiċi; jappella għar-reviżjoni tad-Direttiva u tal-Liġi futura dwar l-Oċeani biex jitnaqqas il-piż regolatorju u tiġi żgurata s-supremazija tal-PKS fil-ġestjoni tas-sajd;
	Or. es

Emenda 199
Željana Zovko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Jisħaq fuq l-importanza tal-ippjanar tal-ispazju marittimu fl-appoġġ tat-tiġdid ġenerazzjonali fis-settur tas-sajd; jistieden lill-Istati Membri jiżguraw

li d-deċiżjonijiet dwar l-ippjanar tal-ispazju ma joħolqux ostakli addizzjonali għaż-żgħażagħ li jidħlu fis-settur tas-sajd; iħeġġeġ l-iżvilupp ta' miżuri ddedikati, programmi ta' taħriġ u aċċess għall-ispazju u l-infrastruttura għas-sajjieda żgħażagħ, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-komunitajiet kostali u l-organizzazzjonijiet professjonali.

Or. en

Emenda 200
Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 26a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	26a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jiżviluppaw u jimplimentaw approċċi inklużivi ta' ġestjoni konġunta li jiżguraw il-parteċipazzjoni effettiva u ekwa tas-sajjieda fuq skala żgħira fl-ippjanar tal-ispazju marittimu;

Or. en

Emenda 201
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. ***Jisħaq*** fuq il-benefiċċji ta' strutturi minn isfel għal fuq għall-implimentazzjoni tal-MSP lokali, bħall-Iżvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità u l-Gruppi ta' Azzjonijiet Lokali***;***	27. Jisħaq fuq il-benefiċċji ta' strutturi minn isfel għal fuq għall-implimentazzjoni tal-MSP lokali, bħall-Iżvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità u l-Gruppi ta' Azzjonijiet Lokali***, organizzazzjonijiet tas-sajjieda u dawk li jiġbru (bħal "Cofradias"), organizzazzjonijiet tan-nisa fis-sajd bħall-AKTEA u oħrajn fil-livelli***

reġjonali:

Or. en

Emenda 202
Eric Sargiacomo, Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jisħaq fuq il-benefiċċji ta' strutturi minn isfel għal fuq għall-implimentazzjoni tal-MSP lokali, bħall-Iżvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità u l-Gruppi ta' Azzjonijiet Lokali;	27. Jisħaq fuq il-benefiċċji ta' strutturi minn isfel għal fuq għall-implimentazzjoni tal-MSP lokali, bħall-Iżvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità u l-Gruppi ta' Azzjonijiet Lokali ***u l-awtoritajiet lokali u reġjonali, bl-użu tal-proġett REGINA-MSP bħala eżempju***;

Or. fr

Emenda 203
Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 27

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
27. Jisħaq fuq il-benefiċċji ta' strutturi minn isfel għal fuq għall-implimentazzjoni tal-MSP lokali, bħall-Iżvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità u l-Gruppi ta' ***Azzjonijiet*** Lokali;	27. Jisħaq fuq il-benefiċċji ta' strutturi minn isfel għal fuq għall-implimentazzjoni tal-MSP lokali, bħall-Iżvilupp Lokali Mmexxi mill-Komunità u l-Gruppi ta' ***Azzjoni*** Lokali;

Or. en

Emenda 204
Nora Junco García, Bert-Jan Ruissen, Stephen Nikola Bartulica, Giuseppe Milazzo, Emmanouil Fragkos, Diego Solier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw il-bini tal-kapaċitajiet tal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari s-sajjieda fuq skala żgħira u l-organizzazzjonijiet tagħhom, u l-komunitajiet kostali, sabiex ikunu mgħammra aħjar biex jipparteċipaw fil-konsultazzjonijiet pubbliċi u fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet relatati mal-MSP;	28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw il-bini tal-kapaċitajiet tal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari s-sajjieda fuq skala żgħira u l-organizzazzjonijiet tagħhom, u l-komunitajiet kostali, sabiex ikunu mgħammra aħjar biex jipparteċipaw fil-konsultazzjonijiet pubbliċi u fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet relatati mal-MSP; ***jisħaq, madankollu, li dan l-appoġġ irid ikun akkumpanjat minn miżuri konkreti li jiffaċilitaw it-tiġdid ġenerazzjonali, il-modernizzazzjoni u t-tiġdid tal-flotta u l-aċċess għal-finanzjament dirett, li jnaqqsu l-piż amministrattiv u l-livelli multipli ta' intermedjazzjoni li bħalissa qed ifixklu l-implimentazzjoni effettiva tal-fondi disponibbli.***

Or. es

Emenda 205
Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw il-bini tal-kapaċitajiet tal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari s-sajjieda fuq skala żgħira u l-organizzazzjonijiet tagħhom, u l-komunitajiet kostali, sabiex ikunu mgħammra aħjar biex jipparteċipaw fil-konsultazzjonijiet pubbliċi u fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet relatati mal-MSP;	28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw il-bini tal-kapaċitajiet tal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari s-sajjieda fuq skala żgħira***, inkluż is-sajjieda tal-miexi, bħas-sajjieda tal-frott tal-baħar bil-qoxra*** u l-organizzazzjonijiet tagħhom, u l-komunitajiet kostali, sabiex ikunu mgħammra aħjar biex jipparteċipaw ***b'mod attiv u effettiv*** fil-konsultazzjonijiet pubbliċi u fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet relatati mal-MSP;

Or. en

Emenda 206
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw il-bini tal-kapaċitajiet tal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari s-sajjieda fuq skala żgħira u l-organizzazzjonijiet tagħhom, u l-komunitajiet kostali, sabiex ikunu mgħammra aħjar biex jipparteċipaw fil-konsultazzjonijiet pubbliċi u fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet relatati mal-MSP;	28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw il-bini tal-kapaċitajiet tal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari s-sajjieda fuq skala żgħira u l-organizzazzjonijiet tagħhom, u l-komunitajiet kostali, ***inkluż ir-reġjuni ultraperiferiċi,*** sabiex ikunu mgħammra aħjar biex jipparteċipaw fil-konsultazzjonijiet pubbliċi u fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet relatati mal-MSP;

Or. pt

Emenda 207
Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragraph 28

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw il-bini tal-kapaċitajiet tal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari s-sajjieda fuq skala żgħira u l-organizzazzjonijiet tagħhom, u l-komunitajiet kostali, sabiex ikunu mgħammra aħjar biex jipparteċipaw fil-konsultazzjonijiet pubbliċi u fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet relatati mal-MSP;	28. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jappoġġjaw il-bini tal-kapaċitajiet tal-partijiet ikkonċernati, b'mod partikolari s-sajjieda fuq skala żgħira u l-organizzazzjonijiet tagħhom, u l-komunitajiet kostali ***u tal-gżejjer***, sabiex ikunu mgħammra aħjar biex jipparteċipaw fil-konsultazzjonijiet pubbliċi u fil-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet relatati mal-MSP;

Or. en

Emenda 208

Nora Junco García, Bert-Jan Ruissen, Giuseppe Milazzo, Emmanouil Fragkos, Diego Solier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jisħaq li d-dežinjazzjoni ta' żoni ddedikati għall-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta jew għall-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar trid tqis l-impatt fuq is-sajd u l-akkwakultura; jinsisti fuq il-ħtieġa li jitwettqu b'mod sistematiku valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali u soċjoekonomiċi kumulattivi, u li jiġi żgurat li l-professjonisti affettwati, b'mod partikolari s-sajjieda fil-każ ta' proġetti ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta, jiġu infurmati minn qabel u kkonsultati fuq bażi obbligatorja qabel ma jittieħdu d-deċiżjonijiet; jitlob, f'dan ir-rigward, li jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt fuq l-istat tar-riżorsi tas-sajd fir-rigward tal-parks eoliċi lil hinn mill-kosta eżistenti;	29. Jisħaq li d-dežinjazzjoni ta' żoni ddedikati għall-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta jew għall-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar trid tqis l-impatt fuq is-sajd u l-akkwakultura; jinsisti fuq il-ħtieġa li jitwettqu b'mod sistematiku valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali u soċjoekonomiċi kumulattivi, u li jiġi żgurat li l-professjonisti affettwati, b'mod partikolari s-sajjieda fil-każ ta' proġetti ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta, jiġu infurmati minn qabel u kkonsultati fuq bażi obbligatorja qabel ma jittieħdu d-deċiżjonijiet; jitlob, f'dan ir-rigward, li jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt fuq l-istat tar-riżorsi tas-sajd fir-rigward tal-parks eoliċi lil hinn mill-kosta eżistenti; ***jesprimi wkoll it-tħassib tiegħu dwar l-inklużjoni ta' teknoloġiji għall-qbid, it-trasport u l-ħżin tal-karbonju fl-ambjent tal-baħar, peress li s-sikurezza u l-vijabbiltà fit-tul tagħhom ma ntwerewx biżżejjed, la mil-lat ambjentali u lanqas mil-lat soċjoekonomiku; jirrimarka r-riskji potenzjali assoċjati, inkluži l-alterazzjoni tal-ekosistemi ta' qiegħ il-baħar, id-disturb tal-ħabitats bentiċi, l-effetti negattivi fuq il-fawna u l-flora tal-baħar, u r-riskji minn tnixxijiet possibbli tas-CO_2, il-korrużjoni tal-infrastruttura ta' taħt l-ilma, il-frazzjonijiet tal-pipelines u l-fenomeni tal-aċidifikazzjoni tal-baħar; jisħaq ukoll li l-injezzjoni tas-CO_2 bi pressjoni għolja tista' twassal għal perikli ġeoloġiċi u spostament tossiku tas-salmura, u li l-effetti ambjentali fit-tul ta' dawn it-teknoloġiji għadhom inċerti; jenfasizza wkoll li dawn huma teknoloġiji li jqumu ħafna flus b'riżultati limitati f'termini tal-volum ta' emissjonijiet li fil-fatt jinqabdu, li jqajjem dubji serji dwar l-**

effiċjenza tagħhom u l-impatt sproporzjonat tagħhom fuq il-postijiet għas-sajd u s-sostenibbiltà ekonomika tas-settur tas-sajd.

Or. es

Emenda 209
Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jisħaq li d-dežinjazzjoni ta' żoni ddedikati għall-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta jew għall-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar trid tqis l-impatt fuq is-sajd u l-akkwakultura; jinsisti fuq il-ħtieġa li jitwettqu b'mod sistematiku valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali u soċjoekonomiċi kumulattivi, u li jiġi żgurat li l-professjonisti affettwati, b'mod partikolari s-sajjieda fil-każ ta' proġetti ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta, jiġu infurmati minn qabel u kkonsultati fuq bażi obbligatorja qabel ma jittieħdu d-deċiżjonijiet; jitlob, f'dan ir-rigward, li jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt fuq l-istat tar-riżorsi tas-sajd ***fir-rigward tal-parks*** eoliċi lil hinn mill-kosta eżistenti;	29. Jisħaq li d-dežinjazzjoni ta' żoni ddedikati għall-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta jew għall-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar trid tqis l-impatt fuq is-sajd u l-akkwakultura***, kif ukoll il-postijiet għas-sajd storiċi u tradizzjonali; jenfasizza l-potenzjal ta' alternattivi bħal "Miżuri Effettivi Oħra ta' Konservazzjoni bbażati fuq iż-Żona" (OECM) bħala approċċ li jikkonċilja l-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar mal-prosperità ekonomika u soċjali tas-sajjieda***; jinsisti fuq il-ħtieġa li jitwettqu b'mod sistematiku valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali u soċjoekonomiċi kumulattivi, u li jiġi żgurat li l-professjonisti affettwati, b'mod partikolari s-sajjieda fil-każ ta' proġetti ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta, jiġu infurmati minn qabel u kkonsultati fuq bażi obbligatorja qabel ma jittieħdu d-deċiżjonijiet; jitlob, f'dan ir-rigward, li jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt fuq l-istat tar-riżorsi tas-sajd ***u għall-kwantifikazzjoni tal-effetti ekonomiċi ewlenin fuq is-sajd li jirriżultaw mill-parks*** eoliċi lil hinn mill-kosta eżistenti;

Or. en

Emenda 210

Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jisħaq li d-dežinjazzjoni ta' żoni ddedikati għall-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta jew għall-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar trid tqis l-impatt fuq is-sajd u l-akkwakultura; jinsisti fuq il-ħtieġa li jitwettqu b'mod sistematiku valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali u soċjoekonomiċi kumulattivi, u li jiġi żgurat li l-professjonisti affettwati, b'mod partikolari s-sajjieda fil-każ ta' proġetti ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta, jiġu infurmati minn qabel u kkonsultati fuq bażi obbligatorja qabel ma jittieħdu d-deċiżjonijiet; jitlob, f'dan ir-rigward, li jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt fuq l-istat tar-riżorsi tas-sajd fir-rigward tal-parks eoliċi lil hinn mill-kosta eżistenti;	29. Jisħaq li d-dežinjazzjoni ta' żoni ddedikati għall-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta jew għall-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar trid tqis l-impatt fuq is-sajd u l-akkwakultura; jinsisti fuq il-ħtieġa li jitwettqu b'mod sistematiku valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali u soċjoekonomiċi kumulattivi, u li jiġi żgurat li l-professjonisti affettwati, b'mod partikolari s-sajjieda fil-każ ta' proġetti ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta, jiġu infurmati minn qabel u kkonsultati fuq bażi obbligatorja qabel ma jittieħdu d-deċiżjonijiet; jitlob, f'dan ir-rigward, li jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt fuq l-istat tar-riżorsi tas-sajd fir-rigward tal-parks eoliċi lil hinn mill-kosta eżistenti; ***jisħaq li l-miżuri għall-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar iridu jkunu bbażati fuq studji xjentifiċi u soċjoekonomiċi sodi u jridu jitfasslu skont il-ħtiġijiet ta' protezzjoni ta' kull żona;***

Or. fr

Emenda 211
Siegbert Frank Droese, Volker Schnurrbusch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jisħaq li d-dežinjazzjoni ta' żoni ddedikati għall-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta jew għall-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar trid tqis l-impatt fuq is-sajd u l-akkwakultura; jinsisti fuq il-ħtieġa li jitwettqu b'mod sistematiku valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali u	29. Jisħaq li d-dežinjazzjoni ta' żoni ddedikati għall-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta jew għall-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar trid tqis l-impatt fuq is-sajd u l-akkwakultura; jinsisti fuq il-ħtieġa li jitwettqu b'mod sistematiku valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali u

soċjoekonomiċi kumulattivi***, u li jiġi żgurat li l-professjonisti affettwati***, ***b'mod partikolari s-sajjieda fil-każ ta' proġetti ta' parks eoliċi*** lil hinn mill-kosta, ***jiġu infurmati minn qabel u kkonsultati fuq bażi obbligatorja qabel ma jittieħdu d-deċiżjonijiet***; jitlob, f'dan ir-rigward, li jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt fuq l-istat tar-riżorsi tas-sajd fir-rigward tal-parks eoliċi lil hinn mill-kosta eżistenti;	soċjoekonomiċi ***vinkolanti u*** kumulattivi ***qabel id-deżinjazzjoni jew l-espansjonijiet ta' żoni ddedikati għall-enerġija rinnovabbli*** lil hinn mill-kosta, ***u jisħaq li fejn tali valutazzjonijiet jidentifikaw impatti negattivi sinifikanti fuq is-sajd***, ***l-akkwakultura jew il-produzzjoni tal-frott tal-baħar, il-postijiet alternattivi jew is-soluzzjonijiet ta' ppjanar iridu jingħataw prijorità***; jitlob, f'dan ir-rigward, li jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt fuq l-istat tar-riżorsi tas-sajd fir-rigward tal-parks eoliċi lil hinn mill-kosta eżistenti;
	Or. en

Emenda 212
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jisħaq li d-deżinjazzjoni ta' żoni ddedikati għall-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta jew għall-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar trid tqis l-impatt fuq is-sajd u l-akkwakultura; jinsisti fuq il-ħtieġa li jitwettqu b'mod sistematiku valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali u soċjoekonomiċi kumulattivi, u li jiġi żgurat li l-professjonisti affettwati, b'mod partikolari s-sajjieda fil-każ ta' proġetti ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta, jiġu infurmati minn qabel u kkonsultati fuq bażi obbligatorja qabel ma jittieħdu d-deċiżjonijiet; jitlob, f'dan ir-rigward, li jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt fuq l-istat tar-riżorsi tas-sajd fir-rigward tal-parks eoliċi lil hinn mill-kosta eżistenti;	29. Jisħaq li d-deżinjazzjoni ta' żoni ddedikati għall-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta jew għall-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar trid tqis l-impatt fuq is-sajd u l-akkwakultura***, speċjalment f'żoni sensittivi***; jinsisti fuq il-ħtieġa li jitwettqu b'mod sistematiku valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali u soċjoekonomiċi kumulattivi, u li jiġi żgurat li l-professjonisti affettwati, b'mod partikolari s-sajjieda fil-każ ta' proġetti ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta, jiġu infurmati minn qabel u kkonsultati fuq bażi obbligatorja qabel ma jittieħdu d-deċiżjonijiet; jitlob, f'dan ir-rigward, li jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt fuq l-istat tar-riżorsi tas-sajd fir-rigward tal-parks eoliċi lil hinn mill-kosta eżistenti;
	Or. en

Emenda 213
Sakis Arnaoutoglou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jisħaq li d-dežinjazzjoni ta' żoni ddedikati għall-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta jew għall-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar trid tqis l-impatt fuq is-sajd u l-akkwakultura; jinsisti fuq il-ħtieġa li jitwettqu b'mod ***sistematiku*** valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali u soċjoekonomiċi kumulattivi, u li jiġi żgurat li l-professjonisti affettwati, b'mod partikolari s-sajjieda fil-każ ta' proġetti ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta, jiġu infurmati minn qabel u kkonsultati fuq bażi obbligatorja qabel ma jittieħdu d-deċiżjonijiet; jitlob, f'dan ir-rigward, li jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt fuq l-istat tar-riżorsi tas-sajd fir-rigward tal-parks eoliċi lil hinn mill-kosta eżistenti;	29. Jisħaq li d-dežinjazzjoni ta' żoni ddedikati għall-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta jew għall-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar trid tqis l-impatt fuq is-sajd u l-akkwakultura; jinsisti fuq il-ħtieġa li jitwettqu b'mod ***obbligatorju*** valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali u soċjoekonomiċi kumulattivi ***qabel id-demarkazzjoni taż-żona***, u li jiġi żgurat li l-professjonisti affettwati, b'mod partikolari s-sajjieda fil-każ ta' proġetti ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta, jiġu infurmati minn qabel u kkonsultati fuq bażi obbligatorja qabel ma jittieħdu d-deċiżjonijiet; jitlob, f'dan ir-rigward, li jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt fuq l-istat tar-riżorsi tas-sajd fir-rigward tal-parks eoliċi lil hinn mill-kosta eżistenti;

Or. el

Emenda 214
Eric Sargiacomo, Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jisħaq li d-dežinjazzjoni ta' żoni ddedikati għall-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta jew għall-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar trid tqis l-impatt fuq is-sajd u l-akkwakultura; jinsisti fuq il-ħtieġa li jitwettqu b'mod sistematiku valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali u soċjoekonomiċi kumulattivi, u li jiġi żgurat li l-professjonisti affettwati, b'mod partikolari s-sajjieda fil-każ ta' proġetti ta'	29. Jisħaq li d-dežinjazzjoni ta' żoni ddedikati għall-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta jew għall-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar trid tqis l-impatt fuq is-sajd u l-akkwakultura; jinsisti fuq il-ħtieġa li jitwettqu b'mod sistematiku valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali u soċjoekonomiċi kumulattivi, u li jiġi żgurat li l-professjonisti affettwati, b'mod partikolari s-sajjieda fil-każ ta' proġetti ta'

parks eoliċi lil hinn mill-kosta, jiġu infurmati minn qabel u ***kkonsultati*** fuq bażi obbligatorja ***qabel ma jittieħdu d-deċiżjonijiet***; jitlob, f'dan ir-rigward, li jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt fuq l-istat tar-riżorsi tas-sajd fir-rigward tal-parks eoliċi lil hinn mill-kosta eżistenti;	parks eoliċi lil hinn mill-kosta, jiġu infurmati minn qabel u ***involuti*** fuq bażi obbligatorja ***fil-konsultazzjoni u t-teħid tad-deċiżjonijiet***; jitlob, f'dan ir-rigward, li jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt fuq l-istat tar-riżorsi tas-sajd fir-rigward tal-parks eoliċi lil hinn mill-kosta eżistenti;

Or. fr

Emenda 215
Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
29. Jisħaq li d-deżinjazzjoni ta' żoni ddedikati għall-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta jew għall-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar trid tqis l-impatt fuq is-sajd u l-akkwakultura; jinsisti fuq il-ħtieġa li jitwettqu b'mod sistematiku valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali u ***soċjoekonomiċi*** kumulattivi, u li jiġi żgurat li l-professjonisti affettwati, b'mod partikolari s-sajjieda fil-każ ta' proġetti ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta, jiġu infurmati minn qabel u kkonsultati fuq bażi obbligatorja qabel ma jittieħdu d-deċiżjonijiet; jitlob, f'dan ir-rigward, li jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt fuq l-istat tar-riżorsi tas-sajd fir-rigward tal-parks eoliċi lil hinn mill-kosta eżistenti;	29. Jisħaq li d-deżinjazzjoni ta' żoni ddedikati għall-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta jew għall-protezzjoni tal-ekosistemi tal-baħar trid tqis l-impatt fuq is-sajd u l-akkwakultura; jinsisti fuq il-ħtieġa li jitwettqu b'mod sistematiku valutazzjonijiet tal-impatt ambjentali u ***soċjali u ekonomiċi*** kumulattivi, u li jiġi żgurat li l-professjonisti affettwati, b'mod partikolari s-sajjieda fil-każ ta' proġetti ta' parks eoliċi lil hinn mill-kosta, jiġu infurmati minn qabel u kkonsultati fuq bażi obbligatorja qabel ma jittieħdu d-deċiżjonijiet; jitlob, f'dan ir-rigward, li jitwettqu valutazzjonijiet tal-impatt fuq l-istat tar-riżorsi tas-sajd fir-rigward tal-parks eoliċi lil hinn mill-kosta eżistenti;

Or. en

Emenda 216
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	29a. Jitlob li jsiru rieżamijiet perjodiċi abbażi ta' kriterji xjentifiċi sabiex tiġi vvalutata l-effettività bijoloġika u soċjoekonomika tal-mixtliet u ta' postijiet ristretti oħra għas-sajd bl-għan li tali żoni jiġu restawrati — kompletament jew parzjalment — għas-sajd marittimu, fejn l-objettivi ta' konservazzjoni jkunu ntlaħqu kif xieraq jew ma jkunux intwerew b'mod sodisfaċenti;

Or. it

Emenda 217
Siegbert Frank Droese, Volker Schnurrbusch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	29a. Jenfasizza li d-deċiżjonijiet dwar l-ippjanar spazjali marittimu li jinvolvu l-infrastruttura tal-enerġija lil hinn mill-kosta għandhom ukoll implikazzjonijiet għall-awtonomija strateġika, l-infrastruttura kritika u d-dipendenza fit-tul fuq il-ktajjen tal-provvista ta' pajjiżi terzi; jisħaq li tali kunsiderazzjonijiet għandhom jitqiesu kif xieraq meta jiġi allokat spazju marittimu permanenti, flimkien ma' kriterji ambjentali u soċjoekonomiċi;

Or. en

Emenda 218
Sakis Arnaoutoglou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	29a. jitlob li jinħoloq mekkaniżmu ta' kumpens meta proġetti jew żoni ta' esklużjoni jwasslu għall-ispostament tas-sajd bi: (a) pjan ta' aċċess alternattiv obbligatorju, (b) kumpens dokumentat tal-introjtu/tal-kostijiet tat-tranżizzjoni u (c) monitoraġġ tal-impatt, filwaqt li jiġi propost l-użu tal-istrumenti finanzjarji disponibbli permezz tal-FEMSA

Or. el

Emenda 219
Carmen Crespo Díaz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	29a. Jitlob li l-pjanijiet spazjali marittimi kollha jinkludu valutazzjoni obbligatorja tal-impatti soċjoekonomiċi kumulattivi tal-ispostament tas-sajd, inklużi l-konsegwenzi għall-kompetittività tal-flotta Ewropea, il-profittabbiltà tagħha, is-sikurezza fuq il-baħar u t-tiġdid ġenerazzjonali;

Or. es

Emenda 220
Sander Smit, Isabelle Le Callennec, Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	29a. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jivvalutaw b'mod sistematiku u xjentifiku l-potenzjal għall-użu konġunt bejn il-parks eoliċi lil hinn

mill-kosta u ż-żoni tal-baħar protetti, u jevitaw li jittrattaw iż-żoni tal-enerġija rinnovabbli lil hinn mill-kosta u l-MPAs bħala awtomatikament esklużivi b'mod reċiproku;

Or. en

Emenda 221
Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	29a. Jenfasizza li l-immappjar tas-sensittività tal-ekosistema u l-valutazzjoni tal-effetti kumulattivi fil-livell tal-baċiri tal-baħar għadhom sottożviluppati;

Or. en

Emenda 222
Sander Smit, Isabelle Le Callennec, Marco Falcone, Carmen Crespo Díaz, Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 29b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	29b. Jisħaq li l-MSP trid tqis aħjar it-tibdil fil-klima u ċ-ċaqliq tad-distribuzzjonijiet tal-istokkijiet tal-ħut u tevita approċċi riġidi ta' tqassim f'żoni li mhumiex soġġetti għal rieżami regolari jew aġġustament adattiv u li jonqsu milli jirriflettu n-natura dinamika tas-sajd;

Or. en

Emenda 223

Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja approċċ aktar transfruntier u bbażat fuq il-baċiri tal-baħar għall-ippjanar tal-ispazju marittimu billi tippromwovi inizjattivi eżistenti, bħall-GNSBI; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, flimkien mal-istati kostali ġirien, jinvolvu ruħhom fi pjattaformi reġjonali ta' ġestjoni konġunta, abbażi tal-eżempju tal-Kummissjoni għall-Ħarsien tal-Ambjent Marin fil-Baħar Baltiku (magħrufa wkoll bħala l-Kummissjoni ta' Helsinki jew il-HELCOM);	30. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja approċċ aktar transfruntier u bbażat fuq il-baċiri tal-baħar għall-ippjanar tal-ispazju marittimu billi tippromwovi inizjattivi eżistenti, bħall-GNSBI; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, flimkien mal-istati kostali ġirien, jinvolvu ruħhom fi pjattaformi reġjonali ta' ġestjoni konġunta, abbażi tal-eżempju tal-Kummissjoni għall-Ħarsien tal-Ambjent Marin fil-Baħar Baltiku (magħrufa wkoll bħala l-Kummissjoni ta' Helsinki jew il-HELCOM); ***jisħaq fuq il-ħtieġa ta' koordinazzjoni aħjar bejn l-Istati kostali fil-Kanal Ingliż, b'mod partikolari mar-Renju Unit u ċ-Channel Islands, dwar miżuri ta' ġestjoni f'żoni tal-baħar protetti li għandhom impatt fuq is-sajjieda Ewropej;***

Or. fr

Emenda 224
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja approċċ aktar transfruntier u bbażat fuq il-baċiri tal-baħar għall-ippjanar tal-ispazju marittimu billi tippromwovi inizjattivi eżistenti, bħall-GNSBI; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, flimkien mal-istati kostali ġirien, jinvolvu ruħhom fi pjattaformi reġjonali ta' ġestjoni konġunta, abbażi tal-eżempju tal-Kummissjoni għall-Ħarsien tal-Ambjent	30. Jistieden lill-Kummissjoni tappoġġja approċċ aktar transfruntier u bbażat fuq il-baċiri tal-baħar għall-ippjanar tal-ispazju marittimu billi tippromwovi inizjattivi eżistenti, bħall-GNSBI; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, flimkien mal-istati kostali ġirien, jinvolvu ruħhom fi pjattaformi reġjonali ta' ġestjoni konġunta, abbażi tal-eżempju tal-Kummissjoni għall-Ħarsien tal-Ambjent

Marin fil-Baħar Baltiku (magħrufa wkoll bħala l-Kummissjoni ta' Helsinki jew il-HELCOM)*;*	Marin fil-Baħar Baltiku (magħrufa wkoll bħala l-Kummissjoni ta' Helsinki jew il-HELCOM)***, inkluż bil-ħsieb li jiġu identifikati kurituri tas-sajd kondiviżi:***

Or. it

Emenda 225
France Jamet, António Tânger Corrêa, Ton Diepeveen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
30. Jistieden ***lill-Kummissjoni tappoġġja approċċ aktar transfruntier u bbażat fuq il-baċiri tal-baħar għall-ippjanar tal-ispazju marittimu*** billi ***tippromwovi*** inizjattivi eżistenti, bħall-GNSBI; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, flimkien mal-istati kostali ġirien, jinvolvu ruħhom fi pjattaformi reġjonali ta' ġestjoni konġunta, abbażi tal-eżempju tal-Kummissjoni għall-Ħarsien tal-Ambjent Marin fil-Baħar Baltiku (magħrufa wkoll bħala l-Kummissjoni ta' Helsinki jew il-HELCOM);	30. Jistieden ***lill-Istati Membri, bl-għajnuna tal-Kummissjoni, jappoġġjaw approċċ għall-ippjanar tal-ispazju marittimu li jrawwem il-kooperazzjoni internazzjonali*** billi ***jippromwovi*** inizjattivi eżistenti, bħall-GNSBI; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, flimkien mal-istati kostali ġirien, jinvolvu ruħhom fi pjattaformi reġjonali ta' ġestjoni konġunta, abbażi tal-eżempju tal-Kummissjoni għall-Ħarsien tal-Ambjent Marin fil-Baħar Baltiku (magħrufa wkoll bħala l-Kummissjoni ta' Helsinki jew il-HELCOM);

Or. fr

Emenda 226
Carmen Crespo Díaz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 30a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	30a. Jistieden lill-Kummissjoni, fil-qafas tal-Liġi futura dwar l-Oċeani, tipproponi reġim Ewropew ta' miżuri kompensatorji obbligatorji għas-settur tas-sajd meta l-attivitajiet tiegħu jiġu

	spostati minn użi alternattivi tal-baħar, inkluż kumpens finanzjarju, prijorità għal użi kompatibbli ġodda u appoġġ għat-tfassil mill-ġdid tar-rotot tas-sajd, jew investimenti teknoloġiċi; jenfasizza li l-Kumitat għas-Sajd tal-Parlament għandu jkollu rwol prijoritarju fl-abbozzar ta' tali liġi, f'konformità mal-prinċipju tas-sovranità tal-ikel, ir-rwol strateġiku tas-sajd u l-implimentazzjoni effettiva tal-Politika Komuni tas-Sajd;

Or. es

Emenda 227
France Jamet, António Tânger Corrêa, Ton Diepeveen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Jistieden lill-Istati Membri li jabbandunaw il-pjanijiet nazzjonali għal pjanijiet iffukati aktar fuq il-baċiri tal-baħar u jiżviluppaw, meta rilevanti, strateġiji ta' ppjanar makroreġjonali, inklużi pjanijiet tal-ispazju marittimu konġunti; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-pajjiżi mhux tal-UE, b'mod partikolari l-istati kostali ġirien, japprofondixxu l-kooperazzjoni tagħhom dwar l-ippjanar tal-ispazju marittimu;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 228
Nora Junco García, Bert-Jan Ruissen, Stephen Nikola Bartulica, Giuseppe Milazzo, Emmanouil Fragkos, Diego Solier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

31. Jistieden lill-Istati Membri li jabbandunaw il-pjanijiet nazzjonali għal pjanijiet iffukati aktar fuq il-baċiri tal-baħar u jiżviluppaw, meta rilevanti, strateġiji ta' ppjanar makroreġjonali, inklużi pjanijiet tal-ispazju marittimu konġunti; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-pajjiżi mhux tal-UE, b'mod partikolari l-istati kostali ġirien, japprofondixxu l-kooperazzjoni tagħhom dwar l-ippjanar tal-ispazju marittimu;	31. Jistieden lill-Istati Membri li jabbandunaw il-pjanijiet nazzjonali għal pjanijiet iffukati aktar fuq il-baċiri tal-baħar u jiżviluppaw, meta rilevanti, strateġiji ta' ppjanar makroreġjonali, inklużi pjanijiet tal-ispazju marittimu konġunti; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-pajjiżi mhux tal-UE, b'mod partikolari l-istati kostali ġirien, japprofondixxu l-kooperazzjoni tagħhom dwar l-ippjanar tal-ispazju marittimu; ***jenfasizza li tali kooperazzjoni trid tiżgura kundizzjonijiet ekwi u tevita l-ispostament tal-isforz tas-sajd għad-detriment tal-flotot u l-komunitajiet tas-sajd tal-UE; iwissi li l-ippjanar tal-ispazju marittimu li jimponi restrizzjonijiet unilaterali fuq is-sajjieda tal-UE, mingħajr impenn ekwivalenti minn pajjiżi terzi, jista' jirriżulta fi trasferiment de facto tal-opportunitajiet tas-sajd u tal-ispazju marittimu lejn flotot mhux tal-UE, b'mod partikolari minn pajjiżi ġirien jew potenzi tas-sajd globali;***

Or. es

Emenda 229
Siegbert Frank Droese, Volker Schnurrbusch

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Jistieden lill-Istati Membri ***li jabbandunaw il-pjanijiet*** nazzjonali għal pjanijiet iffukati aktar fuq il-baċiri tal-baħar u jiżviluppaw, ***meta*** rilevanti, strateġiji ta' ppjanar makroreġjonali, ***inklużi pjanijiet tal-ispazju marittimu konġunti***; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-pajjiżi mhux tal-UE, b'mod partikolari l-istati kostali ġirien, japprofondixxu l-kooperazzjoni tagħhom dwar l-ippjanar tal-ispazju marittimu;	31. Jistieden lill-Istati Membri ***jitbiegħdu mill-pjanijiet*** nazzjonali għal pjanijiet iffukati aktar fuq il-baċiri tal-baħar ***fuq bażi volontarja,*** u jiżviluppaw, ***fejn*** rilevanti, strateġiji ta' ppjanar makroreġjonali, ***mingħajr preġudizzju għall-kompetenzi tal-Istati Membri u b'rispett għall-ispeċifiċitajiet soċjoekonomiċi lokali u d-diversità tas-segmenti tal-flotta***; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-pajjiżi mhux tal-UE, b'mod partikolari l-istati kostali ġirien, japprofondixxu l-kooperazzjoni tagħhom

dwar l-ippjanar tal-ispazju marittimu;

Or. en

Emenda 230
Eric Sargiacomo, Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Jistieden lill-Istati Membri li jabbandunaw il-pjanijiet nazzjonali għal pjanijiet iffukati aktar fuq il-baċiri tal-baħar u jiżviluppaw, meta rilevanti, strateġiji ta' ppjanar makroreġjonali, inklużi pjanijiet tal-ispazju marittimu konġunti; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-pajjiżi mhux tal-UE, b'mod partikolari l-istati kostali ġirien, japprofondixxu l-kooperazzjoni tagħhom dwar l-ippjanar tal-ispazju marittimu;	31. Jistieden lill-Istati Membri li jabbandunaw il-pjanijiet nazzjonali għal pjanijiet iffukati aktar fuq il-baċiri tal-baħar u jiżviluppaw, meta rilevanti, strateġiji ta' ppjanar makroreġjonali, inklużi pjanijiet tal-ispazju marittimu konġunti; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-pajjiżi mhux tal-UE, b'mod partikolari l-istati kostali ġirien, japprofondixxu l-kooperazzjoni tagħhom dwar l-ippjanar tal-ispazju marittimu***, b'mod partikolari fil-baċiri maġenb ir-Renju Unit, il-Mediterran u l-Baħar Baltiku***;

Or. fr

Emenda 231
Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Jistieden lill-Istati Membri ***li jabbandunaw*** il-pjanijiet nazzjonali ***għal*** pjanijiet iffukati aktar fuq il-baċiri tal-baħar u jiżviluppaw, meta rilevanti, strateġiji ta' ppjanar makroreġjonali, inklużi pjanijiet tal-ispazju marittimu konġunti; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-pajjiżi mhux tal-UE, b'mod partikolari l-istati kostali ġirien, japprofondixxu l-	31. Jistieden lill-Istati Membri ***jikkumplimentaw*** il-pjanijiet nazzjonali ***bi*** pjanijiet iffukati aktar fuq il-baċiri tal-baħar u jiżviluppaw, meta rilevanti, strateġiji ta' ppjanar makroreġjonali, inklużi pjanijiet tal-ispazju marittimu konġunti; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-pajjiżi mhux tal-UE, b'mod partikolari l-istati kostali ġirien, japprofondixxu l-

kooperazzjoni tagħhom dwar l-ippjanar tal-ispazju marittimu;	kooperazzjoni tagħhom dwar l-ippjanar tal-ispazju marittimu;

Or. en

Emenda 232
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
31. Jistieden lill-Istati Membri ***li jabbandunaw il-pjanijiet*** nazzjonali ***għal pjanijiet iffukati aktar fuq il-baċiri tal-baħar*** u jiżviluppaw, meta rilevanti, strateġiji ta' ppjanar makroreġjonali, inklużi pjanijiet tal-ispazju marittimu konġunti; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-pajjiżi mhux tal-UE, b'mod partikolari l-istati kostali ġirien, japprofondixxu l-kooperazzjoni tagħhom dwar l-ippjanar tal-ispazju marittimu;	31. Jistieden lill-Istati Membri ***jkomplu jipproduċu pjanijiet*** nazzjonali ***abbażi ta' approċċ konsistenti mifrux mal-UE kollha*** u jiżviluppaw, meta rilevanti, strateġiji ta' ppjanar makroreġjonali, inklużi pjanijiet tal-ispazju marittimu konġunti; iħeġġeġ lill-Istati Membri u lill-pajjiżi mhux tal-UE, b'mod partikolari l-istati kostali ġirien, japprofondixxu l-kooperazzjoni tagħhom dwar l-ippjanar tal-ispazju marittimu;

Or. pt

Emenda 233
Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31a. Jappella għal kooperazzjoni msaħħa dwar l-ippjanar tal-ispazju marittimu bejn l-UE, l-Istati Membri u pajjiżi terzi; jenfasizza b'mod speċifiku l-każ tar-reġjuni tal-Kanal Ingliż, fejn il-kooperazzjoni mar-Renju Unit u maċ-Channel Islands trid tittejjeb, b'mod partikolari fir-rigward tad-dežinjazzjoni ta' żoni tal-baħar protetti; jemmen li l-kooperazzjoni f'dan ir-rigward trid

tinkludi proċessi ta' konsultazzjoni obbligatorji u trasparenti mal-partijiet ikkonċernati; jistieden lill-UE, lir-Renju Unit kif ukoll lil partijiet rilevanti oħra jistabbilixxu pjan ta' ġestjoni reġjonali għall-Kanal Ingliż u għall-Baħar tat-Tramuntana sabiex jiġu żgurati l-isfruttament sostenibbli tar-riżorsi u l-ġestjoni pluriennali tas-sajd;

Or. en

Emenda 234
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	31a. Jissottolinja l-fatt li peress li ħafna mill-baċiri tal-baħar tal-UE, b'mod partikolari l-Mediterran, huma kondiviżi ma' pajjiżi mhux tal-UE, l-MSP effettiva tiddependi wkoll minn kooperazzjoni esterna effettiva; jistieden lill-Kummissjoni, għalhekk, issegwi approċċ strutturat għad-djalogu u l-kooperazzjoni mal-pajjiżi kostali ġirien fi sforz biex tippromwovi standards ambjentali, ta' ġestjoni u soċjali simili, tipprevjeni l-kompetizzjoni inġusta u tiżgura kundizzjonijiet ugwali għall-flotot tal-UE li joperaw f'żoni marittimi kondiviżi;

Or. it

Emenda 235
Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 31a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*

31a. Jistieden lill-Istati Membri jiżguraw li l-pjanijiet nazzjonali jkunu akkumpanjati minn pjanijiet sottonazzjonali b'enfasi fuq l-interazzjonijiet bejn l-art u l-baħar biex jiġu ffaċilitati proċessi ta' governanza parteċipattiv ibbażati fuq il-post li jinkludu l-komunitajiet kostali u tal-gżejjer u s-soċjetà ċivili lokali;

Or. en

Emenda 236
Nora Junco García, Bert-Jan Ruissen, Stephen Nikola Bartulica, Giuseppe Milazzo, Emmanouil Fragkos, Diego Solier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jappella għall-integrazzjoni ta' miżuri ***ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima*** u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura fl-MSP, ***sabiex*** jiġu ***indirizzati kwistjonijiet li jaffettwaw is-sajd*** u ***l-akkwakultura***, ***bħall-erożjoni kostali, iż-żieda fit-temperaturi***, ***l-aċidifikazzjoni tal-oċeani*** u ***t-tniġġis***;	32. Jappella għall-integrazzjoni ta' miżuri ***biex jittejjeb l-adattament għall-kundizzjonijiet klimatiċi li qed jinbidlu*** u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura fl-MSP, ***dment li tali soluzzjonijiet*** jiġu ***studjati b'mod rigoruż u jkunu bbażati fuq evidenza xjentifika soda*** u ***aġġornata***, ***u li l-prinċipju ta' prijorità jingħata lil miżuri li ma jiġġenerawx effetti sekondarji negattivi fuq l-ekonomiji lokali u l-vijabbiltà soċjoekonomika tas-settur tas-sajd u tal-akkwakultura; jisħaq li dawn is-soluzzjonijiet iridu jkunu proporzjonati***, ***adattati għall-kundizzjonijiet lokali*** u ***vvalutati minn qabel f'termini ta' kosteffettività, filwaqt li jiġu evitati approċċi "wieħed tajjeb għal kulħadd" li ma jqisux ir-realtajiet ta' kull baċir tal-baħar***; ***jenfasizza wkoll l-importanza li jiġi żgurat li l-miżuri adottati ma jpoġġux piżijiet addizzjonali mhux ġustifikati fuq is-sajjieda professjonali.***

Or. es

Emenda 237
Željana Zovko

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jappella għall-integrazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura fl-MSP, sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet li jaffettwaw is-sajd u l-akkwakultura, bħall-erożjoni kostali, iż-żieda fit-temperaturi, l-aċidifikazzjoni tal-oċeani u t-tniġġis;	32. ***32.*** Jappella għall-integrazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura fl-MSP, sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet li jaffettwaw is-sajd u l-akkwakultura, bħall-erożjoni kostali, iż-żieda fit-temperaturi ***akkwatiċi, speċi invażivi***, l-aċidifikazzjoni tal-oċeani u t-tniġġis; ***jenfasizza l-istat kritiku ta' konservazzjoni tal-ispeċi emblematiċi tal-Mediterran, bħall-Pinna nobilis (qoxra nobbli tal-pinen); jisħaq fuq il-ħtieġa li l-MSP tinkorpora miżuri mmirati ta' protezzjoni u restawr għal speċijiet tal-baħar f'periklu serju, abbażi ta' evidenza xjentifika u f'kooperazzjoni mill-qrib mas-sajjieda lokali; jissottolinja li s-sajjieda jista' jkollhom rwol ewlieni fl-isforzi ta' monitoraġġ, identifikazzjoni bikrija u konservazzjoni, dment li jkunu involuti, imħarrġa u appoġġjati kif xieraq.***

Or. en

Emenda 238
Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jappella għall-integrazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura fl-MSP, sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet li jaffettwaw is-sajd u l-akkwakultura, bħall-	32. Jappella għall-integrazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura fl-MSP, sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet li jaffettwaw is-sajd u l-akkwakultura, bħall-

erożjoni kostali, iż-żieda fit-temperaturi, l-aċidifikazzjoni tal-oċeani u t-tniġġis;

erożjoni kostali, iż-żieda fit-temperaturi, l-aċidifikazzjoni tal-oċeani u t-tniġġis; ***jitlob li jiġu stabbiliti miri u limiti legalment vinkolanti, jiġu introdotti kriterji għal prinċipju ta' nuqqas ta' deterjorament, tissaħħaħ il-kooperazzjoni transfruntiera, jiġu infurzati l-miżuri ta' restawr tan-natura u ta' protezzjoni tal-baħar kif ukoll il-miri u l-miżuri ta' adattament u reżiljenza għat-tibdil fil-klima, u jiġu żgurati dispożizzjonijiet ta' infurzar b'saħħithom;***

Or. en

Emenda 239
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jappella għall-integrazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura fl-MSP, sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet li jaffettwaw is-sajd u l-akkwakultura, bħall-erożjoni kostali, iż-żieda fit-temperaturi, l-aċidifikazzjoni tal-oċeani u t-tniġġis;	32. Jappella għall-integrazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura fl-MSP, sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet li jaffettwaw is-sajd u l-akkwakultura, bħall-erożjoni kostali, iż-żieda fit-temperaturi, ***li qed iġibu speċi aljeni fl-ilmijiet tal-UE,*** l-aċidifikazzjoni tal-oċeani u t-tniġġis;

Or. it

Emenda 240
Ana Miranda Paz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jappella għall-integrazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura fl-	32. Jappella għall-integrazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura fl-

MSP, sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet li jaffettwaw is-sajd u l-akkwakultura, bħall-erożjoni kostali, iż-żieda fit-temperaturi, l-aċidifikazzjoni tal-oċeani u t-tniġġis;

MSP, sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet li jaffettwaw is-sajd u l-akkwakultura, bħall-erożjoni kostali, iż-żieda fit-temperaturi, l-aċidifikazzjoni tal-oċeani u t-tniġġis ***kemm minn sorsi bbażati fuq l-art u kif ukoll minn sorsi tal-baħar***;

Or. en

Emenda 241
Eric Sargiacomo, Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jappella għall-integrazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura fl-MSP, sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet li jaffettwaw is-sajd u l-akkwakultura, bħall-erożjoni kostali, iż-żieda fit-temperaturi, l-aċidifikazzjoni tal-oċeani u ***t-tniġġis***;	32. Jappella għall-integrazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura fl-MSP, sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet li jaffettwaw is-sajd u l-akkwakultura, bħall-erożjoni kostali, iż-żieda fit-temperaturi, l-aċidifikazzjoni tal-oċeani u ***tniġġis kimiku, batterjoloġiku, radjuattiv u akustiku, kif ukoll l-impatti kumulattivi***;

Or. fr

Emenda 242
Carmen Crespo Díaz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
32. Jappella għall-integrazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima ***u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura*** fl-MSP, sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet li jaffettwaw is-sajd u l-akkwakultura, bħall-erożjoni kostali, iż-żieda fit-temperaturi, l-aċidifikazzjoni tal-oċeani u t-tniġġis;	32. Jappella għall-integrazzjoni ta' miżuri ta' mitigazzjoni tat-tibdil fil-klima fl-MSP, sabiex jiġu indirizzati kwistjonijiet li jaffettwaw is-sajd u l-akkwakultura, bħall-erożjoni kostali, iż-żieda fit-temperaturi, l-aċidifikazzjoni tal-oċeani u t-tniġġis;

Or. es

Emenda 243
Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	32a. jenfasizza l-effetti tal-erożjoni tal-kosta u l-irtirar tax-xatt fuq il-kosti, speċjalment f'żoni fejn l-attivitajiet tal-akkwakultura huma stabbiliti u żviluppati; jitlob, f'dan ir-rigward, l-implimentazzjoni ta' pjan Ewropew għar-reżiljenza kostali, li jinkorpora l-ġestjoni integrata taż-żoni kostali, l-interazzjonijiet bejn l-art u l-baħar, it-tniġġis tal-baħar u tal-art, il-miżuri ta' adattament kostali u l-appoġġ immirat għall-akkwakultura;

Or. en

Emenda 244
Carmen Crespo Díaz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	32a. Jenfasizza li l-koeżistenza bejn l-użi għandha tinkludi kriterji speċifiċi skont it-tip ta' rkaptu tas-sajd, u li għandhom jiġu evitati esklużjonijiet awtomatiċi mingħajr ġustifikazzjoni xjentifika, speċjalment fir-rigward tat-tkarkir regolat u f'żoni bi tradizzjoni twila ta' sajd;

Or. es

Emenda 245
France Jamet, António Tânger Corrêa, Ton Diepeveen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 32a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	***32a. Jinsab imħasseb ħafna dwar ir-riforma proposta mill-Kummissjoni tad-diversi fondi strutturali u l-QFP il-ġdid, li se tnaqqas b'mod sinifikanti r-riżorsi allokati għas-sajd u b'hekk tipperikola t-titjib fl-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu;**

Or. fr

Emenda 246
Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
33. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu allokati riżorsi sinifikanti għall-ġbir tad-data u r-riċerka xjentifika, kif ukoll li jissaħħu l-kondiviżjoni u l-koordinazzjoni tad-data bejn l-Istati Membri; jemmen li data u metodoloġiji aktar standardizzati u armonizzati se jgħinu biex jiġi żgurat il-post tas-sajd u tal-akkwakultura fl-MSP; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li tiġi żviluppata u aġġornata data xjentifika dwar l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq ir-riżorsi tas-sajd, b'mod partikolari f'termini ta' bidliet ***fl-istokkijiet*** tal-ħut jew l-ispostament ***tagħhom***;	33. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu allokati riżorsi sinifikanti għall-ġbir tad-data u r-riċerka xjentifika, kif ukoll li jissaħħu l-kondiviżjoni u l-koordinazzjoni tad-data bejn l-Istati Membri; jemmen li data u metodoloġiji aktar standardizzati u armonizzati se jgħinu biex jiġi żgurat il-post tas-sajd u tal-akkwakultura fl-MSP; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li tiġi żviluppata u aġġornata data xjentifika dwar l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq ir-riżorsi tas-sajd, b'mod partikolari f'termini ta' bidliet ***fid-distribuzzjoni ġeografika tal-istokkijiet*** tal-ħut***, iż-żoni ta' riproduzzjoni*** jew l-ispostament ***tal-istokkijiet tal-ħut***;

Or. en

Emenda 247

Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
33. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu allokati riżorsi sinifikanti għall-ġbir tad-data u r-riċerka xjentifika, kif ukoll li jissaħħu l-kondiviżjoni u l-koordinazzjoni tad-data bejn l-Istati Membri; jemmen li data u metodoloġiji aktar standardizzati u armonizzati se jgħinu biex jiġi żgurat il-post tas-sajd u tal-akkwakultura fl-MSP; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li tiġi żviluppata u aġġornata data xjentifika dwar l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq ir-riżorsi ***tas-sajd***, b'mod partikolari f'termini ta' bidliet fl-istokkijiet tal-ħut jew l-ispostament tagħhom;	33. Jisħaq fuq il-ħtieġa li jiġu allokati riżorsi sinifikanti għall-ġbir tad-data u r-riċerka xjentifika, kif ukoll li jissaħħu l-kondiviżjoni u l-koordinazzjoni tad-data bejn l-Istati Membri; jemmen li data u metodoloġiji aktar standardizzati u armonizzati se jgħinu biex jiġi żgurat il-post tas-sajd u tal-akkwakultura fl-MSP; jenfasizza, f'dan ir-rigward, il-ħtieġa li tiġi żviluppata u aġġornata data xjentifika dwar l-impatt tat-tibdil fil-klima fuq ir-riżorsi ***akkwatiċi marini***, b'mod partikolari f'termini ta' bidliet fl-istokkijiet tal-ħut jew l-ispostament tagħhom;

Or. en

Emenda 248
Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	33a. iqis li l-Inizjattiva Ewropea għall-Osservazzjoni tal-Oċeani futura għandha ssaħħaħ u tarmonizza l-ġbir tad-data dwar il-baħar, u b'hekk tikkontribwixxi għal ippjanar spazjali marittimu mtejjeb; jitlob ukoll li l-potenzjal tat-Tewmi Diġitali Ewropew tal-Oċean jintuża biex jinftiehmu u jiġu antiċipati aħjar l-effetti tat-tibdil fil-klima fuq l-istat tal-ibħra u r-riżorsi tal-baħar, u biex jiġu żviluppati strateġiji xierqa ta' ppjanar marittimu;

Or. en

Emenda 249
Eric Sargiacomo, Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	33a. Jenfasizza li l-involviment attiv tas-sajjieda fit-tfassil, il-ġestjoni u l-evalwazzjoni taż-żoni tal-baħar protetti jikkontribwixxi għal effettività ambjentali akbar, aċċettazzjoni akbar tal-miżuri ta' konservazzjoni u integrazzjoni aħjar ta' dawn iż-żoni fl-ippjanar tal-ispazju marittimu;

Or. fr

Emenda 250
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	33a. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-MSP tiġi kkombinata mal-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u ma' Orizzont Ewropa sabiex jitrawmu r-riċerka u l-innovazzjoni f'oqsma ddeżinjati speċifikament għal użi sostenibbli u innovattivi;

Or. pt

Emenda 251
Sander Smit, Isabelle Le Callennec, Marco Falcone, Carmen Crespo Díaz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	33a. Jappoġġja approċċ aktar b'saħħtu tal-baċir tal-baħar għall-MSP, li jiżgura li s-sajd jiġi integrat bis-sħiħ fl-oqfsa ta' ppjanar transfruntier u ma jkunx żvantaġġat minn deċiżjonijiet nazzjonali frammentati;

Or. en

Emenda 252
Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 33b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	33b. jemmen li l-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jinkoraġġixxu l-użu ta' teknoloġiji diġitali bħall-għodod Ewropej tal-intelliġenza artifiċjali biex jappoġġjaw l-ippjanar tal-ispazju marittimu;

Or. en

Emenda 253
Eric Sargiacomo, Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
34. Jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja b'mod rigoruż l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-MSP; iqis li r-rapport ta' evalwazzjoni li jmiss tad-Direttiva dwar l-MSP għandu jiffoka fuq l-implikazzjonijiet spazjali għas-sajd u l-akkwakultura, l-involviment tal-partijiet ikkonċernati u l-kooperazzjoni transfruntiera, u jipprovdi	34. Jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja b'mod rigoruż l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-MSP; iqis li r-rapport ta' evalwazzjoni li jmiss tad-Direttiva dwar l-MSP għandu jiffoka fuq l-implikazzjonijiet spazjali għas-sajd u l-akkwakultura, l-involviment tal-partijiet ikkonċernati u l-kooperazzjoni transfruntiera, u jipprovdi

rakkomandazzjonijiet dwar kif id-Direttiva dwar l-MSP tista' tagħti riżultati aħjar f'termini ta' sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ekonomika;	rakkomandazzjonijiet dwar kif id-Direttiva dwar l-MSP tista' tagħti riżultati aħjar f'termini ta' sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ekonomika; ***iqis li l-ippjanar tal-ispazju marittimu għandu jiġi vvalutat f'termini ta' ġustizzja spazjali, mifhuma bħala d-distribuzzjoni ekwa tal-benefiċċji u r-restrizzjonijiet fost il-partijiet ikkonċernati, it-territorji u l-ġenerazzjonijiet, u mhux biss f'termini tal-effiċjenza ekonomika jew amministrattiva tiegħu;***
	Or. fr

Emenda 254
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
34. Jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja b'mod rigoruż l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-MSP; iqis li r-rapport ta' evalwazzjoni li jmiss tad-Direttiva dwar l-MSP għandu jiffoka fuq l-implikazzjonijiet spazjali għas-sajd u l-akkwakultura, l-involviment tal-partijiet ikkonċernati u l-kooperazzjoni transfruntiera, u jipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar kif id-Direttiva dwar l-MSP tista' tagħti riżultati aħjar f'termini ta' sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ekonomika;	34. Jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja b'mod rigoruż l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-MSP; iqis li r-rapport ta' evalwazzjoni li jmiss tad-Direttiva dwar l-MSP għandu jiffoka fuq l-implikazzjonijiet spazjali għas-sajd u l-akkwakultura, ***kif ukoll il-kisba tal-miri tal-bijodiversità, tal-klima u tal-enerġija rinnovabbli,*** l-involviment tal-partijiet ikkonċernati u l-kooperazzjoni transfruntiera, u jipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar kif id-Direttiva dwar l-MSP tista' tagħti riżultati aħjar f'termini ta' sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ekonomika;
	Or. en

Emenda 255
Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 34

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
34. Jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja b'mod rigoruż l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-MSP; iqis li r-rapport ta' evalwazzjoni li jmiss tad-Direttiva dwar l-MSP għandu jiffoka fuq l-implikazzjonijiet spazjali għas-sajd u l-akkwakultura, l-involviment tal-partijiet ikkonċernati u l-kooperazzjoni transfruntiera, u jipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar kif id-Direttiva dwar l-MSP tista' tagħti riżultati aħjar f'termini ta' sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ekonomika;	34. Jistieden lill-Kummissjoni tissorvelja b'mod rigoruż l-implimentazzjoni tad-Direttiva dwar l-MSP; iqis li r-rapport ta' evalwazzjoni li jmiss tad-Direttiva dwar l-MSP għandu jiffoka fuq l-implikazzjonijiet spazjali għas-sajd u l-akkwakultura, l-involviment tal-partijiet ikkonċernati u l-kooperazzjoni transfruntiera, u ***l-kisba tal-miri tal-bijodiversità, tal-klima u l-enerġija rinnovabbli u*** jipprovdi rakkomandazzjonijiet dwar kif id-Direttiva dwar l-MSP tista' tagħti riżultati aħjar f'termini ta' sostenibbiltà ambjentali, soċjali u ekonomika;

Or. en

Emenda 256
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
35. Jistieden lill-Kummissjoni tikkonsolida l-Pjattaforma Ewropea għall-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu billi tipprovdi eżempji ta' proġetti tal-MSP, għodod ta' mmappjar u prattiki tajbin; iħeġġeġ, f'dan ir-rigward, lill-Istati Membri jagħmlu użu akbar minn din il-pjattaforma meta jiżviluppaw il-pjanijiet tal-ispazju marittimu tagħhom;	35. Jistieden lill-Kummissjoni tikkonsolida l-Pjattaforma Ewropea għall-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu billi tipprovdi eżempji ta' proġetti tal-MSP, għodod ta' mmappjar u prattiki tajbin; iħeġġeġ, f'dan ir-rigward, lill-Istati Membri jagħmlu użu akbar minn din il-pjattaforma meta jiżviluppaw il-pjanijiet tal-ispazju marittimu tagħhom; ***iħeġġeġ lill-Istati Membri jwettqu riċerka sabiex jidentifikaw oqsma li huma partikolarment adattati għall-iżvilupp tal-enerġija mir-riħ lil hinn mill-kosta, filwaqt li jqisu l-ġlied u s-sinerġiji ma' użi marittimi u kostali oħra;***

Or. it

Emenda 257
Eric Sargiacomo, Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 35

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
35. Jistieden lill-Kummissjoni tikkonsolida l-Pjattaforma Ewropea għall-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu billi tipprovdi eżempji ta' proġetti tal-MSP, għodod ta' mmappjar u prattiki tajbin; iħeġġeġ, f'dan ir-rigward, lill-Istati Membri jagħmlu użu akbar minn din il-pjattaforma meta jiżviluppaw il-pjanijiet tal-ispazju marittimu tagħhom;	35. Jistieden lill-Kummissjoni tikkonsolida l-Pjattaforma Ewropea għall-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu billi tipprovdi eżempji ta' proġetti tal-MSP, għodod ta' mmappjar u prattiki tajbin; iħeġġeġ, f'dan ir-rigward, lill-Istati Membri jagħmlu użu akbar minn din il-pjattaforma meta jiżviluppaw il-pjanijiet tal-ispazju marittimu tagħhom ***sabiex jiffaċilitaw deċiżjonijiet ta' politika trasparenti mingħajr ma jeskludu konsultazzjoni ġenwina fir-riżoluzzjoni tal-kunflitti ta' użu u interessi***;

Or. fr

Emenda 258
Eric Sargiacomo, Idoia Mendia

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
36. Jappoġġja r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-MSP bħala parti mill-"att dwar l-oċeani" mistenni fl-2026; iqis li din ir-reviżjoni għandha tistabbilixxi qafas koerenti biex ittejjeb il-koordinazzjoni bejn il-leġiżlazzjoni u l-qafas regolatorju eżistenti, billi tissimplifika r-regolamenti li jikkoinċidu, tallinja l-objettivi, tintroduċi miri aktar vinkolanti u li jistgħu jitkejlu fil-pjanijiet tal-ispazju marittimu, ittejjeb il-koerenza bejn l-ippjanar spazjali tal-baħar	36. Jappoġġja r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-MSP bħala parti mill-"att dwar l-oċeani" mistenni fl-2026; iqis li din ir-reviżjoni għandha tistabbilixxi qafas koerenti biex ittejjeb il-koordinazzjoni bejn il-leġiżlazzjoni u l-qafas regolatorju eżistenti, billi tissimplifika r-regolamenti li jikkoinċidu, tallinja l-objettivi, tintroduċi miri aktar vinkolanti u li jistgħu jitkejlu fil-pjanijiet tal-ispazju marittimu, ittejjeb il-koerenza bejn l-ippjanar spazjali tal-baħar

u tal-art, u tistabbilixxi għodod ta' governanza kondiviża; iqis li r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-MSP għandha tapprofondixxi wkoll l-approċċ transfruntier u b'użu multiplu u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati;

u tal-art, u tistabbilixxi għodod ta' governanza kondiviża; iqis li ***din ir-reviżjoni għandha, b'mod partikolari, tagħmel id-dispożizzjonijiet dwar il-parteċipazzjoni tal-partijiet ikkonċernati — speċjalment il-komunitajiet kostali u tas-sajjieda — legalment vinkolanti billi tintroduċi rekwiżiti minimi komuni applikabbli għall-Istati Membri kollha; iqis li dan ir-rieżami għandu jinkorpora b'mod espliċitu l-objettivi soċjali u territorjali, inkluża l-protezzjoni tad-drittijiet soċjali tal-ħaddiema marittimi, billi jintroduċi indikaturi li jistgħu jitkejlu relatati mal-impjiegi, is-sikurezza u l-koeżjoni territorjali; iqis li*** r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-MSP għandha tapprofondixxi wkoll l-approċċ transfruntier u b'użu multiplu u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati;

Or. fr

Emenda 259
Stéphanie Yon-Courtin

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
36. Jappoġġja r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-MSP bħala parti mill-"att dwar l-oċeani" mistenni fl-2026; iqis li din ir-reviżjoni għandha tistabbilixxi qafas koerenti biex ittejjeb il-koordinazzjoni bejn il-leġiżlazzjoni u l-qafas regolatorju eżistenti, billi tissimplifika r-regolamenti li jikkoinċidu, tallinja l-objettivi, tintroduċi miri aktar vinkolanti u li jistgħu jitkejlu fil-pjanijiet tal-ispazju marittimu, ittejjeb il-koerenza bejn l-ippjanar spazjali tal-baħar u tal-art, u tistabbilixxi għodod ta' governanza kondiviża; iqis li r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-MSP għandha tapprofondixxi wkoll l-approċċ transfruntier u b'użu multiplu u l-	36. Jappoġġja r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-MSP bħala parti mill-"att dwar l-oċeani" mistenni fl-2026; iqis li din ir-reviżjoni għandha tistabbilixxi qafas koerenti biex ittejjeb il-koordinazzjoni bejn il-leġiżlazzjoni u l-qafas regolatorju eżistenti, billi tissimplifika r-regolamenti li jikkoinċidu, tallinja l-objettivi, tintroduċi miri aktar vinkolanti u li jistgħu jitkejlu fil-pjanijiet tal-ispazju marittimu, ittejjeb il-koerenza bejn l-ippjanar spazjali tal-baħar u tal-art, u tistabbilixxi għodod ta' governanza kondiviża; iqis li r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-MSP għandha tapprofondixxi wkoll l-approċċ transfruntier u b'użu multiplu u l-

involviment tal-partijiet ikkonċernati;	involviment tal-partijiet ikkonċernati; ***iqis li l-Att dwar l-Oċeani għandu jinvolvi t-territorji kollha tal-UE u jqis il-karatteristiċi speċifiċi tagħhom, b'mod partikolari fil-każ tar-reġjuni ultraperiferiċi u l-pajjiżi u t-territorji ekstra-Ewropej;***

Or. en

Emenda 260
Luke Ming Flanagan

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
36. Jappoġġja r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-MSP bħala parti mill-"att dwar l-oċeani" ***mistenni*** fl-2026; iqis li din ir-reviżjoni għandha tistabbilixxi qafas koerenti biex ittejjeb il-koordinazzjoni bejn il-leġiżlazzjoni u l-qafas regolatorju eżistenti, billi tissimplifika r-regolamenti li jikkoinċidu, tallinja l-objettivi, tintroduċi miri aktar vinkolanti u li jistgħu jitkejlu fil-pjanijiet tal-ispazju marittimu, ittejjeb il-koerenza bejn l-ippjanar spazjali tal-baħar u tal-art, u tistabbilixxi għodod ta' governanza kondiviża; iqis li r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-MSP għandha tapprofondixxi wkoll l-approċċ transfruntier u b'użu multiplu u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati;	36. Jappoġġja r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-MSP bħala parti mill-"att dwar l-oċeani" ***li l-proposta għalih hija mistennija*** fl-2026; iqis li din ir-reviżjoni għandha tistabbilixxi qafas ***regolatorju*** koerenti biex ittejjeb il-koordinazzjoni bejn il-leġiżlazzjoni u l-qafas regolatorju eżistenti, billi tissimplifika r-regolamenti li jikkoinċidu, ***issaħħaħ u*** tallinja l-objettivi ***għar-restawr tal-ekosistemi tal-baħar u t-tranżizzjoni lejn ekonomija blu ekwa u riġenerattiva***, tintroduċi miri aktar vinkolanti u li jistgħu jitkejlu fil-pjanijiet tal-ispazju marittimu, ittejjeb il-koerenza bejn l-ippjanar spazjali tal-baħar u tal-art, u tistabbilixxi għodod ta' governanza kondiviża; iqis li r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-MSP għandha tapprofondixxi wkoll l-approċċ transfruntier u b'użu multiplu ***biex jittaffew l-impatti kumulattivi u biex jissaħħaħ*** l-involviment tal-partijiet ikkonċernati;

Or. en

Emenda 261
Marco Falcone

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
36. Jappoġġja r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-MSP bħala parti mill-"att dwar l-oċeani" mistenni fl-2026; iqis li din ir-reviżjoni għandha tistabbilixxi qafas koerenti biex ittejjeb il-koordinazzjoni bejn il-leġiżlazzjoni u l-qafas regolatorju eżistenti, billi tissimplifika r-regolamenti li jikkoinċidu, tallinja l-objettivi, tintroduċi miri aktar vinkolanti u li jistgħu jitkejlu fil-pjanijiet tal-ispazju marittimu, ittejjeb il-koerenza bejn l-ippjanar spazjali tal-baħar u tal-art, u tistabbilixxi għodod ta' governanza kondiviża; iqis li r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-MSP għandha tapprofondixxi wkoll l-approċċ transfruntier u b'użu multiplu u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati;	36. Jappoġġja r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-MSP bħala parti mill-"att dwar l-oċeani" mistenni fl-2026; iqis li din ir-reviżjoni għandha tistabbilixxi qafas koerenti biex ittejjeb il-koordinazzjoni bejn il-leġiżlazzjoni u l-qafas regolatorju eżistenti, billi tissimplifika r-regolamenti li jikkoinċidu, tallinja l-objettivi, tintroduċi miri aktar vinkolanti u li jistgħu jitkejlu fil-pjanijiet tal-ispazju marittimu, ittejjeb il-koerenza bejn l-ippjanar spazjali tal-baħar u tal-art, u tistabbilixxi għodod ta' governanza kondiviża; iqis li r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-MSP għandha tapprofondixxi wkoll l-approċċ transfruntier u b'użu multiplu u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati; ***jenfasizza l-ħtieġa, barra minn hekk, li jiġi inkorporat b'mod espliċitu l-prinċipju tal-insularità billi jiġu pprovduti miżuri speċifiċi u arranġamenti flessibbli għall-gżejjer u r-reġjuni ultraperiferiċi;***

Or. it

Emenda 262
France Jamet, António Tânger Corrêa, Ton Diepeveen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
36. Jappoġġja r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-MSP ***bħala parti mill-"att dwar l-oċeani" mistenni fl-2026;*** iqis li din ir-reviżjoni għandha tistabbilixxi qafas koerenti biex ittejjeb il-koordinazzjoni bejn il-leġiżlazzjoni u l-qafas regolatorju eżistenti, billi tissimplifika r-regolamenti li jikkoinċidu, tallinja ***l-objettivi, tintroduċi***	36. Jappoġġja r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-MSP***:*** iqis li din ir-reviżjoni għandha tistabbilixxi qafas koerenti biex ittejjeb il-koordinazzjoni bejn il-leġiżlazzjoni u l-qafas regolatorju eżistenti, billi tissimplifika r-regolamenti li jikkoinċidu, tallinja miri li jistgħu jitkejlu fil-pjanijiet tal-ispazju marittimu, ittejjeb

miri ***aktar vinkolanti u*** li jistgħu jitkejlu fil-pjanijiet tal-ispazju marittimu, ittejjeb il-koerenza bejn l-ippjanar spazjali tal-baħar u tal-art, u tistabbilixxi għodod ta' governanza kondiviża; iqis li r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-MSP għandha ***tapprofondixxi wkoll l-approċċ transfruntier u b'użu multiplu u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati***;	il-koerenza bejn l-ippjanar spazjali tal-baħar u tal-art, u tistabbilixxi għodod ta' governanza kondiviża; iqis li r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-MSP għandha ***tiżgura li l-ispirtu tad-direttiva oriġinali jiġi ppreservat, filwaqt li tħalli flessibbiltà konsiderevoli lill-Istati Membri***;

Or. fr

Emenda 263
Francisco José Millán Mon, Gabriel Mato

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
36. Jappoġġja r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-MSP bħala parti mill-"att dwar l-oċeani" mistenni fl-2026; iqis li din ir-reviżjoni għandha tistabbilixxi qafas koerenti biex ittejjeb il-koordinazzjoni bejn il-leġiżlazzjoni u l-qafas regolatorju eżistenti, billi tissimplifika r-regolamenti li jikkoinċidu, tallinja l-objettivi, tintroduċi miri aktar vinkolanti u li jistgħu jitkejlu fil-pjanijiet tal-ispazju marittimu, ittejjeb il-koerenza bejn l-ippjanar spazjali tal-baħar u tal-art, u tistabbilixxi għodod ta' governanza kondiviża; iqis li r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-MSP għandha tapprofondixxi wkoll l-approċċ transfruntier u b'użu multiplu u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati;	36. Jappoġġja r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-MSP bħala parti mill-"att dwar l-oċeani" mistenni fl-2026; iqis li din ir-reviżjoni għandha tistabbilixxi qafas koerenti biex ittejjeb il-koordinazzjoni bejn il-leġiżlazzjoni u l-qafas regolatorju eżistenti, billi tissimplifika r-regolamenti li jikkoinċidu, tallinja l-objettivi, ittejjeb il-koerenza bejn l-ippjanar spazjali tal-baħar u tal-art, u tistabbilixxi għodod ta' governanza kondiviża; iqis li r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-MSP għandha tapprofondixxi wkoll l-approċċ transfruntier u b'użu multiplu u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati; ***ma għandha timponi l-ebda obbligu ġdid ieħor lil hinn mill-acquis eżistenti tal-Unjoni fl-oqsma tal-enerġija, tat-trasport, tas-sajd u tal-ambjent;***

Or. en

Emenda 264
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
36. Jappoġġja r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-MSP bħala parti mill-"att dwar l-oċeani" mistenni fl-2026; iqis li din ir-reviżjoni għandha tistabbilixxi qafas koerenti biex ittejjeb il-koordinazzjoni bejn il-leġiżlazzjoni u l-qafas regolatorju eżistenti, billi tissimplifika r-regolamenti li jikkoinċidu, tallinja l-objettivi, ***tintroduċi miri aktar vinkolanti u li jistgħu jitkejlu fil-pjanijiet tal-ispazju marittimu,*** ittejjeb il-koerenza bejn l-ippjanar spazjali tal-baħar u tal-art, u tistabbilixxi għodod ta' governanza kondiviża; iqis li r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-MSP għandha tapprofondixxi wkoll l-approċċ transfruntier u b'użu multiplu u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati;	36. Jappoġġja r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-MSP bħala parti mill-"att dwar l-oċeani" mistenni fl-2026; iqis li din ir-reviżjoni għandha tistabbilixxi qafas koerenti biex ittejjeb il-koordinazzjoni bejn il-leġiżlazzjoni u l-qafas regolatorju eżistenti, billi tissimplifika r-regolamenti li jikkoinċidu, tallinja l-objettivi, ittejjeb il-koerenza bejn l-ippjanar spazjali tal-baħar u tal-art, u tistabbilixxi għodod ta' governanza kondiviża; iqis li r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-MSP għandha tapprofondixxi wkoll l-approċċ transfruntier u b'użu multiplu u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati;

Or. en

Emenda 265
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
36. Jappoġġja r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-MSP bħala parti mill-"att dwar l-oċeani" mistenni fl-2026; iqis li ***din ir-reviżjoni għandha tistabbilixxi*** qafas koerenti biex ***ittejjeb*** il-koordinazzjoni bejn il-leġiżlazzjoni u l-qafas regolatorju eżistenti, billi ***tissimplifika*** r-regolamenti li jikkoinċidu, ***tallinja*** l-objettivi, ***tintroduċi*** miri aktar vinkolanti u li jistgħu jitkejlu fil-pjanijiet tal-ispazju marittimu, ***ittejjeb*** il-koerenza bejn l-ippjanar spazjali tal-baħar u tal-art, u ***tistabbilixxi*** għodod ta' governanza kondiviża; iqis li ***r-reviżjoni***	36. Jappoġġja r-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-MSP ***u d-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina*** bħala parti ***ewlenija*** mill-"att dwar l-oċeani" mistenni fl-2026; iqis li ***dawn ir-reviżjonijiet b'mod konġunt għandhom jistabbilixxu*** qafas koerenti biex ***tittejjeb*** il-koordinazzjoni bejn il-leġiżlazzjoni u l-qafas regolatorju eżistenti, billi ***jiġu ssimplifikati*** r-regolamenti li jikkoinċidu, ***jiġu allinjati*** l-objettivi, ***jiġu introdotti*** miri aktar vinkolanti u li jistgħu jitkejlu fil-pjanijiet tal-ispazju marittimu, ***tittejjeb*** il-koerenza bejn l-ippjanar spazjali

tad-Direttiva dwar l-MSP ***għandha tapprofondixxi*** wkoll l-approċċ transfruntier u b'użu multiplu u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati;	tal-baħar u tal-art, u ***jiġu stabbiliti*** għodod ta' governanza kondiviża; iqis li ***r-reviżjonijiet*** tad-Direttiva dwar l-MSP ***u tad-Direttiva Kwadru dwar l-Istrateġija Marina għandhom japprofondixxu*** wkoll l-approċċ transfruntier u b'użu multiplu u l-involviment tal-partijiet ikkonċernati;

Or. en

Emenda 266
Carmen Crespo Díaz

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36a. Jappella għar-reviżjoni tad-Direttiva dwar l-Ippjanar tal-Ispazju Marittimu u l-Liġi futura dwar l-Oċeani biex is-sajd jiġi rikonoxxut b'mod espliċitu bħala użu prijoritarju tal-ispazju marittimu li huwa ta' interess pubbliku ġenerali u strateġiku għall-Unjoni Ewropea, kif isir għal infrastrutturi kritiċi oħra;

Or. es

Emenda 267
Sander Smit, Isabelle Le Callennec, Marco Falcone, Carmen Crespo Díaz, Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 36a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
	36a. Jisħaq li l-Att futur tal-UE dwar l-Oċeani jrid jiżgura b'mod espliċitu spazju għas-sajd fi ħdan l-MSP, f'konformità mal-objettivi tas-sovranità tal-ikel, il-kompetittività tal-ekonomija blu u l-awtonomija strateġika;

Or. en

Emenda 268
France Jamet, António Tânger Corrêa, Ton Diepeveen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
37. Iqis li r-rieżami li jmiss tad-Direttiva dwar l-MSP għandu jkun akkumpanjat minn pjan ta' azzjoni u riżorsi finanzjarji ddedikati, b'mod partikolari fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss;	***imħassar***

Or. fr

Emenda 269
Bert-Jan Ruissen

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
37. Iqis li r-rieżami li jmiss tad-Direttiva dwar l-MSP għandu jkun akkumpanjat minn pjan ta' azzjoni u riżorsi finanzjarji ddedikati, b'mod partikolari fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss;	***imħassar***

Or. en

Emenda 270
Nora Junco García, Stephen Nikola Bartulica, Giuseppe Milazzo, Emmanouil Fragkos, Diego Solier

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
37. Iqis li r-rieżami li jmiss tad-Direttiva dwar l-MSP għandu jkun akkumpanjat minn pjan ta' azzjoni u ***riżorsi*** finanzjarji ddedikati, b'mod partikolari fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss;	37. Iqis li r-rieżami li jmiss tad-Direttiva dwar l-MSP għandu jkun akkumpanjat minn pjan ta' azzjoni ***ċar*** u ***operazzjonali u r-riżorsi*** finanzjarji ddedikati, b'mod partikolari fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss; ***jisħaq li tali riżorsi jridu jkunu suffiċjenti, prevedibbli u faċilment aċċessibbli, u li l-użu tagħhom irid jipprijoritizza miżuri b'impatt tanġibbli fuq il-kompetittività, is-sostenibbiltà ekonomika u l-adattament tas-settur tas-sajd, filwaqt li jnaqqas l-akkumulazzjoni tal-burokrazija, il-pożijiet amministrattivi bla bżonn u l-livelli intermedji ta' ġestjoni;***

Or. es

Emenda 271
Paulo Do Nascimento Cabral

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
37. Iqis li r-rieżami li jmiss tad-Direttiva dwar l-MSP għandu jkun akkumpanjat minn pjan ta' azzjoni u riżorsi finanzjarji ddedikati, b'mod partikolari fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss;	37. Iqis li r-rieżami li jmiss tad-Direttiva dwar l-MSP għandu jkun akkumpanjat minn pjan ta' azzjoni u riżorsi finanzjarji ddedikati, b'mod partikolari fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss; ***jissottolinja l-importanza li l-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea jiġi implimentat bis-sħiħ u li jiġi onorat l-impenn permanenti tal-UE għar-reġjuni ultraperiferiċi billi tiġi proposta allokazzjoni baġitarja speċifika taħt il-qafas finanzjarju pluriennali 2028–2034;***

Or. pt

Emenda 272

Sakis Arnaoutoglou

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
37. Iqis li r-rieżami li jmiss tad-Direttiva dwar l-MSP għandu jkun akkumpanjat minn pjan ta' azzjoni u riżorsi finanzjarji ddedikati, b'mod partikolari fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss;	37. Iqis li r-rieżami li jmiss tad-Direttiva dwar l-MSP għandu jkun akkumpanjat minn pjan ta' azzjoni ***komplut, objettivi definiti b'mod ċar*** u riżorsi finanzjarji ddedikati ***suffiċjenti***, b'mod partikolari fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss***, sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tagħha u jiġu evitati impatti negattivi fuq l-Istati Membri u l-partijiet ikkonċernati***;

Or. el

Emenda 273
Isabella Lövin
f'isem il-Grupp Verts/ALE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 37

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
37. Iqis li r-rieżami li jmiss tad-Direttiva dwar l-MSP għandu jkun akkumpanjat minn pjan ta' azzjoni ***u*** riżorsi finanzjarji ***ddedikati***, b'mod partikolari fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss;	37. Iqis li r-rieżami li jmiss tad-Direttiva dwar l-MSP għandu jkun akkumpanjat minn pjan ta' azzjoni ***marbut mal-implimentazzjoni tal-Patt għall-Oċeani, kif ukoll*** riżorsi finanzjarji ***suffiċjenti***, b'mod partikolari fil-qafas finanzjarju pluriennali li jmiss;

Or. en

Emenda 274
Isabelle Le Callennec

Mozzjoni għal riżoluzzjoni
Paragrafu 38

Mozzjoni għal riżoluzzjoni	*Emenda*
38. Jistieden lill-Kummissjoni tintegra bis-sħiħ l-MSP fl-iżvilupp tal-Viżjoni 2040 tagħha għas-sajd u l-akkwakultura u torbot dawn l-inizjattivi mal-konklużjoni tal-evalwazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd;	38. Jistieden lill-Kummissjoni tintegra bis-sħiħ l-MSP fl-iżvilupp tal-Viżjoni 2040 tagħha għas-sajd u l-akkwakultura u torbot dawn l-inizjattivi mal-konklużjoni tal-evalwazzjoni tal-Politika Komuni tas-Sajd ***billi jiġi pprovdut il-finanzjament meħtieġ fl-oqfsa finanzjarji pluriennali li jmiss***;

Or. fr